Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' Marzu 2023**
**(OR. en)**

**7777/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0085(COD)**

**ENV 299**
**CLIMA 156**
**CONSOM 101**
**MI 236**
**IND 143**
**COMPET 259**
**CODEC 460**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 23 ta' Marzu 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 166 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (id-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 166 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 166 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.3.2023
COM(2023) 166 final

2023/0085 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (id-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

F'Marzu 2022, il-Kummissjoni pproponiet li tiġi aġġornata l-liġi tal-Unjoni dwar il-konsumatur biex tiżgura li l-konsumaturi jkunu protetti u biex tagħtihom is-setgħa li jikkontribwixxu b'mod attiv għat-tranżizzjoni ekoloġika[1]. Din il-proposta tipprevedi regoli aktar speċifiċi (*lex specialis*) u tikkomplementa l-bidliet proposti għad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali[2] (*lex generalis*). Iż-żewġ proposti għandhom l-għan li jindirizzaw sett komuni ta' problemi billi jimplimentaw elementi differenti tal-istess pakkett ta' politika ppreferut identifikat fil-Valutazzjoni tal-Impatt ippubblikata flimkien mal-inizjattiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika[3].

### 1.1. Raġunijiet u objettivi tal-proposta

- **Ir-rwol tal-konsumaturi fl-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika**

Fil-Patt Ekoloġiku Ewropew[4], il-Kummissjoni impenjat ruħha li tiżgura li l-konsumaturi jingħataw is-setgħa li jagħmlu għażliet infurmati aħjar u li jkollhom rwol attiv fit-tranżizzjoni ekoloġika. B'mod aktar speċifiku, il-Patt Ekoloġiku Ewropew jistabbilixxi impenn biex jiġu indirizzati l-asserzjonijiet ambjentali foloz billi jiġi żgurat li x-xerrejja jirċievu informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet aktar sostenibbli u jnaqqsu r-riskju ta' "greenwashing". Sussegwentement, il-ħtieġa li jiġi indirizzat il-greenwashing ġiet stabbilita bħala prijorità kemm taħt il-Pjan ta' Azzjoni l-Ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari[5] kif ukoll taħt l-Aġenda tal-Konsumatur il-Ġdida[6]. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku[7] li ġie adottat reċentement itenni l-ħtieġa li l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu l-għażliet tagħhom abbażi ta' informazzjoni trasparenti u affidabbli dwar is-sostenibbiltà, id-durabbiltà u l-impronta tal-karbonju tal-prodotti, u jenfasizza li t-trasparenza tas-suq hija għodda li tiffaċilita l-użu ta' prodotti teknoloġikament u ambjentalment superjuri b'emissjonijiet żero netti.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stiednu lill-Kummissjoni tikkunsidra azzjoni ulterjuri fil-qasam. F'Diċembru 2020, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar "Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku"[8], il-Kunsill innota l-apprezzament tiegħu għall-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżgura li l-asserzjonijiet ambjentali jiġu ssostanzjati abbażi tal-impatti ambjentali tul iċ-ċikli tal-ħajja tal-prodotti. Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-Pjan ta' Azzjoni l-Ġdid dwar l-Ekonomija

---

1 Il-Kummissjoni Ewropea, Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni mtejba kontra prattiki żleali u permezz ta' informazzjoni aħjar, COM(2022) 143 final, disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52022PC0143&from=EN

2 Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali), *ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22–39*, kif emendata.

3 SWD(2022)85 final; EUR-Lex - 52022SC0085 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019)640.

5 COM(2020)98 final, il-11 ta' Marzu 2020.

6 COM(2020)696 final, it-13 ta' Novembru 2020.

7 COM(2023)62final, l-1 ta' Frar 2023.

8 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill 14167/20.

Ċirkolari[9], il-Parlament Ewropew appoġġa bil-qawwa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel proposti biex tirregola l-użu tal-asserzjonijiet ambjentali permezz tal-istabbiliment ta' metodi ta' kalkolu solidi u armonizzati li jkopru l-katina tal-valur sħiħa.

Il-konsumaturi jridu jkunu infurmati aħjar dwar l-impatti ambjentali tal-konsum tagħhom u jagħmlu għażliet aħjar. It-talbiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa[10] jinkludu sejħa għal aktar trasparenza fir-rigward tas-sostenibbiltà u l-impronta ambjentali tal-prodotti, b'mod partikolari fil-Proposta 5 dwar il-konsum, l-imballaġġ u l-produzzjoni sostenibbli u l-Proposta 20 dwar id-definizzjoni tal-istandards fl-UE u lil hinn minnha fil-politiki ambjentali. Il-proposta dwar l-asserzjonijiet ambjentali hija t-tweġiba tal-Kummissjoni għal din is-sejħa[11].

It-tlestija tal-qafas leġiżlattiv tal-UE li jappoġġa konsum aktar sostenibbli se tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 12.6 sabiex il-kumpaniji, speċjalment il-kumpaniji kbar u tranżnazzjonali, jiġu mħeġġa jadottaw prattiki sostenibbli u jintegraw l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà fiċ-ċiklu ta' rapportar tagħhom.

Azzjoni ulterjuri tal-UE f'dan il-qasam se jkollha wkoll impatt pożittiv fuq il-ktajjen tal-valur globali li jinvolvu l-proċessi ta' produzzjoni f'pajjiżi terzi. B'riżultat ta' dan, hija se tinċentiva lill-kumpaniji ta' pajjiżi terzi biex jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari n-negozji li jinnegozjaw fis-suq intern tal-UE. Minbarra dan, se titrawwem kooperazzjoni multilaterali ma' pajjiżi terzi biex jiġi żgurat fehim tajjeb tal-qafas regolatorju l-ġdid u l-benefiċċji tiegħu. Barra minn hekk, il-kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali bilaterali u bejn ir-reġjuni tal-UE jistgħu joħolqu opportunitajiet għall-kooperazzjoni f'konformità mal-objettivi ġenerali tal-UE biex tiżdied id-dimensjoni tas-sostenibbiltà tal-politika kummerċjali tagħha.

- **L-ostakli għat-tisħiħ tal-potenzjal tas-swieq ekoloġiċi fl-UE permezz tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-konsumatur**

Minkejja r-rieda tal-konsumaturi li jikkontribwixxu għal ekonomija aktar ekoloġika u aktar ċirkolari fil-ħajja ta' kuljum tagħhom[12], ir-rwol attiv u effettiv tagħhom f'din it-tranżizzjoni ekoloġika huwa mfixkel minn ostakli biex jagħmlu għażliet ta' konsum ambjentalment sostenibbli fil-punt tal-bejgħ, nuqqas ta' fiduċja notevoli fil-kredibbiltà tal-asserzjonijiet ambjentali u l-proliferazzjoni ta' prattiki kummerċjali qarrieqa relatati mas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti.

L-evidenza miġbura biex tappoġġa l-valutazzjoni tal-impatt[3] li takkumpanja l-proposta dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika, li takkumpanja wkoll il-proposta dwar l-asserzjonijiet ambjentali kemm permezz tal-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu tagħha[13] kif ukoll permezz tal-konsultazzjoni pubblika tagħha[14] flimkien ma' konsultazzjoni pubblika addizzjonali mwettqa fl-2020[15], tissuġġerixxi li prattiki qarrieqa, bħal greenwashing

---

9 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni ġdid għall-Ekonomija Ċirkolari (2020/2077 (INI))

10 Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, Rapport dwar l-eżitu finali, Mejju 2022

11 COM(2022)404 final

12 Il-Kummissjoni Ewropea, Studju Komportamentali dwar l-impenn tal-Konsumaturi fl-ekonomija ċirkolari, 2018, p. 10.

13 Il-Kummissjoni Ewropea, Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu: L-għoti tas-setgħa lill-konsumatur għat-tranżizzjoni ekoloġika, 2020.

14 Sommarju tal-OPC huwa disponibbli permezz tas-sit web tal-Kummissjoni Ewropea "Semma' Leħnek": https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12467-Empowering-the-consumer-for-the-green-transition

15 Prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u n-negozji – provi ta' sostenn għall-asserzjonijiet (europa.eu)

u nuqqas ta' trasparenza u kredibbiltà tat-tikketti ambjentali, iseħħu f'diversi stadji tal-vjaġġ tal-konsum: matul l-istadju tar-reklamar, l-istadju tax-xiri jew matul l-użu tal-prodotti.

***a)** Il-konsumaturi qed jiffaċċjaw il-prattika li jagħmlu asserzjonijiet ambjentali ambigwi jew mhux issostanzjati biżżejjed ("greenwashing")*

Il-proposta dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika tiddefinixxi *asserzjoni ambjentali* bħala kwalunkwe messaġġ jew rappreżentazzjoni, li ma hijiex obbligatorja skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali, inkluża rappreżentazzjoni testwali, bi stampi, grafika jew simbolika, fi kwalunkwe forma, inklużi tikketti, ismijiet ta' ditti, ismijiet ta' kumpaniji jew ismijiet ta' prodotti, fil-kuntest ta' komunikazzjoni kummerċjali, li tiddikjara jew timplika li prodott jew kummerċjant għandu impatt pożittiv jew ma għandu l-ebda impatt fuq l-ambjent jew huwa inqas ta' ħsara għall-ambjent minn prodotti jew kummerċjanti oħrajn, rispettivament, jew tejjeb l-impatt tagħhom maż-żmien[1].

Il-Kummissjoni wettqet żewġ inventarji ta' asserzjonijiet ambjentali: wieħed fl-2014[16] u wieħed fl-2020[17]. L-istudji eżaminaw kampjun ta' 150 asserzjoni ambjentali għal firxa wiesgħa ta' prodotti kontra l-prinċipji tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali[2] (UCPD): ċarezza, nuqqas ta' ambigwità, akkuratezza u verifikabbiltà. L-istudju tal-2020 sab li **sehem konsiderevoli ta' asserzjonijiet ambjentali (53,3 %) jipprovdu informazzjoni vaga, qarrieqa jew bla bażi** dwar il-karatteristiċi ambjentali tal-prodotti madwar l-UE u f'firxa wiesgħa ta' kategoriji ta' prodotti. L-inventarju tal-2020 tal-asserzjonijiet ambjentali analizza wkoll is-sostanzjar ta' tali asserzjonijiet filwaqt li ħares lejn iċ-ċarezza tagħhom, l-akkuratezza, u l-punt sa fejn huma ssostanzjati b'evidenza li tista' tiġi vverifikata. L-analiżi sabet li **40 % tal-asserzjonijiet ma kinux issostanzjati**.

Dawn ir-riżultati ġew ikkonfermati wkoll minn investigazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet tal-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur f'Novembru 2020[18]. Mit-344 asserzjoni ta' sostenibbiltà vvalutati, l-awtoritajiet qiesu li **f'aktar minn nofs il-każijiet (57.5 %), il-kummerċjant ma pprovdiex biżżejjed elementi li jippermettu ġudizzju dwar l-akkuratezza tal-asserzjoni**. F'ħafna każijiet, l-awtoritajiet kellhom diffikultajiet biex jidentifikaw jekk l-asserzjoni kinitx tkopri l-prodott kollu jew wieħed biss mill-komponenti tiegħu (50 %), kemm jekk irreferiet għall-kumpanija kif ukoll jekk għal ċerti prodotti biss (36 %) u liema stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti kienet tkopri (75 %)[19].

Minbarra dan, il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati li ġew ikkonsultati qablu li **l-greenwashing huwa problema**, bl-eċċezzjoni notevoli tar-rappreżentanti tal-industrija. Aktar minn nofshom iltaqgħu ma' asserzjonijiet qarrieqa u esprimew inqas fiduċja fid-dikjarazzjonijiet ambjentali u l-logos ġestiti minn kumpaniji jew entitajiet privati[19]. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira ta' dawk li wieġbu għall-konsultazzjonijiet immirati indikaw li l-konsumaturi ma għandhomx għarfien dwar l-impatti ambjentali tal-prodotti minħabba li l-informazzjoni ma tiġix ipprovduta jew ma hijiex disponibbli[20].

B'mod ġenerali, **il-fiduċja tal-konsumatur fl-asserzjonijiet ambjentali hija pjuttost baxxa**. Matul il-konsultazzjoni pubblika miftuħa tal-2020[15], il-pubbliku ġenerali ma qabilx

16 *Consumer Market Study on Environmental Claims for Non-Food Products*, il-Kummissjoni Ewropea 2014.

17 Asserzjonijiet ambjentali fl-UE: Valutazzjoni tal-inventarju u tal-affidabbiltà, Rapport finali, il-Kummissjoni Ewropea 2020. Disponibbli fuq https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/pdf/2020_Greenclaims_inventory.zip

18 2020 – investigazzjoni dwar asserzjonijiet ta' sostenibbiltà qarrieqa, Sweeps (europa.eu)

19 Skrinjar tas-siti web għall-"greenwashing": nofs l-asserzjonijiet ambjentali huma skarsi mill-evidenza, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_21_269

20 SWD(2022)85 final, l-Anness 2, pp. 66

mad-dikjarazzjoni li huwa jafda d-dikjarazzjonijiet ambjentali dwar il-prodotti (1.57/4.00)[21]. Il-livell ta' fiduċja kien ogħla għall-asserzjonijiet fuq il-kummerċjanti[22], iżda xorta għadu baxx (2.25/4.00).

***b)*** *Il-konsumaturi jiffaċċjaw l-użu ta' tikketti ta' sostenibbiltà li mhux dejjem ikunu trasparenti u kredibbli*

It-tikketti ambjentali huma subsett ta' asserzjonijiet ambjentali. It-tikketti huma f'forma ta' marka ta' fiduċja, marka ta' kwalità jew l-ekwivalenti li jiddistingwu u jippromwovu prodott/proċess jew negozju b'referenza għall-aspetti ambjentali tiegħu. Dawn it-tikketti xi drabi jkunu bbażati fuq skemi ta' ċertifikazzjoni (skemi ta' tikkettar ambjentali) li jiċċertifikaw li prodott/proċess jew negozju jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mill-iskema u jimmonitorjaw il-konformità.

**It-tikketti ambjentali li jeżistu fis-suq intern tal-UE huma soġġetti għal livelli differenti ta' robustezza, superviżjoni u trasparenza, jiġifieri, mudelli ta' governanza differenti.** Huwa mistenni li tiġi kkawżata konfużjoni addizzjonali minn għadd dejjem akbar ta' ekotikketti li jkopru aspetti differenti, li jadottaw approċċi operazzjonali differenti u li jkunu soġġetti għal livelli differenti ta' skrutinju (eż. il-ftuħ tal-proċess fl-iżvilupp tagħhom jew il-livell u l-indipendenza tal-awditjar u tal-verifika)[23].

Fl-istudju preparatorju biex tingħabar evidenza dwar modi kif il-konsumaturi jingħataw is-setgħa li jkollhom rwol attiv fit-tranżizzjoni ekoloġika[24], valutazzjoni ta' 232 ekotikketta attivi fl-UE eżaminat ukoll l-aspetti ta' verifika u ċertifikazzjoni tagħhom u kkonkludiet li **l-verifika ta' kważi nofs it-tikketti jew kienet dgħajfa jew inkella ma twettqitx**. Minbarra dan, il-konsumaturi ma humiex konxji mid-distinzjoni bejn it-tikketti regolati minn skemi ta' ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi u dawk ibbażati fuq "awtoċertifikazzjonijiet", jiġifieri mhux ivverifikati minn xi parti terza.

Fil-konsultazzjoni għall-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu[24] u matul il-konsultazzjonijiet immirati, **il-proliferazzjoni tat-tikketti u tal-logos tas-sostenibbiltà ġiet identifikata wkoll bħala problema importanti u persistenti madwar l-UE** mill-partijiet ikkonċernati mill-biċċa l-kbira tal-gruppi tal-partijiet ikkonċernati. Bl-istess mod, fil-konsultazzjoni pubblika miftuħa, aktar minn kwart (27 %) tal-parteċipanti għażlu "**il-proliferazzjoni u/jew in-nuqqas ta' trasparenza/fehim/affidabbiltà** tal-logos/tikketti tas-sostenibbiltà fuq il-prodotti u s-servizzi" **bħala ostaklu rilevanti** għall-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika[15].

**Din il-proliferazzjoni tat-tikketti flimkien mal-mudelli ta' governanza varjati** tagħhom timplika li l-produtturi u l-bejjiegħa bl-imnut jistgħu japplikaw varjetà ta' strateġiji meta jiġu biex jagħżlu tikketta ta' sostenibbiltà speċifika. Ħafna drabi, dan jissarraf ukoll f'kumpaniji li juru diversi tikketti biex jiggarantixxu s-sostenibbiltà tal-prodotti tagħhom. **34 % tan-negozji identifikaw il-"proliferazzjoni u/jew in-nuqqas ta' trasparenza / fehim / affidabbiltà tal-**

---

[21] Tweġibiet mogħtija fuq skali ta' Likert 1-5. Dawn ġew ikkonvertiti f'punti biex jgħinu fil-preżentazzjoni konsistenti u jirriflettu sewwa l-grad ta' qbil. It-tweġibiet "ma nafx" irċevew 0 punti, it-tweġibiet "mhux interessat xejn" jew "mhux effettiv xejn" irċevew punt wieħed – filwaqt li, fit-tarf l-ieħor tal-iskala, it-tweġibiet "interessat ħafna" jew "dejjem" irċevew 4 punti.

[22] Asserzjoni fuq kummerċjant tirreferi għal kwalunkwe asserzjoni magħmula mill-kummerċjant fuqu nnifsu bħala organizzazzjoni għall-kuntrarju ta' asserzjoni magħmula mill-kummerċjant fuq wieħed mill-prodotti tiegħu (oġġetti jew servizzi).

[23] Studju preparatorju biex tingħabar evidenza dwar modi kif il-konsumaturi jingħataw is-setgħa li jkollhom rwol attiv fit-tranżizzjoni ekoloġika, Ottubru 2021. Disponibbli fuq Proposta għal Direttiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-anness (europa.eu)

[24] Il-Kummissjoni Ewropea, Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu: L-għoti tas-setgħa lill-konsumatur għat-tranżizzjoni ekoloġika, 2020 - ħarsa ġenerali lejn il-konsultazzjonijiet fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt, paġna 69.

**logos jew tat-tikketti tas-sostenibbiltà" bħala ostaklu[15].** Tabilħaqq, il-kumpaniji li jagħmlu l-isforz biex jaderixxu ma' skemi ta' tikkettar ambjentali affidabbli jew jiżviluppawhom ikunu żvantaġġati meta mqabbla ma' kumpaniji li jużaw tikketti ambjentali mhux affidabbli, minħabba li l-konsumaturi spiss ma jkunux jistgħu jagħmlu distinzjoni. Din il-kwistjoni ġiet amplifikata bil-ħolqien rapidu ta' għadd ta' skemi ta' tikkettar (privati/volontarji) fil-livell nazzjonali / tal-Istati Membri, **li jagħmlu l-komparabbiltà bejn il-prodotti dejjem aktar diffiċli għall-konsumaturi**.

Il-feedback mill-partijiet ikkonċernati juri **appoġġ partikolarment b'saħħtu għall-azzjoni tal-UE** li kapaċi twassal għal approċċ komuni għall-għoti ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà lill-konsumaturi, **issaħħaħ il-kundizzjonijiet ekwi għan-negozju** u tillimita l-proliferazzjoni ta' tikketti u asserzjonijiet ambjentali qarrieqa fis-Suq Uniku[14].

**Il-kumpaniji li joffru prodotti verament sostenibbli huma żvantaġġati** meta mqabbla ma' dawk li ma jagħmlux dan. Huma **jirriskjaw ukoll kostijiet ta' konformità għoljin bla bżonn** hekk kif il-pajjiżi tal-UE jibdew jintroduċu soluzzjonijiet nazzjonali differenti biex jindirizzaw il-problemi deskritti hawn fuq[25].

## 1.2. Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

- **L-inizjattiva tal-UE li tagħti s-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika**

Id-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Żleali tirregola l-prattiki qarrieqa u l-ommissjonijiet qarrieqa b'dispożizzjonijiet ġenerali li jistgħu jiġu applikati għall-asserzjonijiet ambjentali fi tranżazzjonijiet min-negozju għall-konsumatur meta jaffettwaw b'mod negattiv id-deċiżjonijiet tranżazzjonali tal-konsumaturi. Hija tistieden lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur tal-Istati Membri jivvalutaw dawn il-prattiki każ b'każ wara test tad-deċiżjonijiet tranżazzjonali (valutazzjoni każ b'każ)[26]. Tistabbilixxi wkoll blacklist ta' prattiki kummerċjali[27] li fiċ-ċirkostanzi kollha għandhom jitqiesu bħala żleali mingħajr il-ħtieġa ta' valutazzjoni każ b'każ. In-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva jiġi segwit mill-konsumatur li jissottometti talba jew minn awtorità kompetenti li taġixxi fuq inizjattiva proprja.

Il-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali[1] tindirizza parzjalment il-problemi elenkati fit-Taqsima 1.1 ("greenwashing" u tikketti ta' sostenibbiltà mhux trasparenti). Hija timplimenta serje ta' miżuri dwar l-asserzjonijiet ambjentali li jirriżultaw mill-għażliet ta' politika ppreferuti, inklużi:

(1) Il-lista **tal-karatteristiċi tal-prodott li dwarhom kummerċjant ma għandux iqarraq b'konsumatur** fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2005/29/KE hija emendata biex tinkludi "**l-impatt ambjentali** jew soċjali", "id-durabbiltà" u "l-possibbiltà ta' tiswija".

---

25 Aktar tagħrif dwar il-konsegwenzi tal-problemi għas-suq tal-konsumaturi u l-ambjent huwa inkluż fl-Anness 12 ta' SWD(2022)85 final

26 L-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali") (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

27 L-Anness I tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali") (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

(2) Il-lista ta' **azzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala qarrieqa** jekk jikkawżaw jew x'aktarx **iwasslu** lill-konsumaturi medji biex jieħdu deċiżjoni tranżazzjonali li kieku ma kinux jieħdu, fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2005/29/KE, hija emendata biex tinkludi *"asserzjoni ambjentali relatata mal-prestazzjoni ambjentali futura mingħajr impenji u miri ċari, oġġettivi u verifikabbli u sistema ta' monitoraġġ indipendenti"*.

(3) Il-lista ta' **prattiki kummerċjali li jitqiesu bħala żleali fiċ-ċirkostanzi kollha**, fl-Anness I tad-Direttiva 2005/29/KE, hija estiża għal erba' prattiki assoċjati mal-greenwashing:

- Il-wiri ta' tikketta ta' sostenibbiltà li ma tkunx ibbażata fuq skema ta' ċertifikazzjoni jew li ma tkunx stabbilita mill-awtoritajiet pubbliċi.
- Meta ssir asserzjoni ambjentali ġenerika li l-kummerċjantn- ma jkunx jista' juri prestazzjoni ambjentali eċċellenti rikonoxxuta li tkun rilevanti għall-asserzjoni.
- Meta ssir asserzjoni ambjentali dwar il-prodott kollu filwaqt li tkun tikkonċerna biss ċertu aspett tal-prodott.
- Il-preżentazzjoni tar-rekwiżiti imposti mil-liġi fuq il-prodotti kollha fil-kategorija ta' prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni bħala karatteristika distintiva tal-offerta tal-kummerċjant.

Il-proposta dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika b'hekk tindirizza firxa wiesgħa ta' prattiki, prodotti u metodi ta' bejgħ b'mod aktar ġeneralizzat. Hija tipprovdi salvagwardji importanti sabiex il-konsumaturi jiġu protetti minn asserzjonijiet ambjentali qarrieqa u tikketti mhux affidabbli.

- **Atti oħrajn tal-UE li jinkoraġġixxu l-konsum sostenibbli billi jipprovdu informazzjoni ambjentali**

Minbarra l-qafas tal-protezzjoni tal-konsumatur, hemm qafas leġiżlattiv eżistenti tal-UE li jittratta l-għoti ta' informazzjoni ambjentali, jistabbilixxi rekwiżiti metodoloġiċi dwar il-kejl u l-kalkolu tal-impatti ambjentali, bħall-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni tal-UE għall-assorbimenti tal-karbonju żviluppati skont ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikazzjoni tal-Assorbimenti tal-Karbonju[28] (ladarba jiġi adottat), jew fuq informazzjoni u tikketti dwar l-impatti, l-aspetti jew il-prestazzjoni ambjentali ta' prodott jew ta' kummerċjant. Pereżempju, id-Direttiva dwar l-Ekodisinn[29] tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti obbligatorji tal-ekodisinn għall-prodotti relatati mal-enerġija biex tinkoraġġixxi r-rendiment tal-enerġija u d-disinn ċirkolari tagħhom u trawwem mudelli kummerċjali ġodda. Il-Kummissjoni adottat ukoll proposta għal Regolament ġdid dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli[30] f'Marzu 2022 biex ittejjeb b'mod sinifikanti ċ-ċirkolarità, ir-rendiment tal-enerġija, l-impatti ambjentali u aspetti oħrajn ta' sostenibbiltà ambjentali għal gruppi speċifiċi ta' prodotti prijoritarji. Hija se tippermetti l-iffissar ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni u informazzjoni għal kważi l-kategoriji kollha ta' oġġetti fiżiċi mqiegħda fis-suq tal-UE. Skont il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari u l-politika dwar il-prodotti, xi proposti oħra li saru mill-Kummissjoni jinkludu rekwiżiti ta' informazzjoni, pereżempju skont ir-Regolamenti proposti

---

28 COM(2022) 672 final

29 Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija, L 285/10

30 COM(2022) 142 final

dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini[31] u dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji[32].

Minbarra dan, hemm atti legali li jikkonċernaw it-tikketti żviluppati fil-livell tal-UE, kemm obbligatorji kif ukoll volontarji, bħall-Ekotikketta tal-UE. L-Ekotikketta tal-UE, li ġiet stabbilita fl-1992, hija t-tikketta volontarja uffiċjali għall-eċċellenza ambjentali tal-prodotti fl-UE li turi l-aqwa prestazzjoni. Ir-Regolament dwar l-Ekotikketta tal-UE[33] jistabbilixxi regoli għall-istabbiliment u l-applikazzjoni ta' din l-iskema volontarja. Leġiżlazzjoni oħra relatata tal-UE dwar it-tikketti tinkludi l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS)[34], ir-Regolamenti dwar it-tikketta tal-biedja organika[35], it-tikkettar tal-enerġija[36]u l-marka CE[37].

- **It-tlestija tas-sett ta' regoli tal-UE dwar l-asserzjonijiet ambjentali**

Biex tkompli tiġi indirizzata l-problema identifikata ta' greenwashing u tikketti ambjentali mhux affidabbli, il-qafas attwali jista' jibbenefika minn rekwiżiti aktar speċifiċi dwar asserzjonijiet mhux regolati, kemm għal gruppi ta' prodotti speċifiċi, setturi speċifiċi jew għal impatti ambjentali speċifiċi jew aspetti ambjentali speċifiċi. **Din il-proposta dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali tikkomplementa bħala *lex specialis* s-sett eżistenti ta' regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.** Il-proposta se tippermetti l-implimentazzjoni sħiħa tal-għażliet ta' politika ppreferuti identifikati fil-valutazzjoni tal-impatt, kif deskritt fit-Taqsima 3.2.

B'hekk, l-objettivi ewlenin tal-proposta dwar l-asserzjonijiet ambjentali huma li:

- Iżżid il-livell ta' protezzjoni ambjentali u tikkontribwixxi biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika lejn ekonomija ċirkolari, nadifa u newtrali għall-klima fl-UE;
- Tipproteġi lill-konsumaturi u lill-kumpaniji mill-greenwashing u tippermetti lill-konsumaturi jikkontribwixxu biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika billi jieħdu deċiżjonijiet informati dwar ix-xiri abbażi ta' asserzjonijiet u tikketti ambjentali kredibbli;
- Ittejjeb iċ-ċertezza legali fir-rigward tal-asserzjonijiet ambjentali u l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, tagħti spinta lill-kompetittività tal-operaturi ekonomiċi li jagħmlu sforzi biex iżidu s-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u l-attivitajiet tagħhom, u toħloq opportunitajiet ta' ffrankar tal-kostijiet għal tali operaturi li qed jinnegozjaw bejn il-fruntieri.

---

31 Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

32 COM/2020/798 final.

33 Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1).

34 Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS), li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

35 Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

36 Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

37 Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (riformulazzjoni) (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta, bħala *lex specialis*, huwa allinjat mal-*lex generalis* korrispondenti. Id-Direttiva riveduta dwar Prattiki Kummerċjali Żleali tkopri l-prattiki kummerċjali volontarji kollha min-negozju għall-konsumatur qabel, waqt u wara tranżazzjoni kummerċjali b'rabta ma' prodott. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta jkopri s-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' **asserzjonijiet *ambjentali* volontarji**.

Bl-istess mod, il-proposta dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika tittratta tikketti ta' sostenibbiltà li jkopru *aspetti ambjentali jew soċjali jew it-tnejn*. Madankollu, din il-proposta hija limitata għal **tikketti *ambjentali*** biss, jiġifieri dawk li jkopru l-aktar aspetti *ambjentali* ta' prodott jew kummerċjant.

Kif imsemmi, il-proposta dwar l-asserzjonijiet ambjentali **hija maħsuba biex taġixxi bħala xibka ta' sikurezza għas-setturi kollha fejn l-asserzjonijiet jew it-tikketti ambjentali ma humiex regolati fil-livell tal-UE. Hija ma għandhiex l-għan li tbiddel ir-regoli settorjali eżistenti jew futuri.** Għall-kuntrarju, ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u komunikazzjoni stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni se jieħdu preċedenza fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fil-proposta, u b'hekk għandhom jintużaw biex jissostanzjaw u jikkomunikaw l-asserzjonijiet ambjentali f'dawn l-oqsma speċifiċi.

### 1.3. Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-proposta dwar l-asserzjonijiet ambjentali tappoġġa l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tikkontribwixxi għas-soluzzjoni tal-kriżijiet trippli tat-tibdil fil-klima, tat-tniġġis u tat-telf tal-bijodiversità. Hija tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-greenwashing li ġiet identifikata bħala prijorità fil-pjan ta' azzjoni l-ġdid tal-Kummissjoni dwar l-ekonomija ċirkolari[5] u fl-aġenda l-ġdida tal-konsumatur[6]. Il-proposta se ssaħħaħ ukoll strateġiji globali bħall-pjan ta' azzjoni għal tniġġis żero[38] jew l-istrateġija għall-bijodiversità għall-2030[39] u tikkomplementa strateġiji mmirati lejn setturi speċifiċi, bħall-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"[40], jew kwistjonijiet, bħas-sejħiet għat-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma u l-użu mill-ġdid fl-istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima[41].

Kif deskritt, din il-proposta għal Direttiva dwar l-asserzjonijiet ambjentali u l-proposta li temenda d-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali jistabbilixxu b'mod konġunt qafas ta' politika koerenti biex jgħin lill-Unjoni fit-tranżizzjoni ekoloġika permezz tat-trasformazzjoni tax-xejriet tal-konsum f'direzzjoni aktar sostenibbli. Huma għandhom l-għan li jikkontribwixxu għal suq intern aktar ekoloġiku billi jinkoraġġixxu t-tnaqqis tal-impronta ambjentali tal-prodotti kkonsmati fl-Unjoni. Huma se jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħaq l-objettiv tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima li jiġu bbilanċjati l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra (GHG) fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050 billi jiġu indirizzati l-asserzjonijiet relatati mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u n-newtralità klimatika.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### 2.1 Bażi ġuridika

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li japplika għal miżuri li għandhom l-għan li jistabbilixxu jew jiżguraw il-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li jittieħed bħala bażi livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent.

[38] https://ec.europa.eu/environment/strategy/zero-pollution-action-plan_mt
[39] COM(2020) 380 final
[40] COM/2020/381 final.
[41] COM(2021) 82

**Ir-rekwiżiti differenti imposti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew minn inizjattivi privati li jirregolaw l-asserzjonijiet ambjentali joħolqu piż bla bżonn għall-kumpaniji meta jinnegozjaw b'mod transfruntier, minħabba li jeħtieġ li jikkonformaw ma' rekwiżiti differenti f'kull pajjiż. Dan jaffettwa l-kapaċità tagħhom li joperaw fis-suq intern u jieħdu vantaġġ minnu.** Fl-istess ħin, il-parteċipanti fis-suq għandhom diffikultajiet biex jidentifikaw asserzjonijiet ambjentali affidabbli u biex jieħdu deċiżjonijiet ottimali dwar ix-xiri fis-suq intern.

Għalhekk, il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-funzjonament tas-suq intern għall-atturi ekonomiċi li joperaw fis-suq intern u għall-konsumaturi li jiddependu fuq asserzjonijiet ambjentali. Il-miżuri proposti f'din id-Direttiva se jżidu l-livell ta' ħarsien tal-ambjent, filwaqt li jwasslu għal aktar armonizzazzjoni rigward ir-regolamentazzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali, u jevitaw il-frammentazzjoni tas-suq minħabba approċċi nazzjonali diverġenti li ġew introdotti jew li jiġu introdotti fin-nuqqas ta' regoli fil-livell tal-UE.
Id-dimensjoni tas-suq intern tal-ilħuq tal-objettiv ambjentali hija predominanti u, għalhekk, l-Artikolu 114 jibqa' l-bażi ġuridika xierqa.

## 2.2 Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-istabbiliment ta' sett komuni ta' regoli fis-suq intern tal-UE huwa essenzjali biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi. Jekk l-Istati Membri jaġixxu individwalment, il-livell ta' ħarsien tal-ambjent jibqa' subottimali u jkun hemm riskju li jintużaw sistemi differenti li jikkompetu ma' xulxin, abbażi ta' metodi u approċċi differenti.

**Il-proposta dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika ma tispeċifikax x'għandhom jagħmlu l-kumpaniji biex jissostanzjaw kif xieraq l-asserzjonijiet ambjentali tagħhom.** Dan imbagħad jista' jwassal għal approċċi diverġenti b'mod sinifikanti madwar l-UE biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet. Dan jifframmenta s-suq intern billi jikkawża distorsjoni tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u jeħtieġ l-emendi/il-modifiki tal-asserzjonijiet kull darba li jinqasmu l-fruntieri interni. Dan imbagħad iġib inċertezza legali u jżid il-kostijiet ta' konformità kif ukoll il-kompetizzjoni żleali fis-Suq Uniku u jimmina l-funzjonament effiċjenti tas-suq.

L-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex tippromwovi aktar armonizzazzjoni tar-rekwiżiti metodoloġiċi biex tivvaluta l-impatti ambjentali tal-prodotti, tas-servizzi u tal-organizzazzjonijiet fis-Suq Uniku kollu, filwaqt li tiddependi fuq l-esperjenzi tal-Istati Membri u l-inizjattivi privati f'dan il-qasam. **L-UE tista' ġġib valur miżjud importanti**, u aktar koordinazzjoni ġġib magħha ffrankar tal-kostijiet għall-gvernijiet u għas-settur privat.

Ir-rispons mill-partijiet ikkonċernati juri appoġġ partikolarment qawwi għall-azzjoni tal-UE li kapaċi twassal għal approċċ komuni għall-għoti ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà lill-konsumaturi u **tillimita l-proliferazzjoni tat-tikketti u l-asserzjonijiet ambjentali qarrieqa.** Kieku l-Istati Membri kellhom jaġixxu individwalment u mingħajr qafas ta' gwida, hemm riskju għoli li jispiċċaw b'ħafna sistemi differenti f'kompetizzjoni ma' xulxin li jwasslu għal suq intern frammentat, speċjalment għas-servizzi transfruntiera (pereżempju, is-servizzi diġitali).

L-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata u meħtieġa, minħabba li suq intern tal-UE armonizzat u li jiffunzjona tajjeb fir-rigward tal-asserzjonijiet ambjentali jżid il-livell ta' ħarsien tal-ambjent u jistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi għan-negozji li joperaw fl-UE. Il-proposta ttaffi wkoll id-diffikultajiet li jiffaċċjaw l-awtoritajiet nazzjonali fl-infurzar tad-dispożizzjonijiet eżistenti bbażati fuq il-prinċipji tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali f'tali oqsma kumplessi bħall-asserzjonijiet ambjentali qarrieqa. Aktar koordinazzjoni tal-UE ġġib magħha ffrankar

tal-kostijiet kemm għall-gvernijiet kif ukoll għall-atturi privati involuti, kif ukoll issaħħaħ l-ingranaġġ fuq proċessi globali relatati, inklużi l-ktajjen tal-valur globali.

### 2.3 Proporzjonalità

Il-miżuri fil-proposta ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati dwar ix-xiri u jippromwovu konsum sostenibbli, abbażi ta' informazzjoni affidabbli u vverifikata.

Il-proporzjonalità tal-kriterji ġenerali għall-asserzjonijiet ambjentali użati fil-kummerċjalizzazzjoni lejn il-konsumaturi hija żgurata bl-introduzzjoni ta' rekwiżiti uniformi li għandhom isegwu l-kumpaniji meta jagħmlu tali asserzjonijiet. Din il-proposta ma teħtieġ l-ebda metodu ta' valutazzjoni speċifiku għas-sostanzjar ta' kwalunkwe asserzjoni ambjentali partikolari u tiddependi fuq rekwiżiti ġenerali li jiġġeneraw informazzjoni affidabbli għall-konsumaturi. Il-proposta se tipprovdi wkoll lill-korpi nazzjonali kompetenti bi kriterji uniformi. **Din se tgħinhom jivvalutaw il-ġustizzja ta' kwalunkwe asserzjoni ambjentali, billi tipprovdi grad għoli ta' ċertezza legali u tiffaċilita l-attivitajiet ta' infurzar.** Hija wkoll ir-riżultat ta' kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-kontribut tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari min-negozji, inklużi l-SMEs.

Il-proporzjonalità tar-rekwiżiti fuq it-tikketti ambjentali tikkonċerna l-ġustizzja tal-wiri tagħhom fil-kummerċjalizzazzjoni lill-konsumaturi. Hemm biss għadd limitat ta' rekwiżiti uniformi biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-kredibbiltà ta' tali tikketti lejn l-utenti. Dawn ir-rekwiżiti uniformi jiżguraw li l-entitajiet li joperaw tikketti ambjentali, kif ukoll il-kumpaniji li japplikaw għal dawk it-tikketti, ma jiffaċċjawx kostijiet sproporzjonati. Fl-istess ħin, hija se tiżgura grad għoli ta' ċertezza legali għall-kumpaniji. Billi tipprovdi lill-korpi nazzjonali kompetenti bi kriterji uniformi biex jivvalutaw il-ġustizzja tal-użu ta' kwalunkwe tikketta ambjentali, din il-miżura se tiffaċilita wkoll l-attivitajiet ta' infurzar u ssegwi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

### 2.4 Għażla tal-istrument

Il-proposta hija strument legali awtonomu li ma jemendax il-leġiżlazzjoni eżistenti. Hija tistabbilixxi qafas għas-sostanzjar tal-asserzjonijiet ambjentali volontarji. Minħabba li għandha l-għan li tiżgura l-protezzjoni tal-konsumatur f'qasam regolat mid-Direttivi, tali forma legali taqbel aħjar mal-qafas legali eżistenti tal-Unjoni u dak nazzjonali u mal-mekkaniżmi ta' infurzar stabbiliti mill-Istati Membri. Għalhekk, huwa kkunsidrat li l-aktar strument xieraq huwa Direttiva.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT, IL-KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJI TA' REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR U D-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

### 3.1. Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Fil-proċess preparatorju ta' din il-proposta, il-Kummissjoni kkonsultat mal-partijiet ikkonċernati permezz ta':

- Diversi konsultazzjonijiet pubbliċi fil-kuntest tal-proposta dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika[15][42].
- Konsultazzjoni pubblika dwar il-qafas ta' politika dwar il-prodotti għall-ekonomija ċirkolari, b'taqsima ddedikata għal għażliet ta' politika futuri potenzjali bbażati fuq il-metodi tal-Impronta Ambjentali (mid-29 ta' Novembru 2018 sal-24 ta' Jannar 2019)[43]. Mill-291 rispondent, xi wħud indikaw li l-kumpaniji għandhom ikunu jistgħu jagħżlu liberament kif jiġġeneraw l-informazzjoni ambjentali, diment li jissodisfaw il-kriterji minimi biex jevitaw il-greenwashing. Ir-rispondenti enfasizzaw ukoll il-ħtieġa għal flessibbiltà fir-rigward tal-mezz ta' komunikazzjoni: ma għandux ikun obbligatorju li jintużaw tikketta jew kodiċi QR biex tiġi pprovduta l-informazzjoni, billi t-tip ta' informazzjoni u l-livell ta' dettall jistgħu jiddependu fuq l-udjenza fil-mira. Ir-rispondenti enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li jiġu offruti għodda għall-SMEs jew appoġġ mill-Kummissjoni Ewropea għall-implimentazzjoni.
- Konsultazzjonijiet immirati online li kienu jinvolvu partijiet ikkonċernati ewlenin relatati mal-metodi tal-Impronta Ambjentali (mit-12 ta' Novembru 2018 sat-18 ta' Diċembru 2018) bil-parteċipazzjoni ta' 124 rispondent[44].
- Konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-inizjattiva għal asserzjonijiet ekoloġiċi, bejn is-27 ta' Awwissu u t-3 ta' Diċembru 2020, li permezz tagħha saru 362 kontribuzzjoni[16].
  - Xi *assoċjazzjonijiet tan-negozju* ssuġġerew l-użu ta' organizzazzjonijiet indipendenti ta' ċertifikazzjoni/verifika li joperaw f'konformità mal-ISO 14025.
  - *Kumpaniji kbar* enfasizzaw li l-qafas tal-UE għandu jippermetti flessibbiltà fir-rigward tal-mezz ta' komunikazzjoni użat biex isiru l-asserzjonijiet.
  - *L-NGOs ambjentali* esprimew li l-punteġġi ambjentali uniċi bl-ebda mod ma għandhom ikunu mod kif jinħbew il-kompromessi u għandhom jiġu evitati.
  - *L-NGOs tal-konsumaturi* indikaw ukoll li l-asserzjonijiet ambjentali jistgħu jiġu ssostanzjati minn għodod eżistenti bħall-ekotikketti tat-tip 1, l-Eco Lighthouse, l-EMAS u l-ISO 14001.
  - Ftit rappreżentanti tal-*awtoritajiet pubbliċi* ħasbu li għandu jkun possibbli li l-asserzjonijiet jiġu ssostanzjati b'ekotikketti "uffiċjali", bħal Nordic Swan u l-Ekotikketta tal-UE. L-amministrazzjonijiet pubbliċi jippreferu kemxejn iċ-ċertifikazzjoni u l-verifika indipendenti.
  - Fir-rigward taċ-*ċittadini*, iċ-ċertifikazzjoni/il-verifika indipendenti minn organizzazzjonijiet akkreditati hija l-għażla ppreferuta.

Workshop għall-partijiet ikkonċernati b'diversi sessjonijiet f'Novembru 2020 iddedikati għal feedback ġenerali, feedback dwar l-għażliet ta' komunikazzjoni, dwar l-isfidi prattiċi għall-kumpaniji fis-sostanzjar tal-asserzjonijiet ambjentali, dwar l-affidabbiltà tal-informazzjoni u dwar l-implikazzjonijiet għall-ekotikketti; b'medja ta' 200 parti kkonċernata li pparteċipaw

---

42 Ħarsa ġenerali lejn il-konsultazzjonijiet kollha mwettqa fil-kuntest tal-Valutazzjoni tal-Impatt tista' tinstab fl-Anness 2 ta' COM(2022)85 final

43 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/1740-Towards-an-EU-Product-Policy-Framework-contributing-to-the-Circular-Economy_mt

44 https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/pdf/EF_stakeholdercons19.pdf

f'kull sessjoni[45]. Il-workshops ikkonfermaw li l-greenwashing jeħtieġ li jiġi indirizzat u li hemm il-ħtieġa għal approċċ armonizzat fil-livell tal-UE. Diversi partijiet ikkonċernati indikaw il-ħtieġa li jkomplu jużaw l-Ekotikketta tal-UE u ekotikketti affidabbli oħrajn tat-tip I.

## 3.2 Valutazzjoni tal-impatt

### *3.2.1 Definizzjoni tal-problema u għażla ta' politika ppreferuta*

Din il-proposta hija bbażata fuq il-valutazzjoni tal-impatt ippubblikata flimkien mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika[46]. Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) tal-Kummissjoni l-ewwel ħareġ opinjoni negattiva b'kummenti komprensivi fil-5 ta' Frar 2021. Wara reviżjoni sinifikanti tal-abbozz inizjali, l-RSB ipprovda opinjoni pożittiva b'aktar kummenti fis-17 ta' Settembru 2021[47]. L-Anness I tal-valutazzjoni tal-impatt jispjega kif ġew indirizzati l-kummenti tal-RSB.

Il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika żewġ problemi maqsuma f'għadd ta' problemi sekondarji. Din il-proposta tiffoka fuq waħda miż-żewġ problemi u tnejn mill-problemi sekondarji tagħha.

*Problema 2: Il-konsumaturi jiffaċċjaw prattiki kummerċjali qarrieqa relatati mas-sostenibbiltà tal-prodotti.*

*Problema Sekondarja 2.2: Il-konsumaturi jiffaċċjaw asserzjonijiet ambjentali mhux ċari jew mhux issostanzjati biżżejjed ("greenwashing") mill-kumpaniji.*

*Problema Sekondarja 2.3: Il-konsumaturi jiffaċċjaw tikketti ta' sostenibbiltà li mhux dejjem ikunu trasparenti jew kredibbli[48].*

Ġew ikkunsidrati għadd ta' għażliet ta' politika għal kull problema sekondarja individwali. Id-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali u l-emenda tagħha huma mfassla biex jaġixxu bħala *lex generalis*. Bħala tali, ġie deċiż li xi wħud mill-elementi tal-għażliet ta' politika ppreferuti magħżula fil-valutazzjoni tal-impatt biex jiġu indirizzati l-problemi sekondarji 2.2 u 2.3 ma jiġux implimentati permezz tal-inizjattiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika iżda permezz ta' *lex specialis* dedikata u komplementari, proposta dwar l-asserzjonijiet ambjentali.

Abbażi ta' analiżi b'ħafna kriterji, ikkomplementata minn analiżi kost-benefiċċji, u valutazzjoni kwalitattiva tal-proporzjonalità tad-diversi għażliet ikkunsidrati, ġiet proposta kombinazzjoni ta' żewġ għażliet ta' politika ppreferuti[49] biex jiġu indirizzati dawn il-problemi:

**(1) Projbizzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali li ma jissodisfawx sett minimu ta' kriterji[50]** (biex tiġi indirizzata l-problema sekondarja 2.2)

L-għażla ppreferuta tiżgura li l-konsumaturi jkunu protetti mill-greenwashing, minħabba li jeħtieġ li jintlaħaq ċertu standard minn dawk li jagħmlu tali asserzjonijiet. Hija tiffaċilita wkoll l-infurzar mill-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-konsumatur.

---

45 Aktar informazzjoni disponibbli fuq https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/initiative_on_green_claims.htm

46 SWD(2022) 85 final

47 SEC(2022) 165

48 Din il-proposta ma tiffokax fuq għodod ta' informazzjoni diġitali li huma indirizzati fil-proposta dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika.

49 SWD(2022) 85 final, it-Taqsima 7: Għażliet ta' Politika Ppreferuti, p. 59.

50 SWD(2022) 85 final, pp. 29-30

**(2) Projbizzjoni ta' tikketti ta' sostenibbiltà li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti minimi ta' trasparenza u kredibbiltà**[51] (biex tiġi indirizzata l-problema sekondarja 2.3)

L-għażla ppreferuta tiżgura li l-konsumaturi jkunu protetti milli jiġu mqarrqa minn tali tikketti u għodod.

Barra minn hekk, matul it-tħejjija ta' din l-inizjattiva, ġew identifikati l-miżuri addizzjonali li ġejjin biex jiżdiedu l-effettività u l-effiċjenza tar-regoli tal-UE dwar l-asserzjonijiet ambjentali:

- **l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' verifika** biex jiffaċilita l-implimentazzjoni u l-infurzar biex ikun żgurat li l-kriterji minimi dwar is-sostanzjar tal-asserzjonijiet pretensjonijiet jiġu rrispettati, li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fis-suq tal-UE, u li l-kumpaniji li joperaw fis-suq uniku jkollhom aktar ċertezza legali u inqas piżijiet;
- **l-użu ta' punteġġi aggregati fuq l-impatti ambjentali** għandu jkun **limitat** għal asserzjonijiet ambjentali, inklużi tikketti, stabbiliti **fil-livell tal-UE biss** bil-għan li tiġi żgurata l-**implimentazzjoni** tat-tagħlimiet meħuda mill-ħidma fuq metodu standardizzat komuni fil-livell tal-UE (ara l-kaxxa ta' hawn taħt);
- il-possibbiltà li **l-mikrointrapriżi jiġu esklużi** mir-rekwiżiti dwar is-sostanzjar **u** r-regoli marbuta dwar il-komunikazzjoni biex jiġu evitati impatti sproporzjonati fuq l-iżgħar kummerċjanti;
- biex **tillimita b'mod effettiv il-proliferazzjoni ta' tikketti ambjentali** u tiffoka l-isforzi fuq iż-żieda fl-użu tal-iskemi pubbliċi eżistenti u fuq l-iżvilupp ta' rekwiżiti ta' tikkettar fil-livell tal-UE għas-suq uniku,
  - il-ħolqien ta' skemi privati ġodda għandu jiġi approvat mill-Istati Membri biss u jekk jipprovdu valur miżjud, u
  - il-ħolqien ta' skemi pubbliċi ġodda fil-livell reġjonali jew nazzjonali għandu jkun ipprojbit. Għandhom jiġu żviluppati skemi pubbliċi ġodda fil-livell tal-UE biss.

*Tagħlimiet meħuda mill-ħidma fuq metodoloġija standard biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet dwar l-impatti ambjentali*

Meta inizjalment kienet qed tħejji għal inizjattiva għal asserzjonijiet ekoloġiċi, il-Kummissjoni Ewropea nediet ħidma u konsultazzjonijiet dwar l-għażla li tintuża *metodoloġija standard* biex tissostanzja l-asserzjonijiet ambjentali. L-ambitu ta' din il-ħidma ffoka fuq l-użu ta' metodi tal-impronta ambjentali tal-prodotti u tal-organizzazzjonijiet tal-UE biex jissostanzjaw l-asserzjonijiet ambjentali. Skont il-kategorija tal-prodott, dawn il-metodi[52] jippermettu li titkejjel il-prestazzjoni ambjentali ta' prodott jew organizzazzjoni tul il-katina tal-valur, mill-estrazzjoni tal-materja prima sa tmiem il-ħajja. Il-metodi tal-impronta ambjentali għandhom l-għan li jipprovdu metodoloġiji robusti u prominenti żviluppati bi trasparenza sħiħa mal-partijiet ikkonċernati u bbażati fuq evidenza xjentifika.

Fil-ħidma preparatorja, il-Kummissjoni qieset bħala waħda minn dawn l-għażliet li tistabbilixxi qafas legali tal-UE li jirrikjedi li l-kumpaniji li jagħmlu asserzjonijiet relatati mal-

[51] SWD(2022) 85 final, pp. 31-32

[52] Aktar informazzjoni dwar il-metodi u dwar il-fażi pilota li matulha ġew ittestjati tista' tinstab hawnhekk: https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/

impatti koperti mill-metodi tal-impronta ambjentali[53] jissostanzjawhom permezz ta' dawk il-metodi. Madankollu, anki jekk il-metodi tal-impronta ambjentali jkunu ta' għajnuna għan-negozji biex jidentifikaw l-oqsma fejn għandhom itejbu l-impatt u l-prestazzjoni ambjentali tagħhom, u jistgħu jissostanzjaw b'mod adegwat ċerti asserzjonijiet dwar diversi kategoriji ta' prodotti, il-metodi għadhom ma jkoprux il-kategoriji tal-impatt rilevanti kollha għat-tipi kollha ta' prodotti (eż. fir-rigward tas-sajd marittimu – is-sostenibbiltà tal-istokk tal-ħut fil-mira; fir-rigward tal-prodotti tal-ikel u agrikoli – il-bijodiversità fil-livell tal-azjendi agrikoli u l-protezzjoni tan-natura, kif ukoll prattiki agrikoli differenti, fir-rigward tar-rilaxx tal-mikroplastiks mit-tessuti) u, għalhekk, jistgħu jagħtu stampa mhux kompluta tal-kredenzjali ambjentali ta' prodott fil-kuntest tal-asserzjonijiet ekoloġiċi. Barra minn hekk, isiru wkoll ħafna asserzjonijiet ambjentali dwar l-aspetti ambjentali (eż. id-durabbiltà, l-użu mill-ġdid, il-possibbiltà ta' tiswija, ir-riċiklabbiltà, il-kontenut riċiklat, l-użu ta' kontenut naturali) li għalihom il-metodi tal-impronta ambjentali ma humiex adattati biex iservu bħala l-uniku metodu ta' ssostanzjar. L-indirizzar tal-qasam wiesa' ħafna u li qed jinbidel malajr tal-asserzjonijiet ambjentali permezz ta' metodu wieħed għandu l-limitazzjonijiet tiegħu. Il-preskrizzjoni ta' metodu wieħed bħall-impronta ambjentali bħala l-metodoloġija standard ta' ssostanzjar għall-asserzjonijiet ambjentali kollha ma tkunx xierqa u toħloq riskju għall-kumpaniji li ma jkunux jistgħu jikkomunikaw dwar l-aspetti jew il-prestazzjoni ambjentali rilevanti b'rabta mal-prodotti jew l-attivitajiet tagħhom.

Għal dawn ir-raġunijiet u abbażi tar-riżultati tal-konsultazzjoni, ma ġietx segwita valutazzjoni interna tal-implikazzjonijiet f'termini ta' piż fuq il-kumpaniji u skambji ulterjuri mal-partijiet ikkonċernati, l-għażla li tintuża *metodoloġija standard waħda* biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali. Minflok, approċċ aktar flessibbli bbażat fuq l-għażla ta' politika ppreferuta mill-valutazzjoni tal-impatt żviluppata għall-inizjattiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika tqies bħala xieraq.

### 3.2.2. *Impatti tal-għażla ta' politika ppreferuta*

L-għażla ta' politika ppreferuta li tirriżulta mill-analiżi kost-benefiċċji tal-valutazzjoni tal-impatt issarrfet f'diversi dispożizzjonijiet kemm fil-proposta dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika kif ukoll fil-proposta dwar l-asserzjonijiet ambjentali. L-impatti elenkati hawn taħt jikkonċernaw l-għażla ta' politika ppreferuta kollha kemm hi u b'hekk jinkludu dispożizzjonijiet miż-żewġ proposti.

Il-proposta tinkludi miżuri li huma rilevanti għall-prinċipju ta' "one in one out" tal-Kummissjoni biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u li qabel kienu rrapportati u kkunsidrati fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika.

- **L-impatti mistennija tal-kamp ta' applikazzjoni stabbilit**

Il-proposta tintroduċi rekwiżiti minimi dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali li huma soġġetti għal verifika minn parti terza li għandha tiġi kkonsenjata qabel ma l-asserzjoni tintuża f'komunikazzjonijiet kummerċjali. Filwaqt li din il-miżura hija mistennija li telimina asserzjonijiet qarrieqa jew foloz u se tgħin biex jiġi żgurat infurzar xieraq, hija se tpoġġi kost addizzjonali fuq il-kummerċjanti li jixtiequ jagħmlu tali asserzjonijiet. L-impatt fuq l-intrapriżi iżgħar huwa mistenni li jkun proporzjonalment ogħla

[53] Tibdil fil-klima, tnaqqis tal-ożonu, tossiċità fir-rigward tal-bniedem – kanċer, tossiċità fir-rigward tal-bniedem – nonkanċer, materja partikolata, radjazzjoni jonizzanti – saħħa tal-bniedem, formazzjoni fotokimika tal-ożonu – saħħa tal-bniedem, aċidifikazzjoni, ewtrofikazzjoni – terrestri, ewtrofikazzjoni – ilma ħelu, ewtrofikazzjoni – tal-baħar, ekotossiċità – ilma ħelu, użu tal-art, użu tal-ilma, użu tar-riżorsi – minerali u metalli, użu tar-riżorsi – fossili.

milli fuq kumpaniji akbar. Għal din ir-raġuni, u biex jiġi żgurat li l-iżgħar kumpaniji (eż. azjendi agrikoli żgħar tal-familja li jbigħu direttament lill-konsumaturi) ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat minn dan il-kost amministrattiv addizzjonali, il-proposta teżenta lill-mikrointrapriżi (inqas minn 10 impjegati u l-fatturat annwali ma jaqbiżx EUR 2 miljun[54]) mill-obbligi ta' din il-proposta fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sostanzjar u l-komunikazzjoni marbuta mal-valutazzjoni tas-sostanzjar. Madankollu, f'każ li dawn l-iżgħar kumpaniji xorta waħda jkunu jixtiequ jirċievu ċertifikat ta' konformità tal-asserzjoni ambjentali li jkun rikonoxxut madwar l-Unjoni, huma għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha ta' din il-proposta.

Madankollu, il-kummerċjanti kollha, inklużi l-iżgħar kumpaniji, jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali. Dan ifisser li r-regoli ġenerali tagħha dwar l-asserzjonijiet ambjentali xorta se japplikaw, u l-konsumaturi affettwati minn prattiki kummerċjali żleali xorta se jkunu jistgħu jressqu lmenti lill-awtoritajiet kompetenti u jfittxu rimedju fil-qrati nazzjonali u tal-UE.

Minbarra dan, il-proposta titlob ukoll lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri xierqa biex jgħinu lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju japplikaw ir-rekwiżiti tal-proposta. B'aċċess iffaċilitat għal miżuri bħall-appoġġ finanzjarju u l-assistenza organizzazzjonali u teknika, huwa mistenni li dawn il-kumpaniji jiġu mħeġġa jkunu parti mit-tranżizzjoni ekoloġika.

- **L-impatti mistennija tar-rekwiżiti dwar is-sostanzjar tal-asserzjonijiet**

Bil-projbizzjoni ta' asserzjonijiet li ma jissodisfawx il-kriterji minimi, din il-miżura se tikkontribwixxi **għat-titjib tal-affidabbiltà tal-informazzjoni** pprovduta lill-konsumaturi u għalhekk se jkollha **impatt pożittiv fuq it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-konsumaturi** li jiffaċilitaw l-għażla ta' prodotti li joffru prestazzjoni ambjentali aħjar, u b'hekk żieda fil-benesseri tal-konsumatur. B'ċerti konsumaturi jixtru prodotti li se jkunu verament aħjar għall-ambjent, huwa stmat li **l-impatti fuq l-ambjent se jkunu pożittivi ħafna**.

F'termini ta' **impatti fuq in-negozji**, l-asserzjonijiet li ma jissodisfawx dawn il-kriterji minimi se jkollhom jitneħħew. It-tneħħija tal-asserzjonijiet se tkun teħtieġ aġġustamenti fil-pakketti tal-prodotti, fil-fuljetti, eċċ., iżda din se tkun kost ta' aġġustament ta' darba[55].

Barra minn hekk, **in-negozji se jkollhom iħallsu l-kost tas-sostanzjar tal-asserzjonijiet**. Dan il-kost se jiddependi fil-biċċa l-kbira fuq it-tip ta' asserzjoni ambjentali li l-kumpanija tkun tixtieq tagħmel b'mod volontarju u għal kemm-il prodott. L-asserzjonijiet dwar l-impatt ambjentali ta' prodott matul iċ-ċiklu tal-ħajja (eż. it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja u l-katina tal-valur) se jirrikjedu investiment ferm ogħla mill-asserzjonijiet li jiffukaw fuq aspett ambjentali speċifiku (eż. il-kontenut riċiklat fl-imballaġġ). Skont in-natura u l-kumplessità tal-asserzjoni, il-kost tas-sostanzjar relatat jista' jvarja b'mod sinifikanti. Pereżempju, il-kostijiet tas-sostanzjar għal asserzjoni sempliċi, eż. dwar il-materjali użati fil-produzzjoni, huma stmati għal EUR 500[56]. Jekk kumpanija tiddeċiedi, pereżempju, li tagħmel asserzjoni dwar l-impronta ambjentali ta' wieħed mill-prodotti tagħha u tagħżel li twettaq studju bl-użu tal-metodu tal-impronta ambjentali tal-prodott, dan ikun

[54] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

[55] Għas-sehem żgħir ħafna tal-prodotti fl-istokk eżatt qabel l-approvazzjoni tal-għażla, huwa preżunt li l-asserzjonijiet se jitneħħew mill-bejjiegħ (pereżempju, billi jiġu mgħottija bi stiker). Dan se jimponi xi kostijiet fl-ewwel sentejn tal-implimentazzjoni tal-għażla għas-sehem żgħir tal-prodotti fl-istokk, u wara dan aħna nassumu li dawn il-prodotti kollha jkunu nbiegħu.

[56] Stima interna għal asserzjoni speċifika dwar impatt individwali (eż. sehem f'% ta' kontenut b'bażi bijoloġika (jew riċiklat) ta' prodott) li għalih l-evidenza hija sempliċi, jiġifieri asserzjoni li tista' tiġi ssostanzjata abbażi ta' informazzjoni/dokumenti faċilment disponibbli dwar il-materjali użati fil-produzzjoni.

jiswa madwar EUR 8 000 (li jista' jonqos għal EUR 4 000 f'każ li jkun hemm regoli dwar il-kategorija tal-impronta ambjentali tal-prodott). Jekk l-asserzjoni magħżula tkun tikkonċerna, eż., l-impronta tal-organizzazzjoni nnifisha, l-użu tal-metodi tal-impronta ambjentali tal-organizzazzjoni biex tiġi ssostanzjata l-asserzjoni jista' jammonta għal EUR 54 000 (f'każ li ma jkunux jeżistu regoli settorjali)[57].

Madankollu, tibqa' f'idejn il-kumpaniji d-deċiżjoni li jinkludu (jew le) asserzjonijiet ambjentali fil-komunikazzjonijiet kummerċjali *volontarji* tagħhom. Dan ifisser li **l-kumpaniji jistgħu jikkontrollaw il-kostijiet tagħhom** billi jiddeterminaw l-ambitu tal-asserzjoni (jekk ikun hemm) meta jitqies ir-redditu mistenni fuq l-investiment. Fil-qosor, il-kostijiet tas-sostanzjar huma ta' natura volontarja għall-kumpaniji minħabba li huma parti mill-istrateġija ta' kummerċjalizzazzjoni ta' kumpanija partikolari u, għalhekk, huwa diffiċli li jsiru stimi kredibbli tal-kost ġenerali għas-suq tal-Unjoni.

Fir-rigward **tal-kostijiet tal-infurzar u ta' kostijiet oħrajn**, l-awtoritajiet kompetenti se jkollhom jivvalutaw sa liema punt l-asserzjoni speċifika tikkonforma mal-kriterji stabbiliti taħt din l-għażla, jiġifieri jekk il-kumpanija li tagħmel l-asserzjoni jkollha ċertifikat ta' konformità mogħti minn verifikatur akkreditat. Madankollu, għadd ta' awtoritajiet għall-protezzjoni tal-konsumatur li ġew intervistati indikaw li l-għażla tista' twassal għal iffrankar minħabba li se tfisser li jkunu meħtieġa inqas riżorsi biex jissostanzjaw il-valutazzjoni tagħhom tal-"greenwashing".

- **L-impatti mistennija tar-rekwiżiti fuq il-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet**

Huwa mistenni li r-regoli dwar il-komunikazzjoni se jirriżultaw f'asserzjonijiet aktar ċari u aktar trasparenti u, b'hekk, se **jżidu l-benessri tal-konsumatur**. F'termini ta' kostijiet għan-negozji, ladarba jkun hemm fis-seħħ il-valutazzjoni biex tiġi ssostanzjata l-asserzjoni, il-kost addizzjonali tal-konformità mar-rekwiżiti ta' komunikazzjoni se jkun negliġibbli u se jkun inkorporat l-aktar fil-kost tas-sostanzjar.

- **L-impatti mistennija tar-rekwiżiti fuq l-iskemi tat-tikkettar**

L-introduzzjoni ta' kriterji minimi għat-tikketti ambjentali kollha se żżid it-trasparenza u l-kredibbiltà tat-tikketti (u tnaqqas ir-ritmu jew saħansitra treġġa' lura l-proliferazzjoni attwali ta' dawn it-tikketti) u se ttejjeb il-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-konsumaturi. Il-konsumaturi se jiġu żgurati li l-prodotti li jkollhom tikketta ta' sostenibbiltà jissodisfaw ir-rekwiżit minimu dwar it-trasparenza u l-kredibbiltà, u b'hekk itejbu l-fiduċja tal-konsumatur u l-fehim tat-tikketti. Dawn ir-rekwiżiti addizzjonali dwar il-governanza tal-iskemi tat-tikkettar huma mistennija li jnaqqsu l-għadd ta' tikketti, hekk kif l-iskemi li ma humiex robusti se jitneħħew. Għandu jiġi nnotat li l-kundizzjonijiet biex l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jissieħbu fl-iskemi ta' tikkettar ambjentali huma proporzjonati mad-daqs u l-fatturat tal-kumpaniji.

L-introduzzjoni ta' kriterji minimi għall-valutazzjoni tal-ġustizzja tat-tikketti tas-sostenibbiltà, kif previst taħt l-għażla 2.3.B, hija mistennija li żżid **il-benessri tal-konsumatur**. F'dak li għandu x'jaqsam mal-**impatti fuq in-negozji**, din il-miżura hija mistennija li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwi bejn il-prodotti li juru tikketti, minħabba li kollha se jkollhom jaderixxu mal-istess kriterji minimi. Barra minn hekk, se tikkontribwixxi wkoll għal kundizzjonijiet ekwi bejn l-organizzazzjonijiet li jmexxu t-tikketti.

[57] Stima interna li tikkonċerna l-validazzjoni ta' asserzjoni dwar l-impronta ambjentali tal-organizzazzjoni kollha. Valuri medji bbażati fuq stħarriġ immirat addizzjonali li sar mid-DĠ ENV b'inputs minn sebgħa mill-konsulenti ewlenin li kienu qed jappoġġaw l-iżviluppi ta' PEFCR/OEFSR, kontroverifikati ma' sorsi oħrajn mil-letteratura.

Barra minn hekk, din il-miżura hija mistennija li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ostakli għall-kummerċ transfruntier billi tevita approċċi nazzjonali mhux armonizzati mill-Istati Membri kkonċernati bil-proliferazzjoni ta' tikketti/logos li ma humiex trasparenti jew kredibbli. Dan se jnaqqas l-inċertezza legali u l-kostijiet għall-kumpaniji, minħabba li se jkollhom jaderixxu ma' regoli simili fis-suq intern.

Huma mistennija xi **kostijiet amministrattivi** għall-entitajiet li jmexxu u jamministraw it-tikketti/il-logos[58]. Se jkollhom ukoll **kostijiet ta' konformità** sostantivi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-bidliet meħtieġa fil-proċessi interni tagħhom, inkluż it-twettiq ta' ċertifikazzjonijiet ta' partijiet terzi għal kull applikazzjoni (jekk ma jkunux diġà qed jagħmlu dan fil-linja bażi). Il-kostijiet imġarrba mill-entitajiet li jmexxu u jamministraw it-tikketti, kif ikkwantifikati fil-valutazzjoni tal-impatt, se jiġu mgħoddija lill-manifatturi u lill-bejjiegħa li japplikaw għat-tikketta.

Fir-rigward tal-**kostijiet indiretti**, il-kostijiet tal-applikazzjoni għat-tikketti huma mistennija jiżdiedu. Min-naħa l-oħra, iż-żieda fl-armonizzazzjoni tista' tnaqqas il-ħtieġa li ssir applikazzjoni għal diversi tikketti.

**Il-kostijiet tal-infurzar** għall-amministrazzjoni pubblika stmati fil-valutazzjoni tal-impatt ma humiex mistennija li jkunu sinifikanti, minħabba li l-kriterji minimi proposti jirrikjedu li l-informazzjoni rilevanti kollha tiġi pprovduta online u t-tikketti jeħtieġu verifika minn parti terza.

Miżuri ulterjuri dwar it-tikkettar, żviluppati flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt, se jipprovdu appoġġ qawwi sabiex jintlaħaq l-objettiv li titwaqqaf il-proliferazzjoni tal-iskemi ta' tikkettar ambjentali madwar l-UE u jittejjeb il-funzjonament tas-Suq Intern. Billi jitwaqqfu l-iskemi pubbliċi ġodda, l-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali ma jitħallewx jiżviluppaw tikketti u skemi ta' tikkettar li se jkollhom jiġu rieżaminati jew abbandunati ftit wara l-introduzzjoni ta' tikketta ekwivalenti fil-livell tal-UE. Il-perjodu bejn l-adozzjoni ta' din il-miżura u l-implimentazzjoni tagħha se jipprovdi żmien għall-ippjanar u jipprevjeni dawk il-kostijiet addizzjonali għall-awtoritajiet pubbliċi. L-iżvilupp ta' tikketti fil-livell tal-UE għall-istess gruppi ta' prodotti se jiżgura wkoll użu aktar effiċjenti tar-riżorsi milli kieku dawn ġew żviluppati fil-livell nazzjonali.

L-istabbiliment mhux ikkontrollat ta' skemi ġodda ta' tikkettar żviluppati minn operaturi privati se jitnaqqas ukoll. L-awtoritajiet tal-Istati Membri se jkollhom jivvalidaw l-iżvilupp ta' tali skemi abbażi tal-valur miżjud tagħhom. Dan huwa mistenni jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-proliferazzjoni tal-iskemi. **Il-kost amministrattiv għall-awtoritajiet pubbliċi** għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' validazzjoni huwa diffiċli li jiġi stmat minħabba li ma hemm l-ebda ċertezza dwar in-numru possibbli ta' applikazzjonijiet. Din il-miżura hija mistennija ġġarrab **kost amministrattiv għall-kumpaniji** biex jissottomettu l-informazzjoni li takkumpanja t-talba tagħhom lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jiżviluppaw skema ta' tikkettar privata. Dan il-kost amministrattiv għadu ma ġiex irrapportat u huwa rilevanti għall-prinċipju ta' "one in one out" biex jitnaqqas il-piż amministrattiv. Madankollu, il-kostijiet ma humiex mistennija li jkunu sinifikanti, minħabba li l-għadd ta' tali sottomissjonijiet huwa mistenni li jkun relattivament baxx minħabba avviż bil-quddiem ta' limitazzjonijiet fuq l-istabbiliment ta' tali skemi li jirriżultaw mid-dewmien bejn id-data li fiha ssir din il-proposta u d-data tat-traspożizzjoni (li mistenni jkun ta' madwar erba' snin).

Il-limitazzjoni tal-possibbiltà li t-tikketti jippreżentaw klassifikazzjoni jew punteġġ abbażi ta' indikatur aggregat tal-impatti ambjentali għal dawk żviluppati fil-livell tal-UE biss għandha l-

58 Dettalji dwar diżaggregazzjoni tal-kostijiet amministrattivi f'SWD(2022) 85 final, pp. 200

għan li tnaqqas il-konfużjoni tal-konsumaturi u l-miżinformazzjoni, kif ukoll il-proliferazzjoni ġenerali tat-tikketti. Hemm riskju li n-natura ta' indikatur aggregat tista' tintuża biex jitnaqqsu l-impatti negattivi ta' ċerti parametri tal-prodott b'impatti aktar pożittivi ta' parametri oħrajn u biex tintbagħat informazzjoni qarrieqa lill-konsumatur rigward l-impatti ewlenin attwali tal-prodott. Huwa essenzjali li jitwaqqfu skemi potenzjali b'punteġġ aggregat fuq skala reġjonali jew nazzjonali biex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni fis-suq intern. Barra minn hekk, tali tikketti ġeneralment ikunu bbażati fuq metodoloġiji differenti għall-istess grupp ta' prodotti, li jistgħu jirriżultaw fl-istess prodott li jirċievi klassifikazzjoni differenti skont l-iskema.

- **L-impatti mistennija tal-verifika *ex ante***

Il-verifika *ex ante* mwettqa minn korpi akkreditati indipendenti se tiffaċilita u tappoġġa **l-infurzar tar-rekwiżiti tal-proposta** mingħajr ma tpoġġi pressjoni eċċessiva fuq ir-riżorsi tal-awtoritajiet kompetenti. Iċ-ċertifikat ta' konformità jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti lokali jivverifikaw faċilment l-affidabbiltà ta' asserzjoni fis-suq. L-ilmenti kontra asserzjonijiet li għalihom jeżisti ċertifikat ta' konformità validu jistgħu jiġu ttrattati aktar malajr u dan jikkontribwixxi għal **iffrankar tal-kostijiet tal-infurzar** meta mqabbel maż-żamma tal-istatus quo.

**Il-kumpaniji** li jagħmlu asserzjonijiet ambjentali **jibbenefikaw mill-proċess taċ-ċertifikazzjoni** tal-asserzjonijiet minħabba li ċ-ċertifikat ta' konformità rikonoxxut madwar l-UE jipprovdi ċertezza legali u jkun jeħtieġ ċertifikazzjoni waħda biss fl-UE li tagħmel il-proċess taċ-ċertifikazzjoni orħos u aktar faċli għall-entitajiet li jinnegozjaw fis-suq intern.

Fir-rigward tal-**kostijiet amministrattivi għall-kumpaniji**, huma jkollhom bżonn jissottomettu talba *ex ante* lil "verifikatur" għal ċertifikat ta' konformità qabel ma jagħmlu asserzjoni ambjentali. Dan il-kost amministrattiv se jiddependi fuq l-ambitu ta' kull asserzjoni volontarja magħmula u fuq il-kwantitajiet mistennija ta' asserzjonijiet, sabiex b'hekk isir diffiċli li l-kost globali għas-suq tal-Unjoni jiġi stmat b'mod kredibbli. Għal din ir-raġuni, dan il-kost għadu ma ġiex irrapportat, filwaqt li huwa rilevanti għall-prinċipju ta' "one in one out" biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

- **Il-progress mistenni lejn l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli rilevanti**

Fir-rigward tal-SDG 12 li jiġu żgurati xejriet ta' konsum u produzzjoni sostenibbli, l-implimentazzjoni tal-għażla ta' politika ppreferuta f'din il-proposta u fil-proposta li tagħti s-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika hija mistennija li twassal għal żieda fix-xiri ta' prodotti li ma jqarrqux bil-konsumatur fir-rigward tal-impatt ambjentali tagħhom. L-inizjattivi huma mistennija li jipproteġu aħjar lill-konsumaturi kontra prattiki kummerċjali żleali bħall-greenwashing jew tikketti volontarji ta' sostenibbiltà mhux trasparenti, li ma humiex kompatibbli mat-tranżizzjoni ekoloġika. Fir-rigward tal-SDG 13 dwar l-azzjoni klimatika, l-inizjattivi huma mistennija li jwasslu għal iffrankar ta' 5 – 7 MtCO2e fuq perjodu ta' 15-il sena[59].

### 3.3. Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni

Il-proposta hija inizjattiva ġdida li għandha l-għan li tikkomplementa d-direttivi ġenerali dwar il-liġi tal-konsumatur u b'mod speċifiku, bħala *lex specialis*, il-proposta dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-proposta timmira direttament li tnaqqas il-piżijiet regolatorji billi ssaħħaħ il-funzjonament tas-suq intern għall-prodotti u l-kumpaniji ekoloġiċi u billi tistabbilixxi kriterji minimi dwar l-asserzjonijiet ambjentali. Hija se tnaqqas ir-riskju ta' frammentazzjoni legali tas-suq uniku u żżid iċ-ċertezza legali. Dan, min-naħa

[59] SWD(2022) 85 final

tiegħu, huwa mistenni jirriżulta f'iffrankar tal-kostijiet għan-negozji li jkunu lesti jagħmlu tali asserzjonijiet u għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-infurzar tal-liġi tal-konsumatur. Barra minn hekk, il-proposta tipprevedi klawżola ta' rieżami sitt snin wara d-dħul fis-seħħ biex jiġi vvalutat jekk id-direttiva laħqitx l-objettivi tagħha, u jekk hijiex meħtieġa aktar armonizzazzjoni fir-rigward tas-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali biex jinkisbu dawn l-objettivi b'mod aktar effiċjenti. Il-proposta tikkonċerna l-asserzjonijiet ambjentali magħmula kemm fl-ambjent fiżiku kif ukoll f'dak diġitali u, b'hekk, titqies bħala lesta għas-settur diġitali.

### 3.4. Drittijiet fundamentali

Il-proposta hija konformi mal-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li skontu l-UE trid tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Dan se jiġi żgurat billi jiġu żgurati l-affidabbiltà, il-komparabbiltà u l-verifikabbiltà tal-asserzjonijiet ambjentali u billi jiġu indirizzati l-greenwashing u l-użu ta' asserzjonijiet u tikketti ambjentali mhux affidabbli u mhux trasparenti. Il-proposta se ssaħħaħ ukoll id-dritt għal livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta. Barra minn hekk, billi tiġġieled il-greenwashing, il-proposta se tiżgura kundizzjonijiet ekwi għan-negozji meta jikkummerċjalizzaw l-ekoloġizzazzjoni tagħhom u, għalhekk, tiggarantixxi l-libertà li negozju jitmexxa f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-inizjattiva tinvolvi baġit ta' total ta' madwar EUR 25 miljun sal-2027 (jiġifieri taħt il-QFP attwali).

Kif spjegat fid-dettall fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva, l-inizjattiva tipprevedi r-riżorsi umani u n-nefqa amministrattiva biex tiġi implimentata d-Direttiva u jitħejjew atti delegati u ta' implimentazzjoni.

Huwa jipprevedi wkoll approprjazzjonijiet li se jiġu ffinanzjati bis-sħiħ permezz ta' riallokazzjoni fi ħdan il-pakkett tal-programm LIFE. Kif spjegat fid-dettall fit-tabelli inklużi fit-Taqsima 3 tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva, dan l-ammont ikopri l-akkwist tal-impronta ambjentali u ta' settijiet ta' *data* oħrajn meħtieġa biex jappoġġaw lill-kumpaniji, speċjalment lill-SMEs, biex jikkonformaw mal-proposta dwar l-asserzjonijiet ambjentali. Tabilħaqq, l-aċċess pubbliku għal din l-informazzjoni għall-SMEs, għall-kumpaniji akbar, għall-aġenziji pubbliċi u għall-partijiet interessati kollha se jgħin biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-iżvilupp u t-tisħiħ tal-metodoloġiji tagħhom stess u potenzjalment jgħin biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-utenti tal-metodoloġiji żviluppati. L-aċċess għal settijiet ta' *data* dwar l-impronta ambjentali se jappoġġa wkoll l-implimentazzjoni ta' politiki oħrajn tal-UE dwar is-sostenibbiltà ambjentali u jgħin lill-konsumaturi jagħmlu l-għażliet it-tajbin, bħall-proposta għar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR). L-ESPR jintroduċi l-possibbiltà li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' informazzjoni obbligatorji, li jistgħu jkunu marbuta wkoll mar-rekwiżiti tat-tikkettar, u se jirriżultaw fi flussi ta' informazzjoni mtejba permezz tal-Passaporti tal-Prodotti Diġitali. Is-settijiet tad-*data* tal-EF se jappoġġaw il-kalkolu u l-iffissar ta' rekwiżiti ta' informazzjoni u ta' prestazzjoni f'atti delegati marbuta mal-ESPR, eż. relatati mal-impronta tal-karbonju u ambjentali, abbażi ta' sett armonizzat ta' *data* sekondarja ta' kwalità għolja. Flimkien, dawk id-*data* u l-politiki bbażati fuq l-evidenza se jwasslu għal konsumatur infurmat aħjar li jista' jafda l-informazzjoni ambjentali pprovduta mill-kumpaniji.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN – PJANIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI U ARRANĠAMENT TA' MONITORAĠĠ, EVALWAZZJONI U RAPPORTAR

Il-Kummissjoni se tippreżenta rapport, li jivvaluta l-kisba tal-objettivi ta' din id-Direttiva, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard minn sitt snin wara l-adozzjoni tagħha. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw regolarment l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva abbażi ta' ħarsa ġenerali lejn l-asserzjonijiet ambjentali li jkunu ġew innotifikati lill-awtoritajiet tal-infurzar. L-Istati Membri għandhom jipprovdu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni fuq bażi annwali. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tippubblika rapport biannwali bil-valutazzjoni tagħha tal-evoluzzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali u tal-iskemi ta' tikkettar f'kull Stat Membru.

## 6. SPJEGAZZJONI FID-DETTALL TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PROPOSTA

### 6.1. Kamp ta' applikazzjoni tal-proposta

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni. Il-proposta tistabbilixxi rekwiżiti minimi dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali volontarji u t-tikkettar ambjentali fi prattiki kummerċjali min-negozju għall-konsumatur, mingħajr ebda preġudizzju għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet dwar l-asserzjonijiet ambjentali fir-rigward ta' ċerti prodotti jew setturi (kif deskritt fit-Taqsima 1.2).

### 6.2. Rekwiżiti dwar is-sostanzjar tal-asserzjonijiet ambjentali

L-Artikolu 3 tal-proposta jiffoka fuq elementi li ma ġewx integrati fil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari fir-rigward tas-sostanzjar tal-asserzjonijiet, u f'xi każijiet jipprovdi kjarifiki addizzjonali. Il-proposta tirrikjedi li s-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni li tissodisfa l-kriterji minimi magħżula biex jiġi evitat li l-asserzjonijiet ikunu qarrieqa, jiġifieri li l-valutazzjoni bażika:

– tiddependi fuq l-evidenza xjentifika rikonoxxuta u l-għarfien tekniku tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku;

– turi s-sinifikat tal-impatti, tal-aspetti u tal-prestazzjoni minn perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja;

– tqis l-aspetti u l-impatti sinifikanti kollha biex tivvaluta l-prestazzjoni;

– turi jekk l-asserzjoni hijiex akkurata għall-prodott kollu jew għal partijiet minnu biss (għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu jew għal ċerti stadji biss, għall-attivitajiet kollha tal-kummerċjant jew għal parti minnhom biss);

– turi li l-asserzjoni ma hijiex ekwivalenti għar-rekwiżiti imposti mil-liġi;

– tipprovdi informazzjoni dwar jekk il-prodott ikollux prestazzjoni ferm aħjar mil-lat ambjentali minn dik li hija prattika komuni;

– tidentifika jekk kisba pożittiva twassalx għal deterjorament sinifikanti ta' impatt ieħor;

– tirrikjedi li l-kumpensi għall-gassijiet serra jiġu rrapportati b'mod trasparenti;

– tinkludi informazzjoni primarja jew sekondarja akkurata.

Il-mikrointrapriżi (inqas minn 10 impjegati u b'fatturat annwali li ma jaqbiżx EUR 2 miljun[60]) huma eżentati mir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu sakemm ma jkunux jixtiequ jirċievu ċertifikat ta' konformità tal-asserzjoni ambjentali f'liema każ ikollhom jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti.

Barra minn hekk, l-Artikolu 4 jistabbilixxi rekwiżiti ulterjuri għal asserzjonijiet komparattivi (jiġifieri asserzjonijiet li jiddikjaraw jew jimplikaw li prodott jew kummerċjant ikollu inqas jew aktar impatti ambjentali jew ikollu prestazzjoni aħjar jew agħar fir-rigward tal-aspetti ambjentali minn prodotti jew kummerċjanti oħrajn). Dawn ir-rekwiżiti huma:

- l-użu ta' informazzjoni ekwivalenti għall-valutazzjoni tal-impatti, l-aspetti jew il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti mqabbla;
- l-użu ta' *data* ġġenerata jew miksuba b'mod ekwivalenti għall-prodotti jew għall-kummerċjanti li huma soġġetti għal paraguni;
- il-kopertura tal-istadji tul il-katina tal-valur hija ekwivalenti għall-prodotti u l-kummerċjanti mqabbla, filwaqt li jiġi żgurat li jitqiesu l-aktar stadji sinifikanti għall-prodotti u l-kummerċjanti mqabbla;
- il-kopertura tal-impatti, tal-aspetti jew tal-prestazzjonijiet ambjentali hija ekwivalenti għall-prodotti u għall-kummerċjanti mqabbla u tiżgura li jitqiesu dawk l-aktar sinifikanti għall-prodotti u għall-kummerċjanti kollha mqabbla;
- is-suppożizzjonijiet użati għat-tqabbil huma stabbiliti b'mod konsistenti għall-prodotti u għall-kummerċjanti mqabbla.
- għal asserzjonijiet komparattivi dwar it-titjib tal-impatti (imqabbla ma' verżjoni preċedenti tal-prodott), inkludi l-ispjegazzjoni tal-impatt tat-titjib fuq aspetti u impatti oħrajn u d-dikjarazzjoni tas-sena bażi.

Tipi differenti ta' asserzjonijiet se jkunu jeħtieġu livelli differenti ta' sostanzjar. Il-proposta ma tippreskrivix metodu wieħed u ma tirrikjedix li ssir analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ għal kull tip ta' asserzjoni. Il-valutazzjoni użata biex tissostanzja l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jeħtieġ li tikkunsidra ċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott jew tal-attivitajiet ġenerali tal-kummerċjant sabiex jiġu identifikati l-impatti rilevanti li huma soġġetti għall-asserzjonijiet, u sabiex il-kummerċjant ikun jista' jevita l-ommissjonijiet ta' kwalunkwe aspett rilevanti. Dan huwa meħtieġ ukoll biex jiġi vverifikat jekk il-benefiċċji ddikjarati jirriżultawx fi trasferiment tal-impatti għal stadji oħrajn taċ-ċiklu tal-ħajja jew għal żieda sinifikanti ta' impatti ambjentali oħrajn.

Sabiex il-valutazzjoni titqies bħala robusta, għandha tinkludi *data* primarja speċifika għall-kumpanija, għall-aspetti rilevanti li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-prestazzjoni ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant imsemmi fl-asserzjoni. L-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-konsumatur f'xi pajjiżi qed jibdew jiddubitaw l-asserzjonijiet ambjentali speċifiċi għall-prodott jekk ma tkun intużat l-ebda *data* primarja fis-sostanzjar. Għandu jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-iżgurar ta' informazzjoni rilevanti u robusta għas-sostanzjar tal-asserzjonijiet u l-isforzi meħtieġa biex tinġabar informazzjoni primarja meta titqies l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni primarja. Ir-rekwiżit li tiġi inkluża informazzjoni primarja għandu jikkunsidra kemm għandu influwenza l-kummerċjant li jagħmel l-asserzjoni fuq il-proċess rispettiv, u jekk l-informazzjoni primarja hijiex disponibbli. Ir-rekwiżit għandu jikkunsidra wkoll jekk il-proċessi jitmexxewx mill-kummerċjant li jagħmel l-asserzjoni u, fil-

[60] ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36

każ fejn ma jkunux, jekk il-kummerċjant għandux aċċess għal informazzjoni primarja dwar il-proċess. Barra minn hekk, jekk il-proċess ma jitmexxiex mill-kummerċjant li jagħmel l-asserzjoni u jekk l-informazzjoni primarja ma tkunx disponibbli, l-użu ta' informazzjoni sekondarja għandu jkun permess, anki għal proċessi li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-prestazzjoni ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant. Fi kwalunkwe każ, kemm id-*data* primarja kif ukoll dik sekondarja, jiġifieri d-*data* medja, għandhom juru livell għoli ta' kwalità u akkuratezza.

Huwa meqjus xieraq li jiġu indirizzati l-asserzjonijiet relatati mal-klima bbażati fuq il-kumpensi b'mod aktar trasparenti. Għalhekk, il-proposta tirrikjedi, għall-asserzjonijiet relatati mal-klima, li jirrapportaw separatament mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra kwalunkwe *kumpens* għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra użat mill-kummerċjanti, bħala informazzjoni ambjentali addizzjonali, li huwa wkoll l-approċċ segwit mill-metodi tal-impronta ambjentali tal-prodott/tal-impronta ambjentali tal-organizzazzjoni. Barra minn hekk, din l-informazzjoni għandha tispeċifika wkoll jekk dawn il-kumpensi humiex relatati mat-tnaqqis jew mal-assorbimenti tal-emissjonijiet u tiżgura li l-kumpensi invokati jkunu ta' integrità għolja u li jitqiesu b'mod korrett biex ikunu jirriflettu b'mod koerenti u trasparenti l-impatt iddikjarat fuq il-klima.

Il-mikrointrapriżi huma eżentati mir-rekwiżiti ta' dan l-artikolu, sakemm ma jkunux jixtiequ jirċievu ċertifikat ta' konformità tal-asserzjoni ambjentali, f'liema każ ikollhom jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex jikkomplementaw ir-rekwiżiti dwar is-sostanzjar għal ċerti tipi ta' asserzjonijiet. Dawn l-atti delegati għandhom fil-prinċipju jsegwu r-riżultati tal-monitoraġġ tal-evoluzzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali fis-suq biex jippermettu l-prijoritizzazzjoni ta' asserzjonijiet li huma suxxettibbli li jqarrqu bil-konsumaturi. Madankollu, għal xi tipi ta' asserzjonijiet, jista' jkun meħtieġ li l-Kummissjoni taġixxi qabel dan.

### 6.3. Rekwiżiti dwar il-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 jirrispondu għall-problema ta' nuqqas ta' informazzjoni affidabbli dwar il-karatteristiċi ambjentali tal-prodott[61] għal dawk il-kummerċjanti li jagħmlu asserzjoni ambjentali. Dawn ir-rekwiżiti jappoġġaw ukoll l-għan li jiġi żgurat li jsiru asserzjonijiet ambjentali fuq prodotti jew kummerċjanti li joffru benefiċċji ambjentali meta mqabbla ma' prattika komuni.

B'mod partikolari, il-proposta tistabbilixxi li, meta jiġu kkomunikati, l-asserzjonijiet kollha:

- għandhom ikopru biss l-impatti, l-aspetti jew il-prestazzjonijiet ambjentali li jiġu vvalutati f'konformità mar-rekwiżiti tas-sostanzjar stabbiliti f'din il-proposta u li huma identifikati bħala sinifikanti għall-prodott jew għall-kummerċjant rispettiv;
- fejn rilevanti għall-asserzjoni magħmula, għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif il-konsumaturi jistgħu jużaw il-prodott b'mod xieraq biex inaqqsu l-impatti ambjentali;
- għandhom ikunu akkumpanjati minn informazzjoni dwar is-sostanzjar (inkluża informazzjoni dwar il-prodott jew l-attivitajiet tal-kummerċjant; l-aspetti, l-impatti

[61] SWD(2022) 85 final, p. 50: "B'rabta mal-problema sekondarja 1.1 (nuqqas ta' informazzjoni affidabbli dwar il-karatteristiċi ambjentali tal-prodott fil-punt tal-bejgħ), l-għażliet kollha ġew skartati fi stadju bikri minħabba li l-valur miżjud tagħhom ma setax jintwera, u l-miżuri meħuda taħt l-Inizjattiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi u l-Inizjattiva dwar il-Prodotti Sostenibbli huma mistennija jnaqqsu din il-problema sekondarja b'mod sinifikanti."

jew il-prestazzjoni koperti mill-asserzjoni; standards internazzjonali rikonoxxuti oħrajn, fejn rilevanti; studji u kalkoli sottostanti; kif jinkiseb titjib li huwa soġġett għall-asserzjoni; iċ-ċertifikat ta' konformità u l-koordinati tal-verifikatur).

Il-mikrointrapriżi huma eżentati mir-rekwiżiti ta' dan l-artikolu fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni dwar is-sostanzjar, sakemm ma jkunux jixtiequ jirċievu ċertifikat ta' konformità tal-asserzjoni ambjentali, f'liema każ ikollhom jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex jikkomplementaw ir-rekwiżiti dwar il-komunikazzjoni għal ċerti tipi ta' asserzjonijiet f'każ li dan ikun meħtieġ biex jikkomplementa r-regoli supplimentari dwar is-sostanzjar adottati skont l-Artikolu 3. Barra minn hekk, l-Artikolu 6 jiddikjara li l-asserzjonijiet komparattivi dwar it-titjib tal-impatt ambjentali ta' prodott meta mqabbel ma' prodott ieħor tal-istess kummerċjant, jew li l-kummerċjant ma għadux ibigħ lill-konsumaturi, għandhom ikunu bbażati fuq evidenza li t-titjib huwa sinifikanti u li nkiseb fl-aħħar ħames snin.

## 6.4. Dispożizzjonijiet dwar it-tikketti ambjentali u l-iskemi tat-tikkettar

Dawn ir-rekwiżiti għandhom jitqiesu bħala komplementari għar-rekwiżiti dwar il-wiri ta' tikketta ta' sostenibbiltà stabbiliti fil-proposta dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-gwida tal-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali[62].

Minbarra r-rekwiżiti dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni applikabbli għat-tipi kollha ta' asserzjonijiet, din il-proposta tibni fuq ir-rekwiżiti tal-proposta dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi[63] li jipprojbixxu tikketti bbażati fuq l-awtoċertifikazzjoni[64], u tipprovdi salvagwardji addizzjonali biex tittejjeb il-kwalità tal-iskemi tal-ekotikkettar billi tirrikjedi r-rekwiżiti ta' trasparenza u kredibbiltà li ġejjin (skont l-għażla ta' politika mill-valutazzjoni tal-impatt).

L-Artikolu 7 jiżgura li t-tikketti jissodisfaw ir-rekwiżiti diġà stabbiliti f'artikoli preċedenti u li jkunu soġġetti għall-verifika f'konformità mal-Artikolu 11.

Il-proliferazzjoni tat-tikketti ambjentali u l-konfużjoni tal-konsumaturi li tirriżulta, il-frammentazzjoni tas-suq u ż-żieda fil-piż mill-konformità mar-rekwiżiti fi Stati Membri differenti jeħtieġu miżuri ambizzjużi li jkunu ta' benefiċċju kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji. Għalhekk, matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tqies xieraq li l-proposta dwar l-asserzjonijiet ambjentali tipprevedi dispożizzjonijiet addizzjonali biex tiġi mmirata l-proliferazzjoni tat-tikketti, lil hinn minn dawk ivvalutati fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta u l-proposta li tagħti s-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari, il-projbizzjoni ta' tikketti li jippreżentaw klassifikazzjoni jew punteġġ abbażi ta' indikatur aggregat li jirrappreżenta impatti ambjentali kumulattivi, sakemm dawn ma jkunux stabbiliti fil-livell tal-UE.

L-Artikolu 8 jagħti aktar dettalji dwar ir-rekwiżiti għall-iskemi ta' tikkettar ambjentali. Dawn ir-rekwiżiti huma relattivament simili għall-kriterji ta' governanza ta' għadd ta' skemi ta'

---

[62] Avviż tal-Kummissjoni – Gwida dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern (ĠU C 526, 29.12.2021, p. 1).

[63] COM(2022) 143 final, Anness tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni aħjar kontra prattiki inġusti u informazzjoni aħjar.

[64] jiġifieri mhux ibbażati fuq skema ta' ċertifikazzjoni, jew mhux stabbiliti mill-awtoritajiet pubbliċi

tikkettar tas-sostenibbiltà pubbliċi u privati magħrufa sewwa u ta' reputazzjoni tajba, u jinkludu dawn li ġejjin:

- ir-rekwiżiti dwar it-trasparenza u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar is-sjieda, il-korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-objettivi,
- il-kriterji li fuqhom huwa bbażat l-għoti tat-tikketti huma żviluppati minn esperti u rieżaminati mill-partijiet ikkonċernati;
- l-eżistenza ta' mekkaniżmu għall-ilmenti u r-riżoluzzjoni;
- il-proċeduri biex jiġi ttrattat in-nuqqas ta' konformità u l-possibbiltà ta' rtirar jew sospensjoni tat-tikkettar f'każ ta' nuqqas ta' konformità persistenti u flagranti.

Għall-istess raġunijiet elenkati hawn fuq dwar il-proliferazzjoni ta' tikketti ambjentali u l-konfużjoni tal-konsumaturi li tirriżulta, l-Artikolu 8 jintroduċi wkoll dispożizzjonijiet addizzjonali biex tiġi mmirata l-proliferazzjoni tal-iskemi ta' tikkettar, b'mod partikolari:

- il-projbizzjoni tal-istabbiliment ta' skemi pubbliċi reġjonali jew nazzjonali ġodda;
- proċedura ta' validazzjoni għal skemi ġodda stabbiliti minn operaturi privati mill-UE u minn pajjiżi terzi li għandhom jiġu vvalutati mill-awtoritajiet nazzjonali u vvalidati biss jekk juru valur miżjud f'termini tal-ambizzjoni ambjentali tagħhom, il-kopertura tagħhom tal-impatti ambjentali, tal-grupp jew tas-settur tal-kategorija ta' prodotti u l-kapaċità tagħhom li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika tal-SMEs meta mqabbla mal-iskemi reġjonali, nazzjonali jew tal-Unjoni eżistenti.

Skemi pubbliċi ġodda minn pajjiżi terzi li jixtiequ joperaw fis-suq tal-Unjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din il-proposta u għandhom ikunu soġġetti għal notifika u approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni bil-għan li jiġi żgurat li dawn l-iskemi jipprovdu valur miżjud f'termini tal-ambizzjoni ambjentali, il-kopertura tal-impatti ambjentali, il-gruppi jew is-setturi ta' prodotti.

L-Artikolu 9 jistabbilixxi r-rekwiżiti għar-rieżami tal-asserzjonijiet ambjentali mill-kummerċjanti.

### 6.5. Verifika *ex ante* ta' asserzjonijiet ambjentali u skemi ta' tikkettar

L-Artikolu 10 jagħti dettalji ta' kif is-sostanzjar u l-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet u t-tikketti ambjentali se jkollhom jiġu vverifikati u ċċertifikati minn parti terza biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva qabel ma l-asserzjoni tintuża f'komunikazzjoni kummerċjali. Korp akkreditat uffiċjalment (il-"verifikatur") se jwettaq din il-verifika *ex ante* tal-asserzjonijiet sottomessi mill-kumpanija li tkun tixtieq tużaha. Din il-miżura se tiżgura li kull asserzjoni li l-konsumatur se jkun espost għaliha tkun ġiet ivverifikata bħala affidabbli u ta' min joqgħod fuqha. Il-proposta tiddefinixxi wkoll ir-rekwiżiti dettaljati li jridu jissodisfaw il-"verifikaturi" sabiex jiġu akkreditati mill-Istati Membri.

Ladarba l-"verifikatur" ikun wettaq il-verifika tal-asserzjoni sottomessa, huwa jiddeċiedi li joħroġ (jew le) *ċertifikat ta' konformità*. Dan iċ-ċertifikat se jiġi rikonoxxut madwar l-UE, kondiviż bejn l-Istati Membri permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern[65] u se jippermetti lill-kumpaniji jużaw l-asserzjoni f'komunikazzjoni kummerċjali lill-konsumaturi fis-suq intern kollu. Iċ-ċertifikat ta' konformità tal-asserzjonijiet se jipprovdi lin-negozji b'ċertezza li l-asserzjoni ċċertifikata tagħhom mhux se tiġi kkontestata mill-awtoritajiet

[65] Stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1–11)

kompetenti fi Stat Membru ieħor. Din il-proċedura se tapplika wkoll għall-verifika tal-iskemi tat-tikkettar f'termini tal-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' governanza. Il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-format taċ-ċertifikat ta' konformità tal-asserzjonijiet.

L-Artikolu 11 jistabbilixxi li l-"verifikatur" irid ikun korp indipendenti akkreditat uffiċjalment[66], mingħajr ebda kunflitt ta' interess biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-ġudizzju u jinżamm l-ogħla grad ta' integrità professjonali. Huma jrid ikollhom l-għarfien espert, it-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa biex iwettqu l-verifiki, kif ukoll biżżejjed persunal addattat li josserva s-segretezza professjonali.

## 6.6. Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

Minħabba l-kuntest tal-programmi li minnhom jistgħu jibbenefikaw l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-Artikolu 12 jiżgura li tali inizjattivi jitqiesu u li jittieħdu l-miżuri xierqa biex jgħinuhom, inklużi l-appoġġ finanzjarju, l-aċċess għall-finanzi, il-ġestjoni speċjalizzata u t-taħriġ tal-persunal, kif ukoll l-assistenza organizzattiva u teknika.

## 6.7. Infurzar tad-dispożizzjonijiet

L-Artikolu 13 jipprevedi li kull Stat Membru se jaħtar awtorità kompetenti xierqa waħda jew aktar bħala responsabbli biex tinforza d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-proposta. Billi l-mekkaniżmi għall-protezzjoni tal-konsumatur ivarjaw bejn kull Stat Membru, huwa aktar pertinenti li jitħallew jaħtru l-aktar awtorità kompetenti effiċjenti biex twettaq l-infurzar, inklużi l-ispezzjonijiet, is-sanzjonijiet u l-insegwimenti ġudizzjarji. B'dan il-mod, il-proposta tħalli l-possibbiltà lill-Istati Membri li jagħżlu l-mekkaniżmi eżistenti skont il-liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

Jekk jinħatru aktar minn awtorità kompetenti waħda fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri se jkollhom bżonn jiċċaraw id-dmirijiet ta' kull waħda minnhom u jistabbilixxu l-mekkaniżmi xierqa ta' komunikazzjoni u koordinazzjoni, għal darba oħra bl-għan ta' effiċjenza.

L-Artikolu 14 jiddelinja s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti biex jinvestigaw u jinfurzaw ir-rekwiżiti. Dawn jinkludu s-setgħa ta' aċċess għal informazzjoni rilevanti relatata ma' ksur, li jintalab aċċess għal informazzjoni rilevanti biex jiġi stabbilit jekk kienx hemm ksur, li jinbdew investigazzjonijiet jew proċedimenti, li l-kummerċjanti jkunu meħtieġa jadottaw rimedji u jieħdu azzjoni biex jintemm ksur, li jadottaw rimedju b'mandat ta' inibizzjoni, fejn xieraq, u li jimponu penali.

L-Artikolu 15 jistabbilixxi li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw ukoll ir-responsabbiltà li jimmonitorjaw il-konformità tal-proposta fis-suq intern. Huma mistennija li jwettqu kontrolli regolari tal-asserzjonijiet u tal-iskemi ta' tikkettar (ibbażati fuq rapporti disponibbli għall-pubbliku), kif ukoll jevalwaw l-asserzjonijiet u l-iskemi ta' tikkettar li jippreżentaw riskju ta' ksur. L-Artikolu 16 jagħti dettalji dwar il-mekkaniżmi għat-trattament tal-ilmenti u r-rekwiżiti għall-aċċess għall-ġustizzja.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-indirizzar tal-ksur, l-Artikolu 17 jiddefinixxi sensiela ta' obbligi li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw meta jiddefinixxu r-reġim ta' penali. Il-penali jrid jiddependi fuq in-natura, il-gravità, il-firxa u t-tul tal-ksur, il-karattru tiegħu (jiġifieri intenzjonat jew negliġenti), is-saħħa finanzjarja tal-parti responsabbli, il-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-ksur, kif ukoll kwalunkwe ksur preċedenti jew fatturi aggravanti oħrajn.

[66] F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30)

Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-penali diġà imposti fi Stati Membri oħrajn għall-istess ksur.

L-Artikolu 18 jistabbilixxi l-eżerċitar tad-delega. Il-Proċedura ta' Kumitat hija stabbilita fl-Artikolu 19.

L-Artikolu 20 jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' monitoraġġ li għandhom ikunu bbażati fuq ħarsa ġenerali lejn l-asserzjonijiet u t-tikketti ambjentali difettużi pprovduti mill-Istati Membri. L-EEA għandha tippubblika fuq bażi biannwali rapport li jivvaluta l-evoluzzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali f'kull Stat Membru u fl-Unjoni kollha kemm hi. Hija prevista wkoll evalwazzjoni tad-Direttiva fid-dispożizzjonijiet.

2023/0085 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (id-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-asserzjoni ta' "ekoloġiċi" u sostenibbli saret fattur ta' kompetittività, bil-prodotti ekoloġiċi jirreġistraw tkabbir akbar mill-prodotti standard. Jekk il-prodotti u s-servizzi offruti u mixtrija fis-suq intern ma jkunux favur l-ambjent daqskemm ippreżentati, dan iqarraq bil-konsumaturi, ixekkel it-tranżizzjoni ekoloġika u jipprevjeni t-tnaqqis tal-impatti ambjentali negattivi. Il-potenzjal tas-swieq ekoloġiċi ma huwiex irrealizzat bis-sħiħ. Ir-rekwiżiti differenti imposti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew minn inizjattivi privati li jirregolaw l-asserzjonijiet ambjentali joħolqu piż għall-kumpaniji fil-kummerċ transfruntier, minħabba li jeħtieġ li jikkonformaw ma' rekwiżiti differenti f'kull Stat Membru. Dan jaffettwa l-kapaċità tagħhom li joperaw fis-suq intern u jieħdu vantaġġ minnu. Fl-istess ħin, il-parteċipanti fis-suq għandhom diffikultajiet biex jidentifikaw asserzjonijiet ambjentali affidabbli u biex jieħdu deċiżjonijiet ottimali dwar ix-xiri fis-suq intern. Bi proliferazzjoni ta' tikketti u metodi ta' kalkolu differenti fis-suq, huwa diffiċli għall-konsumaturi, għan-negozji, għall-investituri u għall-partijiet ikkonċernati li jistabbilixxu jekk l-asserzjonijiet humiex ta' min joqgħod fuqhom.

(2) Jekk l-asserzjonijiet ambjentali ma jkunux affidabbli, komparabbli u verifikabbli, il-konsumaturi u atturi oħrajn tas-suq ma jistgħux jisfruttaw bis-sħiħ id-deċiżjonijiet tax-xiri tagħhom biex jippremjaw prestazzjoni ambjentali aħjar. Bl-istess mod, in-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli jxekkel l-inċentivi għall-ottimizzazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali, li tipikament jimxu id f'id mal-kisbiet fl-effiċjenza u l-iffrankar tal-kostijiet għall-kumpaniji tul il-katina tal-provvista wkoll. Dawn il-konsegwenzi huma aggravati min-nuqqas ta' referenza komuni fis-suq intern u mill-konfużjoni li tirriżulta.

[1] ĠU C , , p. .

(3) Għall-utenti ta' informazzjoni ambjentali (il-konsumaturi, in-negozji, l-investituri, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-NGOs) inklużi fl-asserzjonijiet ambjentali, in-nuqqas ta' affidabbiltà, komparabbiltà u verifikabbiltà jwassal għal kwistjoni ta' fiduċja fl-informazzjoni ambjentali u konfużjoni fl-interpretazzjoni ta' messaġġi eteroġeni u kontradittorji. Dan huwa ta' detriment għall-konsumaturi u għal atturi oħrajn tas-suq, minħabba li jistgħu jagħżlu prodott jew tranżazzjoni kummerċjali fuq alternattivi oħrajn ibbażati fuq informazzjoni qarrieqa.

(4) Għalhekk, huwa meħtieġ li r-regolamentazzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali tiġi armonizzata aktar. Tali armonizzazzjoni se ssaħħaħ is-suq għal prodotti u kummerċjanti aktar sostenibbli billi tevita l-frammentazzjoni tas-suq minħabba approċċi nazzjonali diverġenti. Se tistabbilixxi wkoll punt ta' riferiment li jista' jixpruna t-tranżizzjoni globali lejn ekonomija ġusta, newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari[2].

(5) Regoli dettaljati tal-Unjoni dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti, applikabbli għall-kumpaniji li joperaw fis-suq tal-Unjoni fil-komunikazzjoni min-negozju għall-konsumatur, se jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika lejn ekonomija ċirkolari, newtrali għall-klima u nadifa fl-Unjoni billi jippermettu lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ix-xiri, u se jgħinu biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tas-suq li jagħmlu tali asserzjonijiet.

(6) Qafas regolatorju għall-asserzjonijiet ambjentali huwa waħda mill-azzjonijiet proposti mill-Kummissjoni biex timplimenta l-Patt Ekoloġiku Ewropew[3], li jirrikonoxxi li informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli għandha rwol importanti sabiex ix-xerrejja jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet aktar sostenibbli u tnaqqas ir-riskju ta' "greenwashing", u tinkludi impenji biex jiżdiedu l-isforzi regolatorji u mhux regolatorji biex jiġu indirizzati l-asserzjonijiet ambjentali foloz. Flimkien ma' oqfsa regolatorji applikabbli oħrajn tal-Unjoni, inkluża l-proposta għal Direttiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika[4], li temenda d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] li din il-proposta għandha l-għan li tikkomplementa, dawn jistabbilixxu reġim ċar għall-asserzjonijiet ambjentali, inklużi t-tikketti ambjentali.

(7) Din id-Direttiva hija parti minn sett ta' inizjattivi interrelatati biex jiġi stabbilit qafas ta' politika tal-prodotti b'saħħtu u koerenti li se jagħmel il-prodotti u l-mudelli kummerċjali ambjentalment sostenibbli n-norma, mhux l-eċċezzjoni, u biex jiġu ttrasformati x-xejriet tal-konsum sabiex l-ewwel u qabel kollox ma jiġi prodott l-ebda skart. Id-Direttiva hija kkomplementata, fost l-oħrajn, minn interventi dwar id-disinn ċirkolari tal-prodotti, dwar it-trawwim ta' mudelli kummerċjali ġodda u l-istabbiliment

[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, COM/2020/98 final

[3] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final

[4] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni aħjar kontra prattiki inġusti u informazzjoni aħjar, COM(2022) 143 final

[5] Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

ta' rekwiżiti minimi biex jiġi evitat li prodotti li jagħmlu ħsara lill-ambjent jitqiegħdu fis-suq tal-UE permezz tal-proposta għal Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli[6].

(8) Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi ta' setturi ekonomiċi individwali jiġu rikonoxxuti u, għalhekk, jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika għal asserzjonijiet ambjentali espliċiti volontarji u għal skemi ta' tikkettar ambjentali li ma humiex regolati minn kwalunkwe att ieħor tal-Unjoni fir-rigward tas-sostanzjar jew tal-komunikazzjoni tagħhom, jew tal-verifika. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għal asserzjonijiet ambjentali espliċiti li għalihom il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tistabbilixxi regoli speċifiċi, inkluż dwar oqfsa metodoloġiċi, regoli ta' valutazzjoni jew kontabbiltà relatati mal-kejl u l-kalkolu tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti jew tal-kummerċjanti, jew l-għoti ta' informazzjoni obbligatorja u mhux obbligatorja lill-konsumaturi dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u tal-kummerċjanti jew informazzjoni dwar is-sostenibbiltà li tinvolvi messaġġi jew rappreżentazzjonijiet li jistgħu jkunu obbligatorji jew volontarji skont ir-regoli tal-Unjoni.

(9) Fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġija għall-Bijodiversità, u f'konformità mal-mira li sal-2030 tinkiseb 25 % tal-art agrikola tal-UE taħt biedja organika u żieda sinifikanti fl-akkwakultura organika u mal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika (COM(2021) 141), il-biedja organika u l-produzzjoni organika jeħtieġ li jiġu żviluppati aktar. Fir-rigward tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għal asserzjonijiet ambjentali dwar prodotti ċċertifikati organikament issostanzjati abbażi ta' dak ir-Regolament, relatati, pereżempju, mal-użu ta' pestiċidi, fertilizzanti u antimikrobiċi jew, pereżempju, mal-impatti pożittivi tal-biedja organika fuq il-bijodiversità, il-ħamrija jew l-ilma[8]. Hija għandha wkoll impatt pożittiv fuq il-bijodiversità, toħloq l-impjiegi u tattira bdiewa żgħażagħ. Il-konsumaturi jirrikonoxxu l-valur tagħha. F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848, it-termini "bijo" u "eko" u d-derivattivi tagħhom, kemm jekk weħidhom kif ukoll jekk flimkien, għandhom jintużaw biss fl-Unjoni għall-prodotti, l-ingredjenti jew il-materjali tal-għalf tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament meta jkunu ġew prodotti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848. Pereżempju, sabiex il-qoton jissejjaħ "eko", huwa għandu jiġi ċċertifikat bħala organiku, minħabba li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848. Għall-kuntrarju, jekk id-deterġent tal-magna tal-ħasil tal-platti jissejjaħ "eko", dan ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848, u minflok jiġi regolat mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29/KE.

(10) Barra minn hekk, din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal informazzjoni dwar is-sostenibbiltà li tinvolvi messaġġi jew rappreżentazzjonijiet li jistgħu jkunu obbligatorji jew volontarji skont ir-regoli tal-Unjoni jew nazzjonali għas-servizzi finanzjarji, bħal regoli relatati mal-banek, il-kreditu, l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, il-

---

6 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE, COM(2022) 132 final

7 Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

8 https://agriculture.ec.europa.eu/system/files/2023-01/agri-market-brief-20-organic-farming-eu_en_1.pdf

pensjonijiet okkupazzjonali jew personali, it-titoli, il-fondi ta' investiment, id-ditti tal-investiment, il-pagamenti, il-ġestjoni tal-portafoll u l-pariri dwar l-investiment, inklużi s-servizzi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36[9] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll attivitajiet ta' saldu u kklerjar u servizzi ta' konsulenza, intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljarji oħra, inklużi standards jew skemi ta' ċertifikazzjoni relatati ma' tali servizzi finanzjarji.

(11) Barra minn hekk, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għall-informazzjoni ambjentali rrapportata mill-impriżi li japplikaw standards Ewropej tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà fuq bażi obbligatorja jew volontarja f'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE[10] u għall-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà rrapportata fuq bażi volontarja minn impriżi definiti fl-Artikoli 3(1), 3(2) jew 3(3) ta' din id-Direttiva meta dik l-informazzjoni tiġi rrapportata f'konformità mal-istandards imsemmija fl-Artikoli 29b jew 29c tad-Direttiva 2013/34/UE jew f'konformità ma' standards jew linji gwida internazzjonali, Ewropej jew nazzjonali oħra tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà.

(12) Jenħtieġ li l-offerti għax-xiri ta' oġġetti jew għar-riċeviment ta' servizzi bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfati l-kriterji ambjentali definiti mill-bejjiegħ jew mill-fornitur tas-servizz jew l-offerti fejn il-konsumaturi jirċievu prezzijiet jew termini kuntrattwali aktar favorevoli meta jiġu ssodisfati tali kriterji, pereżempju l-hekk imsejħa self ekoloġiku, assigurazzjoni tad-djar ekoloġiċi jew il-prodotti ta' servizzi finanzjarji bi premjijiet simili għal azzjonijiet jew imġiba ambjentali ma jkunux soġġetti għar-regoli ta' din id-Direttiva.

(13) F'każ li l-leġiżlazzjoni futura tal-Unjoni tistabbilixxi regoli dwar l-asserzjonijiet ambjentali, it-tikketti ambjentali, jew dwar il-valutazzjoni jew il-komunikazzjoni tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali ta' ċerti prodotti jew kummerċjanti f'setturi speċifiċi, pereżempju l-"*Count Emissions EU"* imħabbra, il-proposta li jmiss tal-Kummissjoni dwar qafas leġiżlattiv għal sistema tal-ikel sostenibbli tal-Unjoni, ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli[11] jew ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], dawk ir-regoli jenħtieġ li jiġu applikati għall-asserzjonijiet ambjentali espliċiti inkwistjoni minflok ir-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva.

(14) Il-proposta għal Direttiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika, li temenda d-Direttiva 2005/29/KE, tistabbilixxi għadd ta' rekwiżiti speċifiċi dwar l-asserzjonijiet ambjentali u tipprojbixxi asserzjonijiet ambjentali ġeneriċi li ma humiex ibbażati fuq prestazzjoni ambjentali eċċellenti rikonoxxuta rilevanti għall-asserzjoni. Eżempji ta' tali asserzjonijiet ambjentali ġeneriċi huma "jirrispettaw l-ambjent", "eko", "ħodor", "ħbieb tan-natura", "ekoloġiċi" u

[9] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

[10] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

[11] COM(2022) 132 final

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttivi 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 272, 18.10.2011, p. 1).

"ambjentalment korretti". Jenħtieġ li din id-Direttiva tikkomplementa r-rekwiżiti stabbiliti f'dik il-proposta billi tindirizza aspetti u rekwiżiti speċifiċi għal asserzjonijiet ambjentali espliċiti fir-rigward tas-sostanzjar, il-komunikazzjoni u l-verifika tagħhom. Jenħtieġ li r-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva japplikaw għal aspetti speċifiċi ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti u se jipprevalu fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2005/29/KE fir-rigward ta' dawk l-aspetti f'każ ta' kunflitt, skont l-Artikolu 3(4) ta' dik id-Direttiva.

(15) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli li tippermettilhom jieħdu deċiżjonijiet aktar sostenibbli mil-lat ambjentali u biex jitnaqqas ir-riskju ta' "greenwashing", huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti għas-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti. Jenħtieġ li tali sostanzjar iqis l-approċċi xjentifiċi rikonoxxuti internazzjonalment għall-identifikazzjoni u l-kejl tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali u l-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti jew kummerċjanti, u jenħtieġ li jirriżulta f'informazzjoni affidabbli, trasparenti, komparabbli u verifikabbli lill-konsumatur.

(16) Il-valutazzjoni li ssir biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jeħtieġ li tikkunsidra ċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott jew tal-attivitajiet ġenerali tal-kummerċjant u jenħtieġ li ma tħalli barra l-ebda aspett ambjentali jew impatt ambjentali rilevanti. Jenħtieġ li l-benefiċċji mitluba ma jirriżultawx fi trasferiment mhux ġustifikat ta' impatti negattivi għal stadji oħrajn taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott jew kummerċjant, jew għall-ħolqien jew iż-żieda ta' impatti ambjentali negattivi oħrajn.

(17) Jenħtieġ li l-valutazzjoni li tissostanzja l-asserzjoni ambjentali espliċita tagħmilha possibbli li jiġu identifikati l-impatti ambjentali u l-aspetti ambjentali għall-prodott jew għall-kummerċjant li jikkontribwixxu b'mod konġunt għall-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-prodott jew tal-kummerċjant ("impatti ambjentali rilevanti" u "aspetti ambjentali rilevanti"). L-indikazzjonijiet għar-rilevanza tal-impatti ambjentali u tal-aspetti ambjentali jistgħu jirriżultaw minn valutazzjonijiet li jqisu ċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż mill-istudji bbażati fuq il-metodi tal-Impronta Ambjentali ("Environmental Footprint" - EF), sakemm dawn ikunu kompluti fuq l-impatti rilevanti għall-kategorija tal-prodott u ma jħallu barra l-ebda impatt ambjentali importanti. Pereżempju, fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta Ambjentali[13], jenħtieġ li l-aktar kategoriji ta' impatt rilevanti identifikati flimkien jikkontribwixxu għal mill-inqas 80 % tal-punteġġ ġenerali uniku. Dawn l-indikazzjonijiet għar-rilevanza tal-impatti ambjentali jew tal-aspetti ambjentali jistgħu jirriżultaw ukoll mill-kriterji stabbiliti f'diversi ekotikketti tat-tip I, bħal pereżempju l-Ekotikketta tal-UE, jew fil-kriterji tal-Unjoni għall-akkwist pubbliku ekoloġiku, mir-rekwiżiti stabbiliti mir-Regolament dwar it-Tassonomija[14], mir-regoli speċifiċi għall-prodott adottati skont ir-Regolament …./…. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli[15] jew minn regoli rilevanti oħrajn tal-Unjoni.

---

[13] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279 tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta Ambjentali għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet, ĠU L 471, 30.12.2021, p. 1.

[14] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

[15] […]

(18) F'konformità mad-Direttiva 2005/29/KE kif emendata mill-proposta għal Direttiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika, jenħtieġ li l-kummerċjant ma jippreżentax rekwiżiti imposti mil-liġi fuq prodotti f'kategorija ta' prodotti partikolari bħala karatteristika distintiva tal-offerta tal-kummerċjant jew ma jirreklamax benefiċċji għall-konsumaturi li huma kkunsidrati bħala prattika komuni fis-suq rilevanti. Għalhekk, jenħtieġ li l-informazzjoni użata biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti tagħmilha possibbli li tiġi identifikata l-prestazzjoni ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant meta mqabbla mal-prattika komuni għall-prodotti fil-grupp ta' prodotti rispettiv, bħall-ikel, jew fis-settur rispettiv. Dan huwa meħtieġ biex tiġi sostnuta l-valutazzjoni dwar jekk l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jistgħux isiru fir-rigward ta' prodott jew kummerċjant partikolari f'konformità mal-funzjoni ta' asserzjoni ambjentali, li għandha turi li prodott jew kummerċjant għandu impatt pożittiv jew l-ebda impatt fuq l-ambjent, jew li prodott jew kummerċjant jagħmel inqas ħsara lill-ambjent minn prodotti jew kummerċjanti oħrajn. Il-prattika komuni tista' tkun ekwivalenti għar-rekwiżiti legali minimi li huma applikabbli għall-aspett ambjentali speċifiku jew għall-prestazzjoni ambjentali speċifika, pereżempju fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-prodott, tal-kontenut riċiklat obbligatorju jew tat-trattament fi tmiem il-ħajja. Madankollu, f'każ li l-maġġoranza tal-prodotti fi ħdan il-grupp ta' prodotti jew il-maġġoranza tal-kummerċjanti fi ħdan is-settur ikollhom prestazzjoni aħjar minn dawk ir-rekwiżiti legali, jenħtieġ li r-rekwiżiti legali minimi ma jitqisux bħala prattika komuni.

(19) Ikun qarrieqi għall-konsumaturi jekk asserzjoni ambjentali espliċita tindika l-benefiċċji f'termini tal-impatti ambjentali jew l-aspetti ambjentali, filwaqt li tħalli barra li l-kisba ta' dawk il-benefiċċji twassal għal kompromessi negattivi fuq impatti ambjentali jew aspetti ambjentali oħrajn. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-informazzjoni użata biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti tiżgura li l-interkonnessjonijiet bejn l-impatti ambjentali rilevanti u bejn l-aspetti ambjentali u l-impatti ambjentali jkunu jistgħu jiġu identifikati flimkien ma' kompromessi potenzjali. Il-valutazzjoni użata biex tissostanzja l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jenħtieġ li tidentifika jekk it-titjib fl-impatti ambjentali jew l-aspetti ambjentali jwassalx għat-tip ta' kompromessi li jaggravaw b'mod sinifikanti l-prestazzjoni fir-rigward ta' impatti ambjentali jew aspetti ambjentali oħra, pereżempju jekk l-iffrankar fil-konsum tal-ilma jwassal għal żieda notevoli fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, jew fl-istess impatt ambjentali fi stadju ieħor taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott, pereżempju l-iffrankar tas-CO2 fl-istadju tal-manifattura li jwassal għal żieda notevoli fl-emissjonijiet tas-CO2 fil-fażi tal-użu. Pereżempju, asserzjoni dwar l-impatti pożittivi mill-użu effiċjenti tar-riżorsi fi prattiki agrikoli intensivi tista' twassal biex il-konsumaturi jiġu mqarrqa minħabba kompromessi marbuta mal-impatti fuq il-bijodiversità, l-ekosistemi jew il-benesseri tal-annimali. Dikjarazzjoni ambjentali dwar it-tessuti li fihom polimeru tal-plastik minn fliexken tal-PET riċiklati tista' wkoll tqarraq bil-konsumaturi dwar il-benefiċċju ambjentali ta' dak l-aspett jekk l-użu ta' dan il-polimeru riċiklat jikkompeti mas-sistema ta' riċiklaġġ f'ċirkwit magħluq għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel li hija meqjusa aktar ta' benefiċċju mill-perspettiva taċ-ċirkolarità.

(20) Sabiex l-asserzjoni ambjentali titqies robusta, jenħtieġ li din tirrifletti bl-aktar mod preċiż possibbli l-prestazzjoni ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant speċifiku. Għalhekk, l-informazzjoni użata biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jeħtieġ li tinkludi *data* primarja speċifika għall-kumpanija għall-aspetti rilevanti li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-prestazzjoni ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant imsemmi fl-asserzjoni. Huwa meħtieġ li jintlaħaq il-bilanċ it-tajjeb bejn l-iżgurar ta' informazzjoni rilevanti u robusta għas-sostanzjar tal-

asserzjonijiet ambjentali u l-isforzi meħtieġa biex tinġabar informazzjoni primarja. Ir-rekwiżit li tintuża informazzjoni primarja jenħtieġ li jitqies fid-dawl tal-influwenza li l-kummerċjant li jagħmel l-asserzjoni jkollu fuq il-proċess rispettiv u tad-disponibbiltà ta' informazzjoni primarja. Jekk il-proċess ma jitmexxiex mill-kummerċjant li jagħmel l-asserzjoni u l-informazzjoni primarja ma tkunx disponibbli, jenħtieġ li informazzjoni sekondarja preċiża tkun tista' tintuża anke għal proċessi li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-prestazzjoni ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant. Dan huwa partikolarment rilevanti sabiex l-SMEs ma jiġux żvantaġġati u sabiex jinżammu l-isforzi meħtieġa biex tinkiseb *data* primarja f'livell proporzjonat. Barra minn hekk, l-aspetti ambjentali rilevanti huma differenti għal kull tip ta' asserzjoni ambjentali. Pereżempju, għal asserzjonijiet dwar kontenut riċiklat jew b'bażi bijoloġika, jenħtieġ li l-kompożizzjoni tal-prodott tkun koperta minn *data* primarja. Għal asserzjonijiet dwar il-fatt li l-ambjent iġarrab inqas tniġġis f'ċertu stadju taċ-ċiklu tal-ħajja, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar l-emissjonijiet u l-impatti ambjentali relatati ma' dak l-istadju taċ-ċiklu tal-ħajja tinkludi wkoll *data* primarja. Kemm id-*data* primarja kif ukoll id-*data* sekondarja, jiġifieri d-*data* medja, jenħtieġ li juru livell għoli ta' kwalità u akkuratezza.

(21) Intwera li l-asserzjonijiet relatati mal-klima huma partikolarment suxxettibbli li ma jkunux ċari iżda ambigwi u li jqarrqu bil-konsumaturi. Dan huwa relatat b'mod partikolari mal-asserzjonijiet ambjentali li l-prodotti jew l-entitajiet huma "newtrali għall-klima", "newtrali għall-karbonju", "100 % ikkumpensati għas-CO2", jew li se jkunu "żero netti" sa sena partikolari, jew simili. Dikjarazzjonijiet bħal dawn spiss ikunu bbażati fuq "kumpens" għal emissjonijiet ta' gassijiet serra permezz ta' "krediti tal-karbonju" ġġenerati barra mill-katina tal-valur tal-kumpanija, pereżempju minn proġetti tal-forestrija jew tal-enerġija rinnovabbli. Il-metodoloġiji li fuqhom huma bbażati l-kumpensi jvarjaw ħafna u mhux dejjem ikunu trasparenti, akkurati jew konsistenti. Dan iwassal għal riskji sinifikanti ta' stimi eċċessivi u għadd doppju ta' emissjonijiet evitati jew imnaqqsa, minħabba nuqqas ta' addizzjonalità, permanenza, linji bażi ta' kreditu ambizzjużi u dinamiċi li jitbiegħdu miż-żamma tal-istatus quo, u kontabbiltà akkurata. Dawn il-fatturi jirriżultaw fi krediti ta' kumpens ta' integrità u kredibbiltà ambjentali baxxi li jqarrqu bil-konsumaturi meta jiġu invokati f'asserzjonijiet ambjentali espliċiti. Il-kumpens jista' wkoll jiskoraġġixxi lill-kummerċjanti mit-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-operazzjonijiet u fil-ktajjen tal-valur tagħhom stess. Sabiex jikkontribwixxu b'mod adegwat għall-miri globali ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jenħtieġ li l-kummerċjanti jagħtu prijorità lit-tnaqqis effettiv tal-emissjonijiet fl-operazzjonijiet u fil-ktajjen tal-valur tagħhom stess minflok ma jiddependu fuq kumpensi. Kwalunkwe emissjoni residwa li tirriżulta se tvarja skont il-perkors speċifiku għas-settur f'konformità mal-miri klimatiċi globali u se jkollha tiġi indirizzata permezz ta' titjib fl-assorbimenti. Madankollu, meta jintużaw kumpensi, huwa meqjus xieraq li jiġu indirizzati l-asserzjonijiet relatati mal-klima, inklużi l-asserzjonijiet dwar il-prestazzjoni ambjentali futura, abbażi ta' kumpensi b'mod trasparenti. Għalhekk, jenħtieġ li s-sostanzjar ta' asserzjonijiet relatati mal-klima jqis kwalunkwe kumpens għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra użat mill-kummerċjanti separatament mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-kummerċjant jew tal-prodott. Barra minn hekk, jenħtieġ li din l-informazzjoni tispeċifika wkoll is-sehem tal-emissjonijiet totali li huma indirizzati permezz ta' kumpens, kemm jekk dawn il-kumpensi jkunu relatati mat-tnaqqis tal-emissjonijiet jew mat-titjib tal-assorbimenti, u l-metodoloġija applikata. L-asserzjonijiet relatati mal-klima li jinkludu l-użu ta' kumpensi għandhom jiġu ssostanzjati b'metodoloġiji li jiżguraw l-integrità u l-

kontabbiltà korretta ta' dawn il-kumpensi u, b'hekk, jirriflettu b'mod koerenti u trasparenti l-impatt li jirriżulta fuq il-klima.

(22) Il-kummerċjanti huma dejjem aktar interessati li jagħmlu asserzjonijiet ambjentali relatati mal-prestazzjoni ambjentali futura ta' prodott jew ta' kummerċjant, inkluż billi jingħaqdu ma' inizjattivi li qed jippromwovu prattiki li jistgħu jwasslu għal impatt ambjentali mnaqqas jew għal aktar ċirkolarità. Jenħtieġ li dawn l-asserzjonijiet jiġu ssostanzjati f'konformità mar-regoli applikabbli għall-asserzjonijiet ambjentali espliċiti kollha.

(23) Jenħtieġ li l-informazzjoni użata biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti tkun ibbażata fuq ix-xjenza, u jenħtieġ li kwalunkwe nuqqas ta' kunsiderazzjoni ta' ċerti impatti ambjentali jew aspetti ambjentali jiġi kkunsidrat bir-reqqa.

(24) Il-metodi tal-EF jistgħu jappoġġaw is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti dwar l-impatti ambjentali speċifiċi tul iċ-ċiklu tal-ħajja li jkopru l-metodi, diment li dawn ikunu kompluti fuq l-impatti rilevanti għall-kategorija tal-prodott u ma jħallu barra l-ebda impatt ambjentali importanti. Il-metodi jkopru 16-il impatt ambjentali, inkluż it-tibdil fil-klima, u l-impatti relatati mal-ilma, l-arja, il-ħamrija, ir-riżorsi, l-użu tal-art u t-tossiċità.

(25) Il-fatt li impatt ambjentali sinifikanti ta' prodott ma huwiex kopert minn xi waħda mis-16-il kategorija tal-impatt tal-metodi tal-EF ma jenħtieġx li jiġġustifika n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni ta' dawn l-impatti. Attur ekonomiku li jagħmel asserzjoni ambjentali espliċita fuq tali grupp ta' prodotti jenħtieġ li jkollu obbligu ta' diliġenza biex isib evidenza li tissostanzja tali asserzjoni. Pereżempju, attur ekonomiku li jagħmel asserzjoni ambjentali espliċita dwar prodott tas-sajd kif definit fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] jenħtieġ li jkollu obbligu ta' diliġenza biex isib evidenza li tissostanzja s-sostenibbiltà tal-istokk tal-ħut fil-mira. Il-valutazzjonijiet tal-istokkijiet mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar u korpi simili għall-valutazzjoni tal-istokk jistgħu jintużaw għal dak l-iskop.

(26) Barra minn hekk, għad ma hemmx metodoloġija affidabbli għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja relatati mar-rilaxx tal-mikroplastiks. Madankollu, f'każ li tali rilaxx jikkontribwixxi għal impatti ambjentali sinifikanti li ma humiex soġġetti għal asserzjoni, jenħtieġ li l-kummerċjant li jagħmel l-asserzjoni dwar aspett ieħor ma jitħalliex jinjoraha, iżda jenħtieġ li jqis l-informazzjoni disponibbli u jaġġorna l-valutazzjoni ladarba ssir dispdisponibbli evidenza xjentifika rikonoxxuta b'mod wiesa'.

(27) Il-konsumaturi jistgħu jiġu mqarrqa wkoll minn asserzjonijiet ambjentali espliċiti li jiddikjaraw jew jimplikaw li prodott jew kummerċjant għandu inqas jew aktar impatti ambjentali jew prestazzjoni ambjentali aħjar jew agħar minn prodotti jew kummerċjanti oħrajn ("asserzjonijiet ambjentali komparattivi"). Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni, fejn xieraq, tad-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u

---

16 Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

tal-Kunsill[17], sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jaċċessaw informazzjoni affidabbli, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-asserzjonijiet ambjentali komparattivi jkunu jistgħu jitqabblu b'mod adegwat. Pereżempju, l-għażla ta' indikaturi dwar l-istess aspetti ambjentali, iżda bl-użu ta' formula differenti għall-kwantifikazzjoni ta' tali indikaturi, tagħmel il-paraguni impossibbli u, għalhekk, hemm riskju li l-konsumaturi jiġu mqarrqa. F'każ li żewġ kummerċjanti jagħmlu asserzjoni ambjentali dwar it-tibdil fil-klima, fejn wieħed ikkunsidra biss impatti ambjentali diretti, filwaqt li l-ieħor ikkunsidra kemm l-impatti ambjentali diretti kif ukoll dawk indiretti, dawn ir-riżultati ma humiex komparabbli. Barra minn hekk, deċiżjoni li l-paragun isir biss f'ċerti stadji ta' ċiklu tal-ħajja ta' prodott tista' twassal għal asserzjonijiet qarrieqa, jekk mhux magħmula trasparenti. Asserzjoni ambjentali komparattiva jeħtieġ li tiżgura li anki għal prodotti b'materja prima, użi u ktajjen tal-ipproċessar differenti ħafna, bħall-plastik b'bażi bijoloġika u l-plastik ibbażat fuq il-fossili, l-aktar stadji rilevanti taċ-ċiklu tal-ħajja jitqiesu għall-prodotti kollha. Pereżempju, l-agrikoltura jew il-forestrija hija rilevanti għall-plastik b'bażi bijoloġika, filwaqt li l-estrazzjoni taż-żejt mhux maħdum hija rilevanti għall-plastik ibbażat fuq il-fossili u l-kwistjoni dwar jekk sehem rilevanti tal-prodott jispiċċax fil-miżbla hija rilevanti ħafna għall-plastiks li jsiru bijodegradabbli sew taħt il-kundizzjonijiet tal-miżbliet, iżda forsi inqas rilevanti għall-plastiks li ma jgħaddux minn bijodegradazzjoni taħt kundizzjonijiet bħal dawn.

(28) Meta jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għas-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti, inkluż permezz ta' atti delegati adottati mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jitqiesu d-diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom il-kummerċjanti meta jiġu biex jiġbru l-informazzjoni minn atturi tul il-katina tal-valur tagħhom jew fuq iċ-ċiklu tal-ħajja ġenerali tal-prodott, speċjalment għas-servizzi jew fejn ma jkunx hemm biżżejjed evidenza xjentifika. Dan huwa importanti, pereżempju, għal servizzi bħas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, li għalihom jista' jkun diffiċli li jiġu definiti l-ambitu u l-konfini tas-sistema, pereżempju, fejn jibda ċ-ċiklu tal-ħajja u fejn jintemm u saħansitra aktar fejn il-ktajjen tal-provvista huma kumplessi u mhux stabbli, pereżempju, f'każijiet fejn ħafna tagħmir jew komponenti huma manifatturati minn għadd kbir ta' intrapriżi barra mill-UE u, b'hekk, l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà tista' ma tkunx faċilment aċċessibbli għal-kummerċjanti tal-UE kkonċernati.

(29) Għal xi setturi jew għal ċerti prodotti jew kummerċjanti, jista' jkun hemm suspett ta' impatti ambjentali jew aspetti ambjentali sinifikanti, iżda jista' ma jkunx għad hemm metodu xjentifiku rikonoxxut biex jiġu vvalutati bis-sħiħ dawk l-impatti ambjentali u l-aspetti ambjentali. Għal każijiet bħal dawn u filwaqt li jsiru sforzi biex jiġu żviluppati metodi u tinġabar evidenza li tippermetti l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali jew tal-aspett ambjentali rispettiv għal dawk is-setturi, il-kummerċjanti jew il-prodotti, jenħtieġ li l-kummerċjanti jkunu jistgħu jippromwovu l-isforzi ta' sostenibbiltà tagħhom permezz tal-pubblikazzjoni tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà tal-kumpaniji, ir-rapportar fattwali dwar il-metrika tal-prestazzjoni tal-kumpanija u l-ħidma biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, inkluż fuq is-siti web tagħhom. Din il-flessibbiltà żżomm u tippromwovi l-inċentivi ta' dawk is-setturi jew il-kummerċjanti biex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw valutazzjonijiet ambjentali komuni skont din id-Direttiva, filwaqt li jipprevedu ż-żmien meħtieġ biex jitlesta dan ix-xogħol.

[17] Id-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21).

(30) Filwaqt li prattiki kummerċjali żleali, inklużi asserzjonijiet ambjentali qarrieqa, huma pprojbiti għall-kummerċjanti kollha skont id-Direttiva 2005/29/KE[18], piż amministrattiv marbut mas-sostanzjar u l-verifika tal-asserzjonijiet ambjentali fuq l-iżgħar kumpaniji jista' jkun sproporzjonat u jenħtieġ li jiġi evitat. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-mikrointrapriżi jiġu eżentati mir-rekwiżiti dwar is-sostanzjar tal-Artikoli 3 u 4, sakemm dawn l-intrapriżi ma jkunux jixtiequ jiksbu ċertifikat ta' konformità ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti li se jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti madwar l-Unjoni.

(31) Sabiex jiġu ssodisfati kemm il-ħtiġijiet tall-kummerċjanti fir-rigward tal-istrateġiji dinamiċi ta' kummerċjalizzazzjoni kif ukoll il-ħtiġijiet tal-konsumaturi rigward informazzjoni ambjentali aktar dettaljata u aktar preċiża, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati biex tissupplimenta d-dispożizzjonijiet dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti billi tispeċifika aktar il-kriterji għal tali sostanzjar fir-rigward ta' ċerti asserzjonijiet (eż. asserzjonijiet relatati mal-klima, inklużi asserzjonijiet dwar kumpensi, "newtralità klimatika" jew kontenut simili, riċiklabbli u kontenut riċiklat). Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tkompli tistabbilixxi regoli għall-kejl u l-kalkolu tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali u tal-prestazzjoni ambjentali, billi tiddetermina liema attivitajiet, proċessi, materjali, emissjonijiet jew użu ta' prodott jew ta' kummerċjant jikkontribwixxu b'mod sinifikanti jew ma jistgħux jikkontribwixxu għall-impatti ambjentali u l-aspetti ambjentali rilevanti; billi tiddetermina għal liema aspetti ambjentali u impatti ambjentali jenħtieġ li tintuża l-informazzjoni primarja; u billi jiġu ddeterminati l-kriterji għall-valutazzjoni tal-akkuratezza tal-informazzjoni primarja u sekondarja. Filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-Kummissjoni tikkunsidra l-ħtieġa li tadotta dawn ir-regoli biss wara li jkollha r-riżultati tal-monitoraġġ tal-evoluzzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali fis-suq tal-Unjoni, għal xi tipi ta' asserzjonijiet jista' jkun meħtieġ li l-Kummissjoni tadotta regoli supplimentari qabel ma jkunu disponibbli r-riżultati ta' dan il-monitoraġġ. Pereżempju, fil-każ ta' asserzjonijiet relatati mal-klima, jista' jkun meħtieġ li jiġu adottati tali atti supplimentari sabiex jiġu operazzjonalizzati d-dispożizzjonijiet dwar is-sostanzjar tal-asserzjonijiet ibbażati fuq kumpensi.

(32) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279 fiha gwida dwar kif għandha titkejjel il-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti jew organizzazzjonijiet speċifiċi u kif għandhom jiġu żviluppati r-Regoli tal-Kategorija Marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott (PEFCRs) u r-Regoli tas-Settur Marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjoni (OEFSRs) li jippermettu t-tqabbil tal-prodotti ma' punt ta' riferiment. Tali regoli tal-kategorija għal prodotti jew kummerċjanti speċifiċi jistgħu jintużaw biex jappoġġaw is-sostanzjar tal-asserzjonijiet f'konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tistabbilixxi regoli speċifiċi għall-grupp ta' prodotti jew għas-settur fejn dan jista' jkollu valur miżjud. Madankollu, f'każ li l-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti jkun għadu ma jkoprix kategorija tal-impatt, li hija rilevanti għal grupp ta' prodotti, l-adozzjoni tal-PEFCR tista' sseħħ biss ladarba jkunu żdiedu dawn il-kategoriji tal-impatt ambjentali rilevanti ġodda.

[18] Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22) kif emendata.

Pereżempju, fir-rigward tas-sajd marittimu, jenħtieġ li, pereżempju, il-PEFCR tkun tirrifletti l-kategoriji tal-impatt ambjentali speċifiċi għas-sajd, b'mod partikolari s-sostenibbiltà tal-istokk fil-mira. Fir-rigward tal-ispazju, jenħtieġ li l-PEFCR tkun tirrifletti l-kategoriji tal-impatt ambjentali speċifiċi għad-difiża u għall-ispazju, inkluż l-użu tal-ispazju orbitali. Pereżempju, fir-rigward tal-ikel u l-prodotti agrikoli, jenħtieġ li l-bijodiversità u l-protezzjoni tan-natura, kif ukoll il-prattiki tal-biedja, inklużi l-esternalitajiet pożittivi tal-biedja estensiva u t-trattament xieraq tal-annimali, jiġu integrati wkoll qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata l-adozzjoni tal-PEFCR. Fir-rigward tat-tessuti, jenħtieġ li l-PEFCR, pereżempju, tkun tirrifletti r-rilaxx tal-mikroplastiks, qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata l-adozzjoni tal-PEFCR.

(33) Billi d-Direttiva 2005/29/KE diġà tapplika għal asserzjonijiet ambjentali qarrieqa, hija tippermetti lill-qrati nazzjonali u lill-awtoritajiet amministrattivi jwaqqfu u jipprojbixxu tali asserzjonijiet. Pereżempju, sabiex jikkonformaw mad-Direttiva 2005/29/KE, jenħtieġ li l-asserzjonijiet ambjentali jkunu relatati biss ma' aspetti li huma sinifikanti f'termini tal-impatt ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant. Jenħtieġ li l-asserzjonijiet ambjentali jkunu wkoll ċari u mhux ambigwi fir-rigward ta' għal liema aspetti tal-prodott jew tal-kummerċjant jirreferu u jenħtieġ li ma jħallux barra jew ma jaħbux informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant li l-konsumaturi jeħtieġu sabiex jagħmlu għażliet infurmati. Il-kliem, l-immaġnijiet u l-preżentazzjoni kumplessivi tal-prodott, inklużi t-tqassim, l-għażla tal-kuluri, l-istampi, l-istampi, il-ħsejjes, is-simboli jew it-tikketti, inklużi fl-asserzjoni ambjentali jenħtieġ li jipprovdu rappreżentazzjoni vera u preċiża tal-iskala tal-benefiċċju ambjentali miksub, u jenħtieġ li ma jiddikjarawx b'mod eċċessiv il-benefiċċju ambjentali miksub.

(34) Meta l-asserzjoni ambjentali espliċita tkun tikkonċerna prodott finali u l-impatti ambjentali jew l-aspetti ambjentali rilevanti ta' tali prodott iseħħu fil-fażi tal-użu u l-konsumaturi jistgħu jinfluwenzaw tali impatti ambjentali jew aspetti ambjentali permezz ta' mġiba xierqa, bħal, pereżempju, separazzjoni korretta tal-iskart jew impatti tax-xejriet tal-użu fuq il-lonġevità tal-prodott, jenħtieġ li l-asserzjoni tkun tinkludi wkoll informazzjoni li tispjega lill-konsumaturi kif l-imġiba tagħhom tista' tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-ħarsien tal-ambjent.

(35) Sabiex jiġu ffaċilitati l-għażliet tal-konsumaturi ta' prodotti aktar sostenibbli u biex jiġu inċentivati l-isforzi tal-kummerċjanti biex inaqqsu l-impatti ambjentali tagħhom, meta l-asserzjoni kkomunikata tkun relatata mal-prestazzjoni ambjentali futura, jenħtieġ li bħala prijorità tkun ibbażata fuq titjib fl-operazzjonijiet u fil-ktajjen tal-valur tal-kummerċjanti stess minflok ma tiddependi fuq il-kumpens għal emissjonijiet ta' gassijiet serra jew ta' impatti ambjentali oħra.

(36) Jenħtieġ li l-konsumaturi jkollhom aċċess faċli għall-informazzjoni dwar il-prodott jew il-kummerċjant li huwa s-suġġett tal-asserzjoni ambjentali espliċita u rigward l-informazzjoni li tissostanzja dik l-asserzjoni. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tqis ukoll il-ħtiġijiet tal-konsumaturi anzjani. Għal dak l-iskop, jenħtieġ li l-kummerċjanti jew jipprovdu din l-informazzjoni f'forma fiżika jew jipprovdu weblink, kodiċi QR jew l-ekwivalenti, li jwasslu għal sit web fejn informazzjoni aktar dettaljata dwar is-sostanzjar tal-asserzjoni ambjentali espliċita tkun disponibbli b'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn issir l-asserzjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-weblink, il-kodiċi QR jew l-ekwivalenti jiżguraw ukoll aċċess faċli għaċ-ċertifikat ta' konformità rigward is-sostanzjar tal-asserzjoni ambjentali espliċita u l-informazzjoni ta' kuntatt tal-verifikatur li jkun fassal dak iċ-ċertifikat.

(37) Sabiex jiġu evitati impatti sproporzjonati potenzjali fuq il-mikrointrapriżi, jenħtieġ li l-iżgħar kumpaniji jiġu eżentati mir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 marbuta mal-informazzjoni dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti, sakemm dawn l-intrapriżi ma jkunux jixtiequ jiksbu ċertifikat ta' konformità tal-asserzjoni ambjentali espliċita li se jiġi rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti madwar l-Unjoni.

(38) Meta l-Kummissjoni tadotta atti delegati biex tissupplimenta d-dispożizzjonijiet dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti, jista' jkun meħtieġ li jiġu ssupplimentati wkoll id-dispożizzjonijiet dwar il-komunikazzjoni ta' tali asserzjonijiet. Pereżempju, f'każ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi bbażati fuq iċ-ċiklu tal-ħajja dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti għal ċerti gruppi jew setturi ta' prodotti, jista' jkun meħtieġ li jiżdiedu regoli supplimentari dwar il-preżentazzjoni tal-impatti ambjentali vvalutati abbażi ta' dawn ir-regoli billi jkun meħtieġ li jiġu ppreżentati tliet impatti ambjentali ewlenin ħdejn l-indikatur aggregat tal-prestazzjoni ambjentali ġenerali. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta d-dispożizzjonijiet dwar il-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti.

(39) Bħalissa, hemm aktar minn 200 tikketta ambjentali li qed jintużaw fis-suq tal-Unjoni. Dawn jippreżentaw differenzi importanti fil-mod kif joperaw, pereżempju, fir-rigward tat-trasparenza u l-komprensività tal-istandards jew tal-metodi użati, il-frekwenza tar-reviżjonijiet, jew il-livell tal-awditjar jew tal-verifika. Dawn id-differenzi għandhom impatt fuq kemm hija affidabbli l-informazzjoni kkomunikata fuq it-tikketti ambjentali. Filwaqt li l-asserzjonijiet ibbażati fuq l-Ekotikketta tal-UE jew l-ekwivalenti nazzjonali tagħha jsegwu bażi xjentifika soda, għandhom żvilupp trasparenti tal-kriterji, jeħtieġu ttestjar u verifika minn partijiet terzi u jipprevedu monitoraġġ regolari, l-evidenza tissuġġerixxi li ħafna tikketti ambjentali li bħalissa jinsabu fis-suq tal-UE huma qarrieqa. B'mod partikolari, ħafna tikketti ambjentali ma għandhomx biżżejjed proċeduri ta' verifika. Għalhekk, jenħtieġ li l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti li jsiru fuq it-tikketti ambjentali jkunu bbażati fuq skema ta' ċertifikazzjoni.

(40) F'każijiet fejn tikketta ambjentali tinvolvi komunikazzjoni kummerċjali lill-konsumaturi li tissuġġerixxi jew toħloq l-impressjoni li prodott għandu impatt pożittiv jew l-ebda impatt fuq l-ambjent, jew ikun inqas ta' ħsara għall-ambjent minn prodotti kompetituri mingħajr it-tikketta, dik it-tikketta ambjentali tikkostitwixxi wkoll asserzjoni ambjentali espliċita. Għalhekk, il-kontenut ta' tali tikketta ambjentali huwa soġġett għar-rekwiżiti dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti.

(41) It-tikketti ambjentali spiss ikollhom l-għan li jipprovdu lill-konsumaturi b'punteġġ aggregat li jippreżenta impatt ambjentali kumulattiv tal-prodotti jew tal-kummerċjanti sabiex ikun jista' jsir tqabbil dirett bejn il-prodotti jew il-kummerċjanti. Madankollu, tali punteġġ aggregat jippreżenta riskji li l-konsumaturi jiġu mqarrqa, minħabba li l-indikatur aggregat jista' jnaqqas l-impatti ambjentali negattivi ta' ċerti aspetti tal-prodott b'impatti ambjentali aktar pożittivi ta' aspetti oħrajn tal-prodott. Barra minn hekk, meta jiġu żviluppati minn operaturi differenti, tali tikketti ġeneralment ivarjaw f'termini ta' metodoloġija speċifika sottostanti għall-punteġġ aggregat, bħall-impatti ambjentali kkunsidrati jew il-ponderazzjoni attribwita għal dawn l-impatti ambjentali. Dan jista' jwassal biex l-istess prodott jirċievi punteġġ jew klassifikazzjoni differenti skont l-iskema. Dan it-tħassib iqum fir-rigward ta' skemi stabbiliti fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi. Dan qed jikkontribwixxi għall-frammentazzjoni tas-suq intern, jirriskja li jpoġġi kumpaniji iżgħar fi żvantaġġ, u x'aktarx li jkompli jqarraq bil-konsumaturi u jimmina

l-fiduċja tagħhom fit-tikketti ambjentali. Sabiex jiġi evitat dan ir-riskju u tiġi żgurata armonizzazzjoni aħjar fis-suq uniku, l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti, inklużi t-tikketti ambjentali, ibbażati fuq punteġġ aggregat li jirrappreżenta impatt ambjentali kumulattiv tal-prodotti jew tal-kummerċjanti jenħtieġ li ma jitqisux li huma sostanzjati biżżejjed, sakemm dawk il-punteġġi aggregati ma jirriżultawx mir-regoli tal-Unjoni, inklużi l-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont din id-Direttiva, li jirriżultaw fi skemi armonizzati fl-Unjoni kollha għall-prodotti kollha jew għal kull grupp ta' prodotti speċifiku abbażi ta' metodoloġija unika biex jiġu żgurati l-koerenza u l-komparabbiltà.

(42) F'konformità mal-proposta għal Direttiva dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika, li temenda d-Direttiva 2005/29/KE, il-wiri ta' tikketta ta' sostenibbiltà li ma tkunx ibbażata fuq skema ta' ċertifikazzjoni jew mhux stabbilita mill-awtoritajiet pubbliċi jikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali fiċ-ċirkostanzi kollha. Dan ifisser li t-tikketti ta' sostenibbiltà "awtoċċertifikati", fejn ma jseħħu l-ebda verifika minn parti terza u monitoraġġ regolari fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti sottostanti tat-tikketta tas-sostenibbiltà, huma pprojbiti.

(43) Sabiex jiġu miġġielda l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti qarrieqa kkomunikati fil-forma ta' tikketti ambjentali u tiżdied il-fiduċja tal-konsumatur fit-tikketti ambjentali, jenħtieġ li din id-Direttiva tistabbilixxi kriterji ta' governanza li l-iskemi kollha ta' tikkettar ambjentali għandhom jikkonformaw magħhom, u b'hekk tikkomplementa r-rekwiżiti stabbiliti fl-imsemmija proposta li temenda d-Direttiva 2005/29/KE.

(44) Sabiex tiġi evitata l-proliferazzjoni ulterjuri ta' skemi reġjonali jew nazzjonali rikonoxxuti uffiċjalment ta' tikkettar ambjentali tat-tip I tal-EN ISO 14024 ("ekotikkettar"), u ta' skemi oħrajn ta' tikkettar ambjentali, u biex tiġi żgurata aktar armonizzazzjoni fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu żviluppati biss skemi reġjonali jew nazzjonali ġodda ta' tikkettar ambjentali skont id-dritt tal-Unjoni. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tikkunsidra l-iżvilupp ta' skemi ta' tikkettar pubbliċi fil-livell tal-Unjoni għal gruppi ta' prodotti jew setturi fejn tali tikketti għadhom ma jeżistux fid-dritt tal-Unjoni u fejn l-armonizzazzjoni ġġib valur miżjud biex jinkisbu l-objettivi tas-sostenibbiltà u tas-suq intern b'mod effiċjenti.

(45) Sabiex ma jinħolqux ostakli bla bżonn għall-kummerċ internazzjonali u jiġi żgurat trattament ugwali mal-iskemi pubbliċi stabbiliti fl-Unjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi barra mill-Unjoni li jistabbilixxu skemi ta' tikkettar ġodda jitħallew jitolbu approvazzjoni mill-Kummissjoni għall-użu tat-tikketta fis-suq tal-Unjoni. Jenħtieġ li din l-approvazzjoni tkun kundizzjonali fuq il-kontribut tal-iskema biex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva u diment li l-iskemi juru valur miżjud f'termini ta' ambizzjoni ambjentali, kopertura tal-impatti ambjentali, grupp jew settur ta' prodotti u jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva.

(46) L-iskemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti minn operaturi privati, jekk ikun hemm wisq minnhom u jkunu jikkoinċidu f'termini ta' ambitu, jistgħu jikkonfondu lill-konsumaturi jew jimminaw il-fiduċja tagħhom fit-tikketti ambjentali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu biss li jiġu stabbiliti skemi ġodda ta' tikkettar ambjentali minn operaturi privati, diment li joffru valur miżjud sinifikanti meta mqabbla mal-iskemi reġjonali jew nazzjonali eżistenti f'termini ta' ambizzjoni ambjentali tal-kriterji għall-għoti tat-tikketta, kopertura tal-impatti ambjentali rilevanti, u kompletezza tal-valutazzjoni sottostanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu proċedura għall-approvazzjoni ta' skemi ġodda ta' tikkettar ambjentali bbażati fuq

ċertifikat ta' konformità mfassal mill-verifikatur indipendenti. Jenħtieġ li din tapplika għall-iskemi stabbiliti fl-Unjoni u barra mill-Unjoni.

(47) Sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali u jiġi ffaċilitat l-infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar skemi ġodda ta' tikkettar ambjentali reġjonali jew nazzjonali rikonoxxuti uffiċjalment u skemi ta' tikkettar privati ġodda, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika lista ta' tali skemi li jistgħu jew ikomplu japplikaw fis-suq tal-Unjoni jew jidħlu fis-suq tal-Unjoni.

(48) Sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat mill-Istati Membri għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni ta' skemi ta' tikkettar ambjentali żviluppati minn operaturi privati, u biex tiġi stabbilita proċedura ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni għall-iskemi proposti stabbiliti minn awtoritajiet pubbliċi barra mill-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta regoli komuni li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dettaljati għall-approvazzjoni ta' tali skemi ta' tikkettar ambjentali, il-format u l-kontenut tad-dokumenti ta' sostenn u r-regoli ta' proċedura għall-approvazzjoni ta' tali skemi. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19].

(49) Huwa essenzjali li l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jkunu jirriflettu b'mod korrett il-prestazzjoni ambjentali u l-impatti ambjentali koperti mill-asserzjoni, u jqisu l-aħħar evidenza xjentifika. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-kummerċjant li jagħmel l-asserzjoni jirrieżamina u jaġġorna s-sostanzjar u l-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet mill-inqas kull ħames snin biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

(50) Sabiex jiġi żgurat li l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jkunu affidabbli, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu proċedura biex jivverifikaw li s-sostanzjar u l-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali espliċiti, inklużi tikketti ambjentali, jew l-iskemi ta' tikkettar ambjentali, jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva.

(51) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jikkontrollaw b'mod aktar effiċjenti l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u biex jipprevjenu kemm jista' jkun asserzjonijiet ambjentali espliċiti mhux issostanzjati, inklużi tikketti ambjentali, milli jidhru fis-suq, jenħtieġ li l-verifikaturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti armonizzati stabbiliti mid-Direttiva jivverifikaw li kemm l-informazzjoni użata għas-sostanzjar kif ukoll il-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Sabiex jiġu evitati konsumaturi qarrieqa, jenħtieġ li l-verifika fi kwalunkwe każ issir qabel ma l-asserzjonijiet ambjentali jsiru pubbliċi jew qabel ma jintwerew it-tikketti ambjentali. Il-verifikatur jista', jekk ikun xieraq, jindika diversi modi ta' komunikazzjoni tal-asserzjoni ambjentali espliċita li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva biex tiġi evitata l-ħtieġa għal ċertifikazzjoni mill-ġdid kontinwa f'każ li l-mod ta' komunikazzjoni jkun kemxejn modifikat mingħajr ma jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-kummerċjanti mar-regoli dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti, inklużi t-tikketti ambjentali, jenħtieġ li l-verifika tqis

19 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

in-natura u l-kontenut tal-asserzjoni jew tat-tikketta ambjentali, inkluż jekk jidhrux li huma inġusti fid-dawl tad-Direttiva 2005/29/KE.

(52) Sabiex il-kummerċjanti jingħataw ċertezza legali fis-suq intern fir-rigward tal-konformità tal-asserzjonijiet ambjentali espliċiti mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li ċ-ċertifikat ta' konformità jiġi rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti madwar l-Unjoni. Jenħtieġ li l-mikrointrapriżi jitħallew jitolbu tali ċertifikat jekk ikunu jixtiequ jiċċertifikaw l-asserzjonijiet tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u jibbenefikaw mir-rikonoxximent taċ-ċertifikat madwar l-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li ċ-ċertifikat ta' konformità ma jippreġudikax il-valutazzjoni tal-asserzjoni ambjentali mill-awtoritajiet pubbliċi jew mill-qrati li jinfurzaw id-Direttiva 2005/29/KE.

(53) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għad-dispożizzjonijiet dwar il-verifika ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti u skemi ta' tikkettar ambjentali u biex jiġi ffaċilitat l-infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar il-verifika ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta formola komuni għaċ-ċertifikati ta' konformità u l-mezzi tekniċi għall-ħruġ ta' tali ċertifikati. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20].

(54) Jenħtieġ li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet ipprovduti mis-suq għal prodotti aktar sostenibbli, iżda jistgħu jiffaċċjaw kostijiet u diffikultajiet proporzjonalment ogħla b'xi wħud mir-rekwiżiti dwar is-sostanzjar u l-verifika ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni adegwata u jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-modi ta' konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, jiżguraw taħriġ immirat u speċjalizzat, u jipprovdu assistenza u appoġġ speċifiċi, inklużi dawk finanzjarji, lill-SMEs li jkunu jixtiequ jagħmlu asserzjonijiet ambjentali espliċiti fuq il-prodotti tagħhom jew fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(55) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq tal-Unjoni, fejn l-asserzjonijiet dwar il-prestazzjoni ambjentali ta' prodott jew kummerċjant ikunu bbażati fuq informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni dwar l-infurzar u l-konformità.

(56) Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi ta' din id-Direttiva jintlaħqu u li r-rekwiżiti jiġu infurzati b'mod effettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru l-awtoritajiet kompetenti tagħhom stess responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva. Madankollu, fid-dawl tal-komplementarjetà mill-qrib tal-Artikoli 5 u 6 ta' din id-Direttiva mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29/KE, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ukoll jaħtru għall-infurzar tagħhom l-istess awtoritajiet kompetenti bħal dawk responsabbli għall-infurzar tad-Direttiva 2005/29/KE. Għal raġunijiet ta' konsistenza, meta l-Istati Membri jagħmlu dik l-għażla, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq il-mezzi u s-setgħat ta' infurzar li jkunu stabbilew f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/29/KE, b'deroga mir-regoli dwar l-infurzar stabbiliti f'din id-Direttiva. F'każijiet fejn ikun hemm aktar minn awtorità kompetenti maħtura waħda fit-territorju tagħhom u biex jiġi żgurat l-eżerċitar effettiv tad-dmirijiet tal-

[20] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li l-Istat Membru jiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti maħtura kollha.

(57) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat diġà mogħtija mir-Regolament (UE) 2017/2394[21] lill-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-konsumatur, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom sett minimu ta' setgħat ta' investigazzjoni u infurzar sabiex jiżguraw il-konformità ma' din id-Direttiva, jikkooperaw ma' xulxin aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti u jiskoraġġixxu lill-atturi tas-suq milli jiksru din id-Direttiva. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jkunu biżżejjed biex jindirizzaw l-isfidi tal-infurzar tal-kummerċ elettroniku u tal-ambjent diġitali b'mod effettiv u biex jipprevjenu lill-atturi tas-suq mhux konformi milli jisfruttaw il-lakuni fis-sistema tal-infurzar billi jirrilokaw lejn Stati Membri li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistgħu jkunu inqas mgħammra biex jindirizzaw prattiki illegali.

(58) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jużaw il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ bħala evidenza għall-fini tal-investigazzjoni tagħhom.

(59) Sabiex tiġi evitata l-okkorrenza ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti qarrieqa u mhux issostanzjati fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu kontrolli regolari tal-asserzjonijiet ambjentali espliċiti magħmula, u tal-iskemi ta' tikkettar ambjentali applikati, biex jivverifikaw li r-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva huma ssodisfati.

(60) Meta l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw ksur tar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li huma jwettqu evalwazzjoni u, abbażi tar-riżultati tagħha, jinnotifikaw lill-kummerċjant dwar il-ksur identifikat u jirrikjedu li jittieħdu azzjonijiet korrettivi mill-kummerċjant. Sabiex jiġi minimizzat l-effett qarrieqi fuq il-konsumaturi tal-asserzjoni ambjentali espliċita mhux konformi jew tal-iskema ta' tikkettar ambjentali mhux konformi, jenħtieġ li l-kummerċjant jintalab mill-awtoritajiet kompetenti jieħu azzjoni effettiva u rapida biex jirrimedja dak il-ksur. Jenħtieġ li l-azzjoni korrettiva meħtieġa tkun proporzjonata għall-ksur identifikat u għall-effetti ta' ħsara mistennija tiegħu fuq il-konsumaturi.

(61) Meta ksur ma jkunx ristrett għat-territorju nazzjonali tagħhom, u l-asserzjoni ambjentali espliċita tkun tressqet bejn il-kummerċjanti, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħrajn bir-riżultati tal-evalwazzjoni li jkunu wettqu u bi kwalunkwe azzjoni li jkunu talbu lill-kummerċjant responsabbli jieħu.

(62) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu wkoll kontrolli tal-asserzjonijiet ambjentali espliċiti fis-suq tal-Unjoni meta jkollhom fil-pussess tagħhom u abbażi ta' informazzjoni rilevanti, inkluż tħassib issostanzjat ippreżentat minn partijiet terzi. Jenħtieġ li l-partijiet terzi li jippreżentaw tħassib ikunu jistgħu juru interess suffiċjenti jew jasserixxu l-indeboliment ta' dritt.

(63) Sabiex jiġi żgurat li l-kummerċjanti jiġu skoraġġuti b'mod effettiv minn nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawk ir-regoli jiġu implimentati. Jenħtieġ li l-penali previsti jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Sabiex tiġi ffaċilitata applikazzjoni aktar konsistenti tal-penali, huwa

[21] Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1).

meħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji mhux eżawrjenti komuni għad-determinazzjoni tat-tipi u l-livelli ta' penali li għandhom jiġu imposti f'każ ta' ksur. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jinkludu, *inter alia*, in-natura u l-gravità tal-ksur kif ukoll il-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-ksur sabiex jiġi żgurat li dawk responsabbli jiġu mċaħħda minn dawk il-benefiċċji.

(64) Meta jistabbilixxu penali u miżuri għall-ksur, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu li, abbażi tal-gravità tal-ksur, jenħtieġ li l-livell tal-multi effettivament iċaħħdu lill-kummerċjant mhux konformi mill-benefiċċju ekonomiku derivat mill-użu tal-asserzjoni ambjentali espliċita qarrieqa jew mhux issostanzjata jew tal-iskema ta' tikkettar ambjentali mhux konformi, inkluż f'każijiet ta' ksur ripetut. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri għall-ksur previsti mill-Istati Membri jinkludu wkoll il-konfiska tal-prodott rilevanti mill-kummerċjant jew id-dħul miksub mit-tranżazzjonijiet affettwati minn dan il-ksur jew minn esklużjonijiet jew projbizzjonijiet temporanji mit-tqegħid ta' prodotti jew mit-tqegħid ta' servizzi disponibbli fis-suq tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-gravità tal-ksur tkun il-kriterju ewlieni għall-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tal-infurzar. L-ammont massimu tal-multi jenħtieġ li jkun dissważiv u stabbilit mill-inqas fil-livell ta' 4 % tal-fatturat annwali totali tal-kummerċjant fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri kkonċernati f'każ ta' każijiet ta' ksur mifruxa b'dimensjoni tal-Unjoni li jkunu soġġetti għal miżuri koordinati ta' investigazzjoni u ta' infurzar f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2394[22].

(65) Meta jadottaw l-atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[23]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(66) Sabiex tivvaluta l-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni meta mqabbla mal-objettivi li ssegwi, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Sabiex tiġi infurmata evalwazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru regolarment informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jipprovduha lill-Kummissjoni fuq bażi annwali.

(67) Fejn abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni ssib li jkun xieraq li tipproponi rieżami ta' din id-Direttiva, il-fattibbiltà u l-adegwatezza ta' aktar dispożizzjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni tal-użu ta' metodu komuni għas-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll l-estensjoni tal-projbizzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali għal prodotti li jkun fihom sustanzi perikolużi, ħlief fejn l-użu tagħhom jitqies essenzjali għas-soċjetà, jew l-armonizzazzjoni ulterjuri fir-rigward tar-rekwiżiti dwar is-

22 Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1).

23 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali speċifiċi dwar l-aspetti ambjentali jew l-impatti ambjentali.

(68) Jenħtieġ li l-użu tal-aktar sustanzi ta' ħsara fl-aħħar mill-aħħar jitneħħa gradwalment fl-Unjoni biex tiġi evitata u pprevenuta ħsara sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, b'mod partikolari l-użu tagħhom fi prodotti għall-konsumatur. Ir-Regolament (KE) 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] jipprojbixxi t-tikkettar ta' taħlitiet u sustanzi li fihom sustanzi kimiċi perikolużi bħala "mhux tossiċi", "mhux dannużi", "mhux niġġiesa", "ekoloġiċi" jew kwalunkwe dikjarazzjoni oħra li tindika li s-sustanza jew it-taħlita ma hijiex perikoluża jew dikjarazzjonijiet li huma inkonsistenti mal-klassifikazzjoni ta' dik is-sustanza jew it-taħlita. L-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw li tali obbligu jiġi ssodisfat. Kif impenjat fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, il-Kummissjoni se tiddefinixxi l-kriterji għall-użi essenzjali biex tiggwida l-applikazzjoni tagħha fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. .

(69) Billi l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern għall-atturi ekonomiċi li joperaw fis-suq intern u għall-konsumaturi li jiddependu fuq asserzjonijiet ambjentali, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(70) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni[25], l-Istati Membri impenjaw ruħhom li, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom tkun akkumpanjata minn dokument wieħed jew iktar, fejn tiġi spjegata l-korrelazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawk id-dokumenti hija ġustifikata.

(71) L-Anness tar-Regolament (UE) 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] jenħtieġ li jiġi emendat biex jinkludi referenza għal din id-Direttiva sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern.

(72) Jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] jiġi emendat biex jinkludi referenza għal din id-Direttiva sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera fuq l-infurzar ta' din id-Direttiva.

---

[24] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

[25] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1).

[27] ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1

(73) Jenħtieġ li l-Anness I tad-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] jiġi emendat biex jinkludi referenza għal din id-Direttiva sabiex jiġi żgurat li l-interessi kollettivi tal-konsumaturi stabbiliti f'din id-Direttiva jkunu protetti.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

*Kamp ta' applikazzjoni*

1. Din id-Direttiva tapplika għall-asserzjonijiet ambjentali espliċiti magħmula mill-kummerċjanti dwar prodotti jew kummerċjanti fi prattiki kummerċjali min-negozju għall-konsumatur.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal skemi ta' tikkettar ambjentali jew għal asserzjonijiet ambjentali espliċiti regolati jew issostanzjati minn regoli stabbiliti fi:

(a) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29],

(b) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30],

(c) Ir-Regolament (UE) Nru 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31];

(d) Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32],

(e) Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33]

(f) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34];

(g) Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35];

(h) Id-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36];

---

28 Id-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 409, 4.12.2020, p. 1).

29 Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1).

30 Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

31 Ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

32 Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (riformulazzjoni) (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

33 Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

34 Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

35 Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS), li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

(i) Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37];

(j) Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38];

(K) Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39];

(l) Ir-Regolament (UE) Nru 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40]

(m) Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41];

(N) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42];

(o) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43] u regoli, standards jew linji gwida oħra tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali għas-servizzi finanzjarji, l-istrumenti finanzjarji, u l-prodotti finanzjarji;

(P) regoli eżistenti jew futuri oħrajn tal-Unjoni li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jsiru jew għandhom isiru ċerti asserzjonijiet ambjentali espliċiti dwar ċerti prodotti jew kummerċjanti jew regoli tal-Unjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti dwar il-valutazzjoni jew il-komunikazzjoni tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali ta' ċerti prodotti jew kummerċjanti jew il-kundizzjonijiet għall-skemi ta' tikkettar ambjentali.

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "asserzjoni ambjentali" tfisser asserzjoni ambjentali kif definita fil-punt (o) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2005/29/KE;

(2) "asserzjoni ambjentali espliċita" tfisser asserzjoni ambjentali li tkun f'forma testwali jew li tinsab f'tikketta ambjentali;

---

36 Id-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 relatata mad-disponibbiltà ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburanti u emissjonijiet tas-CO2 rigward il-marketing ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda (ĠU L 12, 18.1.2000, p. 16).

37 Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

38 Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1).

39 Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

40 Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

41 Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju (ĠU L …).

42 Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

43 Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

(3) “kummerċjant” tfisser kummerċjant kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2005/29/KE;

(4) “prodott” tfisser prodott kif definit fil-punt (c) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2005/29/KE;

(5) “konsumatur” tfisser konsumatur kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2005/29/KE;

(6) “prattiki kummerċjali fin-negozju mal-konsumatur” tfisser prattiki kummerċjali fin-negozju mal-konsumatur kif definiti fil-punt (d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2005/29/KE;

(7) “tikketta ta’ sostenibbiltà” tfisser tikketta ta’ sostenibbiltà kif definita fil-punt (r) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2005/29/KE;

(8) “tikketta ambjentali” tfisser tikketta ta’ sostenibbiltà li tkopri biss jew b’mod predominanti aspetti ambjentali ta’ prodott, proċess jew kummerċjant;

(9) “grupp ta’ prodotti” tfisser sett ta’ prodotti li jaqdu skopijiet simili jew li huma simili f’termini ta’ użu, jew li għandhom proprjetajiet funzjonali simili;

(10) “skema ta’ ċertifikazzjoni” tfisser skema ta’ ċertifikazzjoni kif definita fil-punt (s) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2005/29/KE;

(11) “verifika” tfisser il-proċess ta’ valutazzjoni tal-konformità mwettaq minn verifikatur biex jivverifika jekk is-sostanzjar u l-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali espliċiti humiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f’din id-Direttiva jew jekk l-iskemi ta’ tikkettar ambjentali humiex konformi ma’ din id-Direttiva;

(12) “katina tal-valur” tfisser l-attivitajiet u l-proċessi kollha li huma parti miċ-ċiklu tal-ħajja ta’ prodott jew attività ta’ kummerċjant, inkluża l-manifattura mill-ġdid;

(13) “ċiklu tal-ħajja” tfisser l-istadji konsekuttivi u interkonnessi tal-ħajja ta’ prodott, li jikkonsistu fl-akkwist jew il-ġenerazzjoni ta’ materja prima minn riżorsi naturali, l-ipproċessar minn qabel, il-manifattura, il-ħżin, id-distribuzzjoni, l-installazzjoni, l-użu, il-manutenzjoni, it-tiswija, it-titjib, ir-rinnovazzjoni, kif ukoll l-użu mill-ġdid, u t-tmiem tal-ħajja;

(14) “informazzjoni primarja” tfisser informazzjoni li titkejjel jew tinġabar direttament mill-kummerċjant minn faċilità waħda jew aktar li huma rappreżentattivi għall-attivitajiet tal-kummerċjant;

(15) “informazzjoni sekondarja” tfisser informazzjoni li hija bbażata fuq sorsi oħrajn għajr informazzjoni primarja, inklużi studji tal-letteratura, studji tal-inġinerija u privattivi.

(16) “pubbliku” tfisser persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar u l-assoċjazzjonijiet, il-kummerċjanti jew il-gruppi tagħhom;

(17) “prestazzjoni ambjentali” tfisser il-prestazzjoni ta’ ċertu prodott jew grupp ta’ prodotti jew kummerċjant jew settur relatat mal-aspetti ambjentali jew l-impatti ambjentali ta’ dak il-prodott jew il-grupp ta’ prodotti jew mal-attivitajiet ta’ dak il-kummerċjant jew is-settur;

(18) “aspett ambjentali” tfisser element tal-attivitajiet tal-kummerċjant jew tas-settur jew ta’ prodotti jew gruppi ta’ prodotti li jinteraġixxu jew li jistgħu jinteraġixxu mal-ambjent.

(19) “impatt ambjentali” tfisser kwalunkwe bidla fl-ambjent, kemm jekk pożittiva kif ukoll jekk negattiva, li tirriżulta kompletament jew parzjalment mill-attivitajiet ta’

kummerċjant jew settur jew minn prodott jew grupp ta' prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu.

*Artikolu 3*

*Issostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kummerċjanti jwettqu valutazzjoni biex jissostanzjaw asserzjonijiet ambjentali espliċiti. Din il-valutazzjoni għandha:

– tispeċifika jekk l-asserzjoni hijiex relatata mal-prodott kollu, ma' parti minn prodott jew ma' ċerti aspetti ta' prodott, jew mal-attivitajiet kollha ta' kummerċjant jew ma' ċerta parti jew ċertu aspett ta' dawn l-attivitajiet, kif rilevanti għall-asserzjoni;

– tiddependi fuq evidenza xjentifika rikonoxxuta b'mod wiesa', tuża informazzjoni akkurata u tqis l-istandards internazzjonali rilevanti;

– turi li l-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali li huma soġġetti għall-asserzjoni huma sinifikanti minn perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja;

– meta ssir asserzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali, tqis l-aspetti ambjentali jew l-impatti ambjentali kollha li huma sinifikanti għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali;

– turi li l-asserzjoni ma hijiex ekwivalenti għar-rekwiżiti imposti mil-liġi fuq il-prodotti fil-grupp ta' prodotti, jew fuq il-kummerċjanti fis-settur;

– tipprovdi informazzjoni dwar jekk il-prodott jew il-kummerċjant li huwa soġġett għall-asserzjoni għandux prestazzjoni ferm aħjar fir-rigward tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali li hija soġġetta għall-asserzjoni minn dik li hija prattika komuni għall-prodotti fil-grupp ta' prodotti rilevanti jew għall-kummerċjanti fis-settur rilevanti;

– jidentifikaw jekk it-titjib tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali soġġetti għall-asserzjoni jwassalx għal ħsara sinifikanti fir-rigward tal-impatti ambjentali fuq it-tibdil fil-klima, il-konsum tar-riżorsi u ċ-ċirkolarità, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, it-tniġġis, il-bijodiversità, it-trattament xieraq tal-annimali u l-ekosistemi;

– jisseparaw kwalunkwe kumpens għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra użat mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra bħala informazzjoni ambjentali addizzjonali, jispeċifikaw jekk dawk il-kumpensi humiex relatati mat-tnaqqis jew l-assorbimenti tal-emissjonijiet, u jiddeskrivu kif il-kumpensi invokati huma ta' integrità għolja u kkontabilizzati b'mod korrett biex jirriflettu l-impatt iddikjarat fuq il-klima;

– tinkludi l-informazzjoni primarja disponibbli għall-kummerċjant għall-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali, li huma soġġetti għall-asserzjoni;

– tinkludi informazzjoni sekondarja rilevanti għall-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali, jew il-prestazzjoni ambjentali li hija rappreżentattiva tal-katina

tal-valur speċifika tal-prodott jew tal-kummerċjant li fuqu ssir asserzjoni, f'każijiet fejn ma tkun disponibbli l-ebda informazzjoni primarja.

2. Fejn jintwera li jeżistu impatti ambjentali sinifikanti li ma humiex soġġetti għall-asserzjoni, iżda ma jkun hemm l-ebda evidenza xjentifika rikonoxxuta b'mod wiesa' biex titwettaq il-valutazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1, il-kummerċjant li jagħmel l-asserzjoni dwar aspett ieħor għandu jqis l-informazzjoni disponibbli u, jekk ikun meħtieġ, jaġġorna l-valutazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ladarba tkun disponibbli evidenza xjentifika rikonoxxuta b'mod wiesa'.

3. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal kummerċjanti li huma mikrointrapriżi skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[44] sakemm ma jitolbux il-verifika bil-għan li jirċievu ċ-ċertifikat ta' konformità f'konformità mal-Artikolu 10.

4. Meta l-monitoraġġ regolari tal-evoluzzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali msemmija fl-Artikolu 20 jiżvela differenzi fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1 għal asserzjonijiet speċifiċi u tali differenzi joħolqu ostakli għall-funzjonament tas-suq intern, jew meta l-Kummissjoni tidentifika li n-nuqqas ta' rekwiżiti għal asserzjonijiet speċifiċi jwassal biex il-konsumaturi jiġu mqarrqa b'mod mifrux, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 biex tissupplimenta r-rekwiżiti għas-sostanzjar tal-asserzjonijiet ambjentali espliċiti stipulati fil-paragrafu 1 billi:

– tiddetermina r-regoli għall-valutazzjoni tal-aspetti ambjentali, tal-impatti ambjentali u tal-prestazzjoni ambjentali, inkluż billi tiddetermina l-attivitajiet, il-proċessi, il-materjali, l-emissjonijiet jew l-użu ta' prodott, li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti jew ma jistgħux jikkontribwixxu għall-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali rilevanti;

– tiddetermina għal liema aspetti ambjentali jew impatti ambjentali għandha tiġi pprovduta informazzjoni primarja u tiddetermina l-kriterji li abbażi tagħhom tista' tiġi vvalutata l-akkuratezza tal-informazzjoni primarja u tal-informazzjoni sekondarja; jew

– tistabbilixxi regoli speċifiċi bbażati fuq iċ-ċiklu tal-ħajja dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti għal ċerti gruppi ta' prodotti u setturi.

5. Meta tispeċifika aktar ir-rekwiżiti għas-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti f'konformità mal-paragrafu preċedenti, il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni xjentifika jew informazzjoni teknika oħra disponibbli, inklużi l-istandards internazzjonali rilevanti u, fejn rilevanti, tikkunsidra dawn li ġejjin:

(a) l-ispeċifiċitajiet tas-setturi u tal-prodotti li jeħtieġu approċċ metodoloġiku speċifiku;

(b) il-kontribut potenzjali ta' gruppi ta' prodotti jew setturi speċifiċi għall-ilħuq tal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni;

– kwalunkwe informazzjoni rilevanti derivata mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

[44] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

– il-faċilità tal-aċċess għall-informazzjoni u d-*data* għall-valutazzjoni u l-użu ta' din l-informazzjoni u għad-*data* minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs").

*Artikolu 4*

*Sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti komparattivi*

1. Is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti li jiddikjaraw jew jimplikaw li prodott jew kummerċjant ikollu inqas impatti ambjentali jew prestazzjoni ambjentali aħjar minn prodotti jew kummerċjanti oħrajn ("asserzjonijiet ambjentali komparattivi") għandu, minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3, jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

– l-informazzjoni u d-*data* użati għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali jew tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti jew tal-kummerċjanti li magħhom isir it-tqabbil, huma ekwivalenti għall-informazzjoni u d-*data* użati għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali jew tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodott jew tal-kummerċjant li huwa soġġett għall-asserzjoni;

– id-*data* użata għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali jew tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti jew tal-kummerċjanti tiġi ġġenerata jew tinkiseb b'mod ekwivalenti bħad-*data* użata għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali jew tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti jew tal-kummerċjanti li magħhom isir it-tqabbil;

– il-kopertura tal-istadji tul il-katina tal-valur hija ekwivalenti għall-prodotti u għalll-kummerċjantl-kummerċjanti meta mqabbla u tiżgura li jitqiesu l-aktar stadji sinifikanti għall-prodotti u għai kollha;

– il-kopertura tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali jew tal-prestazzjonijiet ambjentali hija ekwivalenti għall-prodotti u għall-kummerċjanti mqabbla flimkien u tiżgura li jitqiesu l-aktar impatti ambjentali, aspetti ambjentali jew prestazzjonijiet ambjentali sinifikanti għall-prodotti u l-kummerċjanti kollha;

– is-suppożizzjonijiet użati għat-tqabbil huma stabbiliti b'mod ekwivalenti għall-prodotti u l-kummerċjanti mqabbla flimkien.

2. Meta asserzjoni ambjentali komparattiva tkun relatata ma' titjib f'termini tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali ta' prodott li jkun soġġett għall-asserzjoni meta mqabbel mal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali ta' prodott ieħor mill-istess kummerċjant, minn kummerċjant li jkun qed jikkompeti li ma għadux attiv fis-suq jew minn kummerċjant li ma għadux ibigħ lill-konsumaturi, is-sostanzjar tal-asserzjoni għandu jispjega kif dak it-titjib jaffettwa l-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali rilevanti l-oħrajn tal-prodott soġġett għall-asserzjoni u għandu jiddikjara b'mod ċar is-sena bażi għat-tqabbil.

3. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għal kummerċjanti li huma mikrointrapriżi skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-

Kummissjoni 2003/361/KE[45] sakemm ma jitolbux il-verifika bil-għan li jirċievu ċ-ċertifikat ta' konformità skont l-Artikolu 10.

*Artikolu 5*

*Komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kummerċjant ikun meħtieġ jikkomunika asserzjoni ambjentali espliċita f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. L-asserzjonijiet ambjentali espliċiti jistgħu jkopru biss l-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali li huma ssostanzjati f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 3, 4 u 5 u li huma identifikati bħala sinifikanti għall-prodott jew għall-kummerċjant ikkonċernat f'konformità mal-punt (c) jew (d) tal-paragrafu (1) tal-Artikolu 3.

3. Meta l-asserzjoni ambjentali espliċita tkun relatata ma' prodott finali, u l-fażi tal-użu tkun fost l-aktar stadji rilevanti taċ-ċiklu tal-ħajja ta' dak il-prodott, l-asserzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar kif il-konsumatur jenħtieġ li juża l-prodott sabiex jikseb il-prestazzjoni ambjentali mistennija ta' dak il-prodott. Dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli flimkien mal-asserzjoni.

4. Meta l-asserzjoni ambjentali espliċita tkun relatata mal-prestazzjoni ambjentali futura ta' prodott jew kummerċjant, din għandha tinkludi impenn marbut biż-żmien għal titjib fl-operazzjonijiet proprji u fil-ktajjen tal-valur.

5. L-asserzjonijiet ambjentali espliċiti dwar l-impatti ambjentali kumulattivi ta' prodott jew kummerċjant ibbażati fuq indikatur aggregat tal-impatti ambjentali jistgħu jsiru biss abbażi tar-regoli għall-kalkolu ta' tali indikatur aggregat li huma stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni.

6. L-informazzjoni dwar il-prodott jew il-kummerċjant li huwa s-suġġett tal-asserzjoni ambjentali espliċita u dwar is-sostanzjar għandha tkun disponibbli flimkien mal-asserzjoni f'forma fiżika jew fil-forma ta' weblink, kodiċi QR jew l-ekwivalenti.

   Dik l-informazzjoni għandha tinkludi mill-inqas dawn li ġejjin:

   – l-aspetti ambjentali, l-impatti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali koperti mill-asserzjoni;

   – l-istandards tal-Unjoni jew internazzjonali rilevanti, fejn xieraq;

   – l-istudji jew il-kalkoli sottostanti użati għall-valutazzjoni, il-kejl u l-monitoraġġ tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali jew tal-prestazzjoni ambjentali koperti mill-asserzjoni, mingħajr ma jitħallew barra r-riżultati ta' tali studji jew kalkoli u, l-ispjegazzjonijiet tal-ambitu, tas-suppożizzjonijiet u tal-limitazzjonijiet tagħhom, sakemm l-informazzjoni ma tkunx sigriet kummerċjali f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2016/943[46];

---

45 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

46 Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1).

- spjegazzjoni qasira dwar kif jinkiseb it-titjib li huwa soġġett għall-asserzjoni;
- iċ-ċertifikat ta' konformità msemmi fl-Artikolu 10 rigward is-sostanzjar tal-asserzjoni u l-informazzjoni ta' kuntatt tal-verifikatur li jkun fassal iċ-ċertifikat ta' konformità;
- għall-asserzjonijiet ambjentali espliċiti relatati mal-klima li jiddependu fuq il-kumpensi għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra, informazzjoni dwar sa liema punt jiddependu fuq il-kumpensi u jekk dawn humiex relatati mat-tnaqqis jew mal-assorbimenti tal-emissjonijiet;
- sommarju tal-valutazzjoni, inklużi l-elementi elenkati f'dan il-paragrafu, li jkun ċar u li jinftiehem mill-konsumaturi fil-mira tal-asserzjoni u li jiġi pprovdut mill-inqas b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn issir l-asserzjoni.

7. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 6 ma għandhomx japplikaw għal kummerċjanti li huma mikrointrapriżi skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, sakemm ma jitolbux il-verifika bil-għan li jirċievu ċ-ċertifikat ta' konformità f'konformità mal-Artikolu 10.

8. Meta s-sostanzjar ta' ċerti impatti ambjentali, aspetti ambjentali jew prestazzjoni ambjentali jkun soġġett għar-regoli stabbiliti fl-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4(a) u l-paragrafu 4(c) tal-Artikolu 3, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 biex tissupplimenta r-rekwiżiti għall-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali espliċiti stabbiliti fl-Artikolu 5 billi tispeċifika aktar l-informazzjoni li tista' tiġi jew għandha tiġi kkomunikata fir-rigward ta' tali impatti ambjentali, aspetti ambjentali jew prestazzjoni ambjentali, sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa.

*Artikolu 6*

*Komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali komparattivi*

L-asserzjonijiet ambjentali komparattivi ma għandhomx ikunu relatati ma' titjib tal-impatti ambjentali, tal-aspetti ambjentali jew tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodott li huwa s-suġġett tal-asserzjoni meta mqabbel mal-impatti ambjentali, mal-aspetti ambjentali jew mal-prestazzjoni ambjentali ta' prodott ieħor mill-istess kummerċjant jew minn kummerċjant li jikkompeti li ma għadux attiv fis-suq jew minn kummerċjant li ma għadux ibigħ lill-konsumaturi, sakemm ma jkunux ibbażati fuq evidenza li turi li t-titjib huwa sinifikanti u li nkiseb fl-aħħar ħames snin.

*Artikolu 7*

*Tikketti ambjentali*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tikketti ambjentali jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli minn 3 sa 6 u jkunu soġġetti għal verifika f'konformità mal-Artikolu 10.

2. Tikketti ambjentali mogħtija skont skemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni biss jistgħu jippreżentaw klassifikazzjoni jew punteġġ ta' prodott jew kummerċjant abbażi ta' indikatur aggregat tal-impatti ambjentali ta' prodott jew kummerċjant.

*Artikolu 8*

*Rekwiżiti għall-iskemi ta' tikkettar ambjentali*

1. Skema ta' tikkettar ambjentali tfisser skema ta' ċertifikazzjoni li tiċċertifika li prodott, proċess jew kummerċjant jikkonforma mar-rekwiżiti għal tikketta ambjentali.

2. L-iskemi ta' tikkettar ambjentali għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

– l-informazzjoni dwar is-sjieda u l-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema ta' tikkettar ambjentali tkun trasparenti, aċċessibbli mingħajr ħlas, faċli biex tinftiehem u dettaljata biżżejjed;

– l-informazzjoni dwar l-objettivi tal-iskema ta' tikkettar ambjentali u r-rekwiżiti u l-proċeduri għall-monitoraġġ tal-konformità tal-iskema ta' tikkettar ambjentali huma trasparenti, aċċessibbli mingħajr ħlas, faċli biex jinftiehmu u dettaljati biżżejjed;

– il-kundizzjonijiet għas-sħubija fl-iskemi ta' tikkettar ambjentali huma proporzjonati għad-daqs u l-fatturat tal-kumpaniji sabiex ma jiġux esklużi l-intrapriżi żgħar u medji;

– ir-rekwiżiti għall-iskema ta' tikkettar ambjentali ġew żviluppati minn esperti li jistgħu jiżguraw ir-robustezza xjentifika tagħhom u ġew sottomessi għal konsultazzjoni lil grupp eteroġenu ta' partijiet ikkonċernati li rrieżaminahom u żgura r-rilevanza tagħhom minn perspettiva soċjetali;

– l-iskema ta' tikkettar ambjentali għandha fis-seħħ mekkaniżmu għas-soluzzjoni tal-ilmenti u tat-tilwim;

– l-iskema ta' tikkettar ambjentali tistabbilixxi proċeduri biex jiġi ttrattat in-nuqqas ta' konformità u tipprevedi l-irtirar jew is-sospensjoni tat-tikketta ambjentali f'każ ta' nuqqas ta' konformità persistenti u flagranti mar-rekwiżiti tal-iskema.

3. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = *id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva*] l-ebda skema ta' tikkettar ambjentali nazzjonali jew reġjonali ġdida ma għandha tiġi stabbilita mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri. Madankollu, l-iskemi ta' tikkettar ambjentali nazzjonali jew reġjonali stabbiliti qabel dik id-data jistgħu jkomplu jagħtu t-tikketti ambjentali fis-suq tal-Unjoni, dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

Mid-data msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-iskemi ta' tikkettar ambjentali jistgħu jiġu stabbiliti biss skont id-dritt tal-Unjoni.

4. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = *id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva*] kwalunkwe skema ġdida ta' tikkettar ambjentali stabbilita mill-awtoritajiet pubbliċi f'pajjiżi terzi li tagħti tikketti ambjentali biex jintużaw fis-suq tal-Unjoni, għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni qabel ma tidħol fis-suq tal-Unjoni bl-għan li jiġi żgurat li dawn it-tikketti jipprovdu valur miżjud f'termini tal-ambizzjoni ambjentali tagħhom inkluż b'mod partikolari l-kopertura tagħhom tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali, jew ta' ċertu grupp jew settur ta' prodotti, meta mqabbla mal-iskemi eżistenti tal-Unjoni, nazzjonali jew reġjonali msemmija fil-paragrafu 3, u jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Skemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti

mill-awtoritajiet pubbliċi f'pajjiżi terzi qabel dik id-data jistgħu jkomplu jagħtu t-tikketti ambjentali li għandhom jintużaw fis-suq tal-Unjoni, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti minn operaturi privati wara [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = *id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva*] jiġu approvati biss jekk dawk l-iskemi jipprovdu valur miżjud f'termini tal-ambizzjoni ambjentali tagħhom, inkluża b'mod partikolari l-firxa tal-kopertura tagħhom tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali, jew ta' ċertu grupp ta' prodotti jew settur u l-kapaċità tagħhom li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika tal-SMEs, meta mqabbla mal-iskemi reġjonali, nazzjonali jew tal-Unjoni eżistenti msemmija fil-paragrafu 3, u jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

Din il-proċedura għall-approvazzjoni ta' skemi ġodda ta' tikkettar ambjentali għandha tapplika għall-iskemi stabbiliti minn operaturi privati fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta jiġu approvati skemi privati ġodda.

6. Sabiex jirċievu l-approvazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 4 u 5, l-operaturi ta' skemi ġodda ta' tikkettar ambjentali għandhom jipprovdu dokumenti ta' sostenn li jistabbilixxu dawn li ġejjin:

– ir-raġunament sottostanti għall-iżvilupp tal-iskema

– l-ambitu propost tal-iskema,

– l-evidenza li l-iskema se tipprovdi valur miżjud kif stabbilit fil-paragrafu 4 għall-iskemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti minn awtoritajiet pubbliċi f'pajjiżi terzi, jew fil-paragrafu 5 għall-iskemi ta' tikkettar ambjentali stabbiliti minn operaturi privati;

– proposta għal abbozz ta' kriterji u l-metodoloġija użata għall-iżvilupp u l-għoti tat-tikketta ambjentali u l-impatti mistennija fis-suq;

– deskrizzjoni dettaljata tas-sjieda u tal-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema ta' tikkettar ambjentali.

Id-dokumenti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni fil-każ tal-iskemi msemmija fil-paragrafu 4 jew lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-każ tal-iskemi msemmija fil-paragrafu 5, flimkien maċ-ċertifikat ta' konformità għall-iskemi ta' tikkettar ambjentali mfassal f'konformità mal-Artikolu 10.

7. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u żżomm aġġornata lista ta' tikketti ambjentali rikonoxxuti uffiċjalment li jistgħu jintużaw fis-suq tal-Unjoni wara [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = *id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva*] skont il-paragrafi 3, 4 u 5.

8. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi madwar l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni maħsuba biex:

– jipprovdu rekwiżiti dettaljati għall-approvazzjoni ta' skemi ta' tikkettar ambjentali skont il-kriterji msemmija fil-paragrafi 4 u 5;

– jispeċifikaw aktar il-format u l-kontenut tad-dokumenti ta’ sostenn imsemmija fil-paragrafu 6;

– jipprovdu regoli dettaljati dwar il-proċedura għall-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.

Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 19.

*Artikolu 9*

*Rieżami tas-sostanzjar ta’ asserzjonijiet ambjentali espliċiti*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni użata biex jiġu ssostanzjati l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti tiġi rieżaminata u aġġornata mill-kummerċjanti meta jkun hemm ċirkostanzi li jistgħu jaffettwaw l-akkuratezza ta’ asserzjoni, u mhux aktar tard minn ħames snin mid-data meta jiġi pprovdut it-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 5(6). Fir-rieżami, il-kummerċjant għandu jirrevedi l-informazzjoni sottostanti użata biex jiżgura li r-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 4 jiġu rrispettati bis-sħiħ.

L-asserzjoni ambjentali espliċita aġġornata għandha tkun soġġetta għal verifika f’konformità mal-Artikolu 10.

*Artikolu 10*

*Il-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tas-sostanzjar u l-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali u tal-iskemi ta’ tikkettar ambjentali*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri għall-verifika tas-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta’ asserzjonijiet ambjentali espliċiti fl-isfond tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli minn 3 sa 7.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri għall-verifika tal-konformità tal-iskemi ta’ tikkettar ambjentali mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8.

3. Ir-rekwiżiti ta’ verifika u ċertifikazzjoni għandhom japplikaw għall-kummerċjanti li huma mikrointrapriżi skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE biss jekk jitolbu dan.

4. Il-verifika għandha ssir minn verifikatur li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11, f’konformità mal-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 u 2, qabel ma l-asserzjoni ambjentali ssir pubblika jew qabel ma tintwera t-tikketta ambjentali minn kummerċjant.

5. Għall-finijiet tal-verifika, il-verifikatur għandu jqis in-natura u l-kontenut tal-asserzjoni ambjentali espliċita jew tat-tikketta ambjentali.

6. Mat-tlestija tal-verifika, il-verifikatur għandu jfassal, fejn xieraq, ċertifikat ta’ konformità li jiċċertifika li l-asserzjoni ambjentali espliċita jew it-tikketta ambjentali tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f’din id-Direttiva.

7. Iċ-ċertifikat ta’ konformità għandu jiġi rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar ta’ din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-lista ta’ ċertifikati ta’ konformità permezz tas-Sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

8. Iċ-ċertifikat ta' konformità ma għandux jippreġudika l-valutazzjoni tal-asserzjoni ambjentali mill-awtoritajiet jew mill-qrati nazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2005/29/KE.

9. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi dettalji dwar il-forma taċ-ċertifikat ta' konformità msemmi fil-paragrafu 5 u l-mezzi tekniċi għall-ħruġ ta' tali ċertifikat ta' konformità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19.

*Artikolu 11*

*Verifikatur*

1. Il-verifikatur għandu jkun korp ta' valutazzjoni tal-konformità ta' parti terza akkreditat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008[47].

2. L-akkreditazzjoni għandha, b'mod partikolari, tinkludi l-evalwazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafu 3.

3. Il-verifikatur għandu jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-verifikatur għandu jkun indipendenti mill-prodott li jkollu fuqu l-asserzjoni ambjentali, jew il-kummerċjant assoċjat magħha;

(b) il-verifikatur, il-maniġment superjuri tiegħu u l-persunal responsabbli għat-twettiq tal-kompiti ta' verifika ma għandhom jinvolvu ruħhom fl-ebda attività li tista' tkun f'kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom b'rabta mal-attivitajiet ta' verifika;

(c) il-verifikatur u l-persunal tiegħu għandhom iwettqu l-attivitajiet ta' verifika bl-ogħla grad ta' integrità professjonali u l-kompetenza teknika meħtieġa u għandhom ikunu ħielsa mill-pressjonijiet u l-inċentivi kollha, b'mod partikolari finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet ta' verifika tagħhom,

(d) il-verifikatur għandu jkollu l-għarfien espert, it-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa biex iwettaq l-attivitajiet ta' verifika li b'rabta magħhom ikun ġie akkreditat;

(e) il-verifikatur għandu jkollu għadd suffiċjenti ta' membri tal-persunal kwalifikati u b'esperjenza xierqa responsabbli biex iwettqu l-kompiti ta' verifika;

(f) il-persunal ta' verifikatur għandu josserva s-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq tal-kompiti ta' verifika;

(g) meta verifikatur jissottokuntratta kompiti speċifiċi konnessi mal-verifika jew jirrikorri għal sussidjarja, huwa għandu jieħu responsabbiltà sħiħa għall-kompiti mwettqa minn sottokuntratturi jew sussidjarji u għandu jivvaluta u

---

[47] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

jimmonitorja l-kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tas-sussidjarja u l-ħidma mwettqa minnhom.

*Artikolu 12*

*Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju*

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jgħinu lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva. Dawk il-miżuri għandhom mill-inqas jinkludu linji gwida jew mekkaniżmi simili biex titqajjem kuxjenza dwar modi ta' konformità mar-rekwiżiti dwar asserzjonijiet ambjentali espliċiti. Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat, tali miżuri jistgħu jinkludu:

(a) appoġġ finanzjarju;

(b) aċċess għal finanzi;

(c) ġestjoni speċjalizzata u taħriġ tal-persunal;

(d) assistenza organizzazzjonali u teknika.

*Artikolu 13*

*Ħatra tal-awtoritajiet kompetenti u l-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar bħala responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva.

2. Għall-fini tal-infurzar tal-Artikoli 5 u 6, l-Istati Membri jistgħu jaħtru l-awtoritajiet nazzjonali jew il-qrati responsabbli għall-infurzar tad-Direttiva 2005/29/KE. F'dak il-każ, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-Artikoli minn 14 sa 17 ta' din id-Direttiva u japplikaw ir-regoli tal-infurzar adottati f'konformità mal-Artikoli minn 11 sa 13 tad-Direttiva 2005/29/KE.

3. Meta jkun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dmirijiet rispettivi ta' dawk l-awtoritajiet ikunu definiti b'mod ċar u li jiġu stabbiliti mekkaniżmi xierqa ta' komunikazzjoni u koordinazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn mingħajr dewmien dwar l-identità tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tagħhom u l-oqsma ta' kompetenza ta' dawk l-awtoritajiet.

*Artikolu 14*

*Setgħat tal-awtoritajiet kompetenti*

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom is-setgħat ta' spezzjoni u infurzar meħtieġa biex jiżguraw il-konformità ma' din id-Direttiva.

2. Is-setgħat mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafu 1 għandhom jinkludu mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) is-setgħa ta' aċċess għal kwalunkwe dokument, *data* jew informazzjoni rilevanti relatati ma' ksur ta' din id-Direttiva, fi kwalunkwe forma jew format u

irrispettivament mill-mezz ta' ħżin tagħhom, jew il-post fejn jinħażnu, u s-setgħa li jieħdu jew jiksbu kopji tagħhom;

(b) is-setgħa li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tintalab tipprovdi kwalunkwe informazzjoni, *data* jew dokument rilevanti, fi kwalunkwe forma jew format u irrispettivament mill-mezz ta' ħżin tagħhom jew mill-post fejn jinħażnu, għall-finijiet li jiġi stabbilit jekk ikunx seħħ jew qed iseħħ ksur ta' din id-Direttiva u d-dettalji ta' tali ksur;

(c) is-setgħa li jibdew investigazzjonijiet jew proċedimenti fuq inizjattiva tagħhom stess biex iwaqqfu jew jipprojbixxu l-ksur ta' din id-Direttiva;

(d) is-setgħa li l-kummerċjanti jintalbu jadottaw rimedji adegwati u effettivi u jieħdu azzjoni xierqa biex itemmu ksur ta' din id-Direttiva;

(e) is-setgħa li jadottaw, fejn xieraq, rimedju b'mandat ta' inibizzjoni fir-rigward ta' ksur ta' din id-Direttiva;

(f) is-setgħa li jimponu penali għall-ksur ta' din id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 17.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw kwalunkwe informazzjoni, dokument, sejba, dikjarazzjoni jew intelligence bħala evidenza għall-fini tal-investigazzjonijiet tagħhom, irrispettivament mill-format li fih jew mill-mezz li fuqu jkunu maħżuna.

*Artikolu 15*

*Miżuri ta' monitoraġġ tal-konformità*

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri maħtura f'konformità mal-Artikolu 13 għandhom iwettqu kontrolli regolari tal-asserzjonijiet ambjentali espliċiti magħmula u tal-iskemi ta' tikkettar ambjentali applikati, fis-suq tal-Unjoni. Ir-rapporti li jagħtu dettalji dwar ir-riżultat ta' dawk il-kontrolli għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku online.

2. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jidentifikaw ksur ta' obbligu stabbilit f'din id-Direttiva, huma għandhom iwettqu evalwazzjoni li tkopri r-rekwiżiti rilevanti kollha stipulati f'din id-Direttiva.

3. Meta, wara l-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jsibu li s-sostanzjar u l-komunikazzjoni tal-asserzjoni ambjentali espliċita jew tal-iskema ta' tikkettar ambjentali ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva, huma għandhom jinnotifikaw lill-kummerċjant li jagħmel l-asserzjoni dwar in-nuqqas ta' konformità u jirrikjedu li l-kummerċjant jieħu l-azzjoni korrettiva xierqa kollha fi żmien 30 jum biex iġib l-asserzjoni ambjentali espliċita jew l-iskema ta' tikkettar ambjentali f'konformità ma' din id-Direttiva jew iwaqqaf l-użu tal-asserzjoni ambjentali espliċita mhux konformi u r-referenzi għaliha. Tali azzjoni għandha tkun effettiva u rapida kemm jista' jkun, filwaqt li tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità u mad-dritt li wieħed jinstema'.

*Artikolu 16*

*It-trattament tal-ilmenti u l-aċċess għall-ġustizzja*

1. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew organizzazzjonijiet meqjusa skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali bħala li għandhom interess leġittimu għandhom ikunu intitolati li jressqu lmenti ssostanzjati lill-awtoritajiet kompetenti meta jqisu, abbażi ta' ċirkostanzi oġġettivi, li kummerċjant qed jonqos milli jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

2. Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-entitajiet jew l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu s-saħħa tal-bniedem, il-ħarsien tal-ambjent jew il-protezzjoni tal-konsumatur u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess suffiċjenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-ilment issostanzjat imsemmi fil-paragrafu 1 u, fejn meħtieġ, jieħdu l-passi meħtieġa, inklużi spezzjonijiet u seduti ta' smigħ tal-persuna jew tal-organizzazzjoni, bil-ħsieb li jivverifikaw dawk l-ilmenti. Jekk jiġu kkonfermati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 15.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali, jinformaw lill-persuna jew lill-organizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 li ressqet l-ilment bid-deċiżjoni tagħhom li jaċċettaw jew jirrifjutaw it-talba għal azzjoni mressqa fl-ilment u għandhom jipprovdu r-raġunijiet għaliha.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna jew organizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 li tressaq ilment issostanzjat ikollha aċċess għal qorti jew korp pubbliku indipendenti u imparzjali kompetenti biex jirrieżamina l-legalità proċedurali u sostantiva tad-deċiżjonijiet, l-atti jew in-nuqqas ta' azzjoni tal-awtorità kompetenti skont din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li tirrikjedi li l-proċeduri ta' rieżami amministrattiv jiġu eżawriti qabel ir-rikors għal proċedimenti ġudizzjarji. Dawk il-proċeduri ta' rieżami ġudizzjarju għandhom ikunu ġusti, ekwi, f'waqthom u mingħajr ħlas jew mhux għaljin b'mod projbittiv, u għandhom jipprovdu rimedji adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni fejn meħtieġ.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni prattika tkun magħmula disponibbli għall-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' rieżami amministrativ u ġudizzjarju msemmija f'dan l-Artikolu.

*Artikolu 17*

*Penali*

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2008/99/EC40[48], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-

[48] Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Meta jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' penali li għandhom jiġu imposti f'każ ta' ksur, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iqisu kif xieraq dawn li ġejjin:

(a) in-natura, il-gravità, il-firxa u d-durata tal-ksur;

(b) il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur u kwalunkwe azzjoni meħuda mill-kummerċjant biex itaffi jew jirrimedja d-dannu mġarrab mill-konsumaturi, fejn applikabbli;

(c) is-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew ġuridika miżmuma responsabbli, kif indikat, pereżempju, mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika miżmuma responsabbli jew mill-introjtu annwali tal-persuna fiżika miżmuma responsabbli;

(d) il-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-ksur minn dawk responsabbli;

(e) kwalunkwe ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew ġuridika miżmuma responsabbli;

(f) kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti ieħor applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

(g) il-penali imposti fuq il-kummerċjant għall-istess ksur fi Stati Membri oħrajn f'każijiet transfruntiera fejn l-informazzjoni dwar tali penali tkun disponibbli permezz tal-mekkaniżmu stabbilit bir-Regolament (UE) 2017/2394, fejn applikabbli.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li l-penali u l-miżuri għall-ksur ta' din id-Direttiva għandhom jinkludu:

(a) multi li effettivament iċaħħdu lil dawk responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi miksuba mill-ksur tagħhom, u li jżidu l-livell ta' tali multi għal ksur ripetut;

(b) il-konfiska tad-dħul miksub mill-kummerċjant minn tranżazzjoni mal-prodotti rilevanti kkonċernati;

(c) esklużjoni temporanja għal perjodu massimu ta' 12-il xahar mill-proċessi tal-akkwist pubbliku u mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-proċeduri tal-offerti, l-għotjiet u l-konċessjonijiet.

Għall-finijiet tal-punt (a), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jiġu imposti penali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/2394[49], l-ammont massimu ta' tali multi jkun mill-inqas 4 % tal-fatturat annwali tal-kummerċjant fl-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernati.

*Artikolu 18*

*Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

49 ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati kif imsemmi fl-Artikolu 3(4) u fl-Artikolu 5(8) għal perjodu ta' 5 snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet *jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva*]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(4) u fl-Artikolu (5)8 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati li diġà jkunu fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 5(8) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 19*

*Proċedura ta' Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 20*

*Monitoraġġ*

1. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw regolarment l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva abbażi ta':

   (a) ħarsa ġenerali lejn it-tipi ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti u ta' skemi ta' tikkettar ambjentali li kienu soġġetti għal ilmenti ssostanzjati f'konformità mal-Artikolu 16;

   (b) ħarsa ġenerali lejn l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti u l-iskemi ta' tikkettar ambjentali li fir-rigward tagħhom l-awtoritajiet kompetenti talbu li l-kummerċjant jieħu azzjoni korrettiva, f'konformità mal-Artikolu 15, jew ikunu imponew penali f'konformità mal-Artikolu 17.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tispeċifika l-asserzjoni ambjentali espliċita jew l-iskema ta' tikkettar ambjentali, in-natura tal-allegat ksur, in-natura u t-tul ta' żmien tal-azzjoni korrettiva u, jekk applikabbli, il-penali imposta.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni fuq bażi annwali.

4. Abbażi tal-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 3 u l-informazzjoni disponibbli mill-Istati Membri skont l-Artikolu 15(1), u, jekk meħtieġ, konsultazzjonijiet addizzjonali mal-awtoritajiet kompetenti, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tippubblika, kull sentejn, rapport li jkun fih valutazzjoni tal-evoluzzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti u skemi ta' tikkettar ambjentali f'kull Stat Membru u għall-Unjoni kollha kemm hi. Ir-rapport għandu jippermetti differenzjazzjoni skont id-daqs tal-kummerċjant li jagħmel l-asserzjoni u skont il-kwalità tas-sostanzjar.

*Artikolu 21*

*Evalwazzjoni u rieżami*

1. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet *jekk jogħġbok daħħal id-data = ħames snin wara d-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva*], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva fid-dawl tal-objettivi li ssegwi u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jivvaluta jekk din id-Direttiva laħqitx l-objettiv tagħha, b'mod partikolari fir-rigward ta':

   (a) l-iżgurar li l-asserzjonijiet ambjentali espliċiti li jsiru dwar il-prestazzjoni ambjentali ta' prodott jew kummerċjant ikunu bbażati fuq informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli;

   (b) l-iżgurar li l-iskemi ta' tikkettar ambjentali jkunu bbażati fuq skemi ta' ċertifikazzjoni u jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 8;

   (c) l-iżgurar li skemi privati ġodda ta' tikkettar ambjentali li jikkonċernaw prodotti jew kummerċjanti diġà koperti minn skemi eżistenti jiġu approvati mill-Istati Membri biss jekk jipprovdu valur miżjud meta mqabbla mal-iskemi eżistenti;

   (d) l-istabbiliment tar-regoli għall-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti fis-suq tal-Unjoni, u l-evitar tad-duplikazzjoni tal-kostijiet meta jiġu kkomunikati tali asserzjonijiet;

   (e) it-tisħiħ tal-funzjonament tas-suq intern.

3. Meta l-Kummissjoni ssib li jkun xieraq, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għal emenda tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva, inkluż li jiġu kkunsidrati dispożizzjonijiet dwar:

   (a) l-isfruttar ta' opportunitajiet għall-ekonomija ċirkolari, bijoloġika u ekoloġika billi jiġu vvalutati l-adegwatezza u l-fattibbiltà li jingħata mandat għall-użu ta' metodu komuni u, fejn rilevanti, ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja, għas-sostanzjar tal-asserzjonijiet ambjentali;

   (b) l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni lejn ambjent ħieles mit-tossiċità billi tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' projbizzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali għal prodotti li fihom sustanzi perikolużi, ħlief meta l-użu tagħhom jitqies essenzjali

għas-soċjetà f'konformità mal-kriterji li għandhom jiġu żviluppati mill-Kummissjoni;

(c) l-armonizzazzjoni ulterjuri fir-rigward tar-rekwiżiti dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali speċifiċi dwar aspetti jew impatti ambjentali bħad-durabbiltà, l-użu mill-ġdid, il-possibbiltà ta' tiswija, ir-riċiklabbiltà, il-kontenut riċiklat, l-użu ta' kontenut naturali, inklużi l-fibri, il-prestazzjoni jew is-sostenibbiltà ambjentali, l-elementi b'bażi bijoloġika, il-bijodegradabbiltà, il-bijodiversità, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-iskart.

*Artikolu 22*

*Emenda għar-Regolament (UE) 1024/2012*

Fl-Anness tar-Regolament (UE) 1024/2012, jiżdied il-punt li ġej:

"X. [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal in-numru konsekuttiv li jmiss] id-Direttiva (UE) … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (ĠU L …, data, paġna: l-Artikoli 13(3) u 15)".

*Artikolu 23*

*Emendi għar-Regolament (UE) 2017/2394*

Fl-Anness tar-Regolament (UE) 2017/2394, jiżdied il-punt li ġej:

"X. [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal in-numru konsekuttiv li jmiss] id-Direttiva (UE) … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (ĠU L …, data, paġna)."

*Artikolu 24*

*Emenda għad-Direttiva (UE) 2020/1828*

Fl-Anness I għad-Direttiva (UE) 2020/1828, jiżdied il-punt li ġej:

"(X) [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal in-numru konsekuttiv li jmiss] id-Direttiva (UE) … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (ĠU L …, data, paġna)".

*Artikolu 25*

*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = *18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*] il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = *24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif referenza bħal din għandha ssir.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 26*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 27*

*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

**Asserzjonijiet Ekoloġiċi**: proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

09 - Ambjent u Azzjoni Klimatika[116]

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[117]**

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

L-objettiv ta' din l-inizjattiva huwa li żżid il-livell ta' ħarsien tal-ambjent u tikkontribwixxi biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika lejn ekonomija ċirkolari, nadifa u newtrali għall-klima fl-UE, tipproteġi lill-konsumaturi u lill-kumpaniji mill-greenwashing u tippermetti lill-konsumaturi jikkontribwixxu biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika billi jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ix-xiri bbażati fuq asserzjonijiet u tikketti ambjentali kredibbli, itejbu ċ-ċertezza legali fir-rigward tal-asserzjonijiet ambjentali u l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jagħtu spinta lill-kompetittività tal-operaturi ekonomiċi li jagħmlu sforzi biex iżidu s-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u l-attivitajiet tagħhom, u joħolqu opportunitajiet ta' ffrankar tal-kostijiet għal tali operaturi li jkunu qed jinnegozjaw bejn il-fruntieri.

Hija tikkomplementa l-bidliet proposti għall-Prattiki Kummerċjali Żleali proposti.

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

L-istabbiliment ta' regoli tal-UE dwar l-asserzjonijiet ekoloġiċi volontarji, applikabbli għal-kummerċjanti li joperaw fl-Unjoni Ewropea (bl-eċċezzjoni tal-mikrointrapriżi għal xi dispożizzjonijiet) dwar is-sostanzjar, il-komunikazzjoni u l-verifika ta' asserzjonijiet ambjentali/skemi ta' tikkettar ambjentali.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

Billi jilħqu l-objettivi speċifiċi, aktar operaturi tas-suq ikunu jistgħu jintegraw informazzjoni ambjentali affidabbli fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom (eż. id-deċiżjonijiet dwar ix-xiri, l-għażla tal-fornituri jew il-kooperazzjoni mal-fornituri u mas-sħab kummerċjali, id-disinn tal-prodott, l-għażliet tal-akkwist).

[116] Għall-Asserzjonijiet Ekoloġiċi, il-bażi ġuridika tal-inizjattiva hija s-Suq Uniku, iżda r-riżorsi baġitarji jiġu minn 09 – Ambjent u Azzjoni Klimatika.

[117] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-konsumaturi jkunu jistgħu jafdaw l-asserzjonijiet ambjentali dwar il-prodotti li jixtru, u b'hekk ikunu jistgħu jintegraw il-kunsiderazzjonijiet ambjentali b'mod aktar sistematiku fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar ix-xiri.

Dan iwassal għal aktar domanda għal prodotti u soluzzjonijiet aktar ekoloġiċi, li jixprunaw it-tkabbir fis-swieq ekoloġiċi. Dan jisfrutta l-opportunitajiet fil-katina tal-provvista għal aktar effiċjenza u prestazzjoni ambjentali aħjar. Dan imbagħad jikkontribwixxi għall-objettiv ġenerali li jiġu sfruttati l-opportunitajiet għall-ekonomija ċirkolari u ekoloġika. L-istabbiliment ta' approċċ tal-UE għall-asserzjonijiet ambjentali jindirizza l-objettiv ġenerali tat-tisħiħ tal-funzjonament tas-suq intern, speċifikament tas-swieq ekoloġiċi.

Approċċ komuni tal-UE li jwieġeb għall-objettiv tal-affidabbiltà, il-komparabbiltà u l-verifikabbiltà jagħmilha aktar faċli għall-awtoritajiet tal-infurzar biex jivverifikaw l-asserzjonijiet, u b'hekk ikompli jsaħħaħ l-effett tagħhom. Dan ikompli jsaħħaħ l-ixprunaturi għal prestazzjoni ambjentali aħjar tal-prodotti u tal-kummerċjanti, filwaqt li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

**1. L-asserzjonijiet ambjentali dwar il-prodotti u l-kumpaniji huma affidabbli, komparabbli u verifikabbli:** żieda fis-sehem ta' asserzjonijiet ambjentali affidabbli, u tnaqqis korrispondenti fis-sehem ta' asserzjonijiet ambjentali qarrieqa mmonitorjati permezz ta':

o L-għadd ta' asserzjonijiet ambjentali li jirrispettaw (jew le) ir-rekwiżiti tal-inizjattiva għall-asserzjonijiet ekoloġiċi;

o L-implimentazzjoni effettiva tal-inizjattiva għall-asserzjonijiet ekoloġiċi;

o Is-sehem tal-awtoritajiet nazzjonali li jqisu li d-Direttiva għamlitha aktar faċli li jiġi indirizzat il-greenwashing.

2. **L-utenti tal-informazzjoni jafdaw l-informazzjoni ambjentali:** iż-żieda fil-fiduċja tal-utenti tal-informazzjoni (konsumaturi, negozji, investituri, amministrazzjonijiet pubbliċi u NGOs) fl-asserzjonijiet ambjentali mmonitorjati permezz ta':

o Il-livell ta' fiduċja tal-konsumatur fl-asserzjonijiet ambjentali;

o Il-livell ta' fiduċja tal-konsumatur fit-tikketti ta' sostenibbiltà;

o Il-livell ta' fiduċja ta' utenti oħrajn tal-informazzjoni (negozji, investituri, amministrazzjonijiet pubbliċi, NGOs) fl-asserzjonijiet ambjentali fl-ambitu.

**3. Il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u tal-organizzazzjonijiet ittejjeb:** l-evoluzzjoni pożittiva tal-valuri referenzjarji fir-Regoli tal-Kategorija Marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott (PEFCRs) u r-riżultati tal-profil tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti (PEF) u tal-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjonijiet (OEF) li juru xejra li l-prodotti u l-organizzazzjonijiet qed isiru aktar ekoloġiċi; it-tnaqqis fl-impronta tal-konsum tal-UE (skont l-indikatur tal-impronta tal-konsum żviluppat mill-JRC), li jkopri s-16-il impatt ambjentali kollha tal-metodi tal-Impronta Ambjentali. Dan se jiġi mmonitorjat mill-indikaturi li ġejjin:

o L-evoluzzjoni tal-valuri referenzjarji fil-PEFCRs;

o L-evoluzzjoni tar-riżultati tal-profil tal-EF dwar il-PEF u l-OEF maż-żmien;

o L-evoluzzjoni tal-impronta tal-konsum fl-UE.

4. **L-ostakli fis-swieq ekoloġiċi jitnaqqsu:** l-ostakli relatati mal-konformità ma' metodi multipli u mal-għoti ta' informazzjoni ambjentali jitnaqqsu. Dan se jiġi mmonitorjat mill-indikaturi li ġejjin:

o Il-perċezzjoni tan-negozji fis-suq intern ta' prodotti ekoloġiċi.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

<u>Rekwiżiti fit-terminu qasir</u>

L-Istati Membri se jkollhom sentejn biex jittrasponu d-Direttiva. Din il-proposta hija marbuta mill-qrib mar-rieżami tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali, proposta mill-Kummissjoni f'Marzu 2022, u huwa mistenni li ż-żewġ Direttivi jistgħu jiġu trasposti b'mod konġunt.

Minbarra t-traspożizzjoni tar-regoli dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni tal-asserzjonijiet ambjentali, l-Istati Membri se jkollhom jistabbilixxu proċedura għall-verifika tas-sostanzjar tal-asserzjonijiet ambjentali fuq il-prodotti/il-kummerċjanti mqiegħda fis-suq, u l-iskemi ta' ekotikkettar, jaħtru l-awtoritajiet kompetenti u mekkaniżmu ta' koordinazzjoni.

Il-proposta tipprevedi li l-asserzjonijiet ambjentali volontarji għandhom jiġu ssostanzjati abbażi ta' valutazzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3. F'każijiet fejn il-Kummissjoni tadotta atti delegati li jistabbilixxu regoli bbażati fuq iċ-ċiklu tal-ħajja għal gruppi ta' prodotti jew setturi speċifiċi, l-operaturi ekonomiċi se jkunu jistgħu jissostanzjaw asserzjonijiet speċifiċi dwar l-impatti ambjentali abbażi tagħhom.

B'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, u ftit wara d-dħul fis-seħħ tagħha, il-Kummissjoni se tadotta att ta' implimentazzjoni biex tipprovdi dettalji rigward il-forma ta' ċertifikat li għandu jinħareġ mill-verifikatur ta' asserzjonijiet ambjentali skont l-Artikolu 12.

<u>Rekwiżiti kontinwi</u>

L-awtoritajiet kompetenti se jkunu obbligati jwettqu kontrolli regolari tal-asserzjonijiet ambjentali użati fis-suq tal-UE.

L-Istati Membri se jkunu obbligati jimmonitorjaw regolarment l-applikazzjoni tad-Direttiva abbażi ta' ħarsa ġenerali lejn l-asserzjonijiet ambjentali li jkunu ġew innotifikati lill-awtoritajiet tal-infurzar; ħarsa ġenerali lejn l-asserzjonijiet ambjentali li fir-rigward tagħhom l-awtoritajiet tal-infurzar kienu talbu lill-organizzazzjoni responsabbli tieħu azzjoni korrettiva u, jekk applikabbli, ħadu miżuri ta' infurzar. L-Istati Membri se jipprovdu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni fuq bażi annwali.

Ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva fid-dawl tal-objettivi li ssegwi u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin u fejn xieraq proposta leġiżlattiva għall-emendar tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva.

Il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 3(4) dwar l-ispeċifikazzjoni ulterjuri tar-rekwiżiti għas-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali

espliċiti. Dan se jkun proċess kontinwu biex jiġu żviluppati aktar metodi ta' ssostanzjar.

Il-Kummissjoni se tingħata wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni biex tissupplimenta r-rekwiżiti għall-iskemi ta' tikkettar ambjentali f'konformità mal-Artikolu 8(8) u (9).

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Huwa essenzjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi f'termini tar-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati meta jagħmlu asserzjoni ambjentali, inklużi r-rekwiżiti dwar l-informazzjoni u d-*data* li għandhom jintużaw, billi jiġi stabbilit sett komuni ta' regoli fis-suq intern tal-UE.

Abbażi tal-istatus quo, u kieku l-Istati Membri kellhom jaġixxu individwalment, hemm riskju għoli li jispiċċaw b'ħafna sistemi differenti li jikkompetu bejniethom, ibbażati fuq metodi u approċċi differenti u mhux komparabbli, li jwasslu għal suq intern frammentat, speċjalment għal prodotti transfruntiera nnegozjati fis-suq intern, iżidu r-riskju li jkun hemm livelli ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni mhux uniformi dwar il-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti u organizzazzjonijiet madwar l-UE, u kostijiet addizzjonali għall-kumpaniji li jinnegozjaw b'mod transfruntier (speċjalment jekk ikollhom jużaw metodi differenti jew jikkonformaw ma' skemi ta' tikkettar differenti).

Fin-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-UE, l-operaturi tas-suq se jkomplu jiffaċċjaw informazzjoni qarrieqa dwar l-aspetti ambjentali, filwaqt li l-ostakli fis-suq intern jimpedixxu lin-negozji milli joperaw f'kundizzjonijiet ekwivalenti. Barra minn hekk, ċerti aspetti, bħall-iżvilupp ta' metodi biex isostnu asserzjonijiet speċifiċi u l-istabbiliment ta' bażijiet ta' *data* relatati (jekk meħtieġ) ma jistgħux jintlaħqu fil-livell nazzjonali, minħabba l-ambitu tagħhom f'termini ta' kopertura ta' prodotti, setturi jew reġjuni ġeografiċi.

Hemm valur miżjud ċar fl-istabbiliment ta' rekwiżiti komuni fil-livell tal-UE, minħabba li suq intern tal-UE armonizzat u li jiffunzjona tajjeb jistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi għan-negozji li joperaw fl-UE.

Huwa mistenni li wara l-azzjoni fil-livell tal-UE, l-Istati Membri ma jitħallewx jintroduċu miżuri speċifiċi b'mod unilaterali u d-Direttiva se tnaqqas ir-riskju ta' frammentazzjoni legali tas-suq uniku u se twassal għal iffrankar tal-kostijiet għall-gvernijiet u għas-settur privat.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-inizjattiva tikkomplementa l-bidliet proposti għad-Direttiva proposta dwar Prattiki Kummerċjali Żleali (UCPD) magħmula mill-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Hija tibni fuq it-tagħlimiet meħuda dwar l-implimentazzjoni tal-UCPD u l-ħtieġa għal regoli speċifiċi dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ekoloġiċi espliċiti, dwar il-komunikazzjoni u l-verifika. Hija tislet ukoll it-tagħlimiet dwar il-proliferazzjoni tal-iskemi tal-ekotikkettar. Tagħlimiet oħrajn meħuda huma relatati mal-iżvilupp tal-Ekotikketta tal-UE, mal-EMAS, u mal-iżvilupp tal-metodi tal-impronta ambjentali.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

L-inizjattivi jaqgħu taħt l-umbrella tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li jiggwida l-istrateġija ta' rkupru tal-UE. Il-Patt Ekoloġiku jirrikonoxxi l-vantaġġi tal-investiment fis-sostenibbiltà kompetittiva tagħna billi tinbena Ewropa aktar ġusta, aktar ekoloġika u aktar diġitali.

L-inizjattiva hija ffinanzjata skont l-Intestatura 3 (ir-Riżorsi Naturali u l-Ambjent), it-Titolu 9 (l-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika) tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Kif spjegat fid-dettall hawn taħt, l-implimentazzjoni se teħtieġ riżorsi umani addizzjonali, infiq taħt il-programm LIFE u xi nefqa ta' appoġġ fl-EEA. Iż-żieda korrispondenti tas-sussidju tal-EEA se tiġi kkumpensata mill-programm tal-UE għall-ambjent u l-azzjoni klimatika (LIFE).

Oqsma ta' politika oħrajn jistgħu jipprovdu appoġġ lin-negozji għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti għas-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali, eż. kif stabbilit fl-atti delegati skont l-Artikolu 3, b'mod partikolari l-finanzjament tal-UE pprovdut għall-innovazzjoni u l-investimenti lin-negozji, b'mod partikolari lill-SMEs. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, permezz ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, LIFE u Orizzont Ewropa, jikkomplementa l-finanzjament privat għall-innovazzjoni u jappoġġa ċ-ċiklu kollu tal-innovazzjoni bil-għan li jiġu introdotti soluzzjonijiet fis-suq. Fl-2022, il-Programm Ewropa Diġitali nieda l-Azzjoni Miftiehma CIRPASS bl-objettiv li jinfetħu possibbiltajiet għal flussi tax-xogħol innovattivi, speċjalment biex tiżdied iċ-ċirkolarità tal-fluss ta' oġġetti tanġibbli, iżda wkoll għall-informazzjoni tal-konsumatur billi jiġi definit mudell transsettorjali tad-*data* tal-prodotti għall-passaport diġitali tal-prodotti b'utilità murija għall-Ekonomija Ċirkolari.

Il-Fond għall-Innovazzjoni huwa wieħed mill-akbar programmi ta' finanzjament tad-dinja għad-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Dan se jipprovdi madwar EUR 10 biljun ta' appoġġ matul l-2020-2030, bil-għan li jwassal lis-suq soluzzjonijiet industrijali għad-dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa u jappoġġa t-tranżizzjoni tagħha għan-newtralità klimatika.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Ġew ivvalutati diversi għażliet, inkluża l-kopertura mis-servizzi tal-ENV biss b'taħlita ta' servizzi tal-akkwist għas-settijiet ta' *data*, biex tiġi esplorata l-kooperazzjoni ma' servizzi u aġenziji oħrajn. L-aħjar għażla miżmuma tgħaqqad is-servizzi tal-akkwist għas-settijiet ta' *data* mid-DĠ ENV u kontribuzzjoni lill-EEA biex tfittex għarfien espert mill-persunal tagħha.

### 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2024 sal-2027,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

### 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[118]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☒ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

---

118 Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

| |
|---|
| L-inizjattiva tinvolvi l-akkwist, l-arranġament amministrattiv mal-JRC, iż-żieda tal-kontribuzzjoni lill-EEA u l-impatt fuq il-COM HR. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa. |

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

| |
|---|
| N/A – ara hawn fuq. |

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

| |
|---|
| N/A – ara hawn fuq. |

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

| |
|---|
| N/A – ara hawn fuq. |

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

| |
|---|
| N/A – ara hawn fuq. |

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff.[119] | mill-pajjiżi tal-EFTA[120] | minn pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali[121] | minn pajjiżi terzi oħrajn | dħul assenjat ieħor |
| 3 | 09 02 02 Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja | Diff. | IVA | LE | IVA | LE |
| 3 | 09 10 02 Aġenzija Ewropea għall-Ambjent | Diff. | IVA | IVA | LE | LE |
| 7 | 20 01 02 01 – Remunerazzjoni u gratifiki | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 7 | 20 02 01 03 – Ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali assenjati temporanjament mal-istituzzjoni | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 7 | 20 02 06 02 – Laqgħat, gruppi ta' esperti | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

| |
|---|
| Mhux applikabbli |

[119] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[120] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[121] Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **3** | Riżorsi naturali u ambjent |
|---|---|---|

| **DĠ: ENV** | | | **2024** | **2025** | **2026** | **2027 u lil hinn** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ○ Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | |
| 09 02 02 Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja | Impenji | (1) | 2,540 | 6,964 | 5,264 | 5,214 | **19,982** |
| | Pagamenti | (2) | 2,540 | 6,964 | 5,264 | 5,214 | **19,982** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ ENV** | Impenji | =(1) | 2,540 | **6,964** | **5**,264 | **5,214** | **19,982** |
| | Pagamenti | =(2) | 2,540 | **6,964** | **5**,264 | **5,214** | **19,982** |

L-ammont irrapportat hawn fuq se jkun meħtieġ biex jiġu ffinanzjati l-azzjonijiet li ġejjin:

- L-akkwist tas-settijiet tad-*data* tal-Impronta Ambjentali (EF) sekondarja li jipprovdu *data* medja ewlenija dwar il-konsum tar-riżorsi u l-emissjonijiet għal proċessi ewlenin li jistgħu jintużaw minn ħafna kumpaniji biex jivvalutaw il-ktajjen tal-valur tagħhom, l-akkwist u l-iżvilupp tad-*data* biex jimtlew lakuni possibbli fid-*data*, il-kostijiet tal-iżvilupp ta' pjattaforma tal-IT għall-bażi tad-*data* tal-EF, kif ukoll il-manutenzjoni tal-bażi tad-*data* għall-perjodu 2026-2027 (EUR 10 095 miljun). L-aċċess għas-settijiet tad-*data* tal-EF se jappoġġa lill-kumpaniji, speċjalment lill-SMEs, biex jikkonformaw mad-Direttiva dwar Asserzjonijiet Ekoloġiċi b'mod aktar kosteffiċjenti u b'inqas piż. L-aċċess faċli għal *data* ta' kwalità għolja relatata mal-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti se jkun faċilitatur ewlieni għall-kumpaniji kollha, iżda speċjalment għall-SMEs, biex jissostanzjaw l-asserzjonijiet ambjentali b'mod robust mhux relatat mal-kwistjoni dwar jekk l-atti delegati bbażati fuq l-Artikolu 3 ta' din il-proposta dwar l-asserzjonijiet ambjentali humiex fis-seħħ jew le. L-aċċess għas-settijiet tad-*data* tal-EF se jappoġġa wkoll l-implimentazzjoni ta' politiki oħrajn tal-UE dwar is-sostenibbiltà

ambjentali u se jgħin lill-konsumaturi jagħmlu l-għażliet it-tajbin, bħar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR)[122]. L-ESPR jintroduċi l-possibbiltà li jiġu stabbiliti rekwiżiti obbligatorji ta' informazzjoni, li jistgħu jkunu marbuta wkoll mar-rekwiżiti tat-tikkettar, u dan se jirriżulta fi flussi mtejba ta' informazzjoni permezz tal-Passaporti Diġitali tal-Prodotti. Is-settijiet tad-*data* tal-EF se jappoġġaw il-kalkolu u l-iffissar tar-rekwiżiti tal-informazzjoni u tal-prestazzjoni, eż. relatati mal-impronta tal-karbonju u ambjentali, kif previst mill-proposta tal-ESPR, abbażi ta' sett armonizzat ta' *data* sekondarja ta' kwalità għolja.

- L-akkwist ta' studji u stħarriġ dwar l-użu ta' metodi użati għas-sostanzjar mill-partijiet ikkonċernati u l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar Asserzjonijiet Ekoloġiċi (EUR 0,150 miljun)
- Il-JRC se jkollu rwol ewlieni fl-appoġġ lill-Kummissjoni bi ftit mix-xogħol tekniku meħtieġ. L-Arranġament Amministrattiv huwa mistenni li jirrappreżenta kost ta' madwar EUR 1 700 miljun
- L-appoġġ amministrattiv u tekniku għat-tħejjija ta' atti delegati skont l-Artikolu 3(4) dwar l-ispeċifikazzjoni ulterjuri tar-rekwiżiti għas-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti li jistabbilixxu regoli bbażati fuq iċ-ċiklu tal-ħajja għal gruppi ta' prodotti jew setturi speċifiċi, se jkun ukoll nefqa importanti. Din il-linja baġitarja tirrappreżenta t-tħejjija ta' 6 atti delegati bħal dawn (EUR 6 827 miljun)
- Miżuri ta' akkumpanjament biex jgħinu lill-SMEs jadattaw għal din id-Direttiva, inkluż l-iżvilupp ta' għodod ta' kalkolu bbażati fuq ir-rekwiżiti deskritti fl-atti delegati skont l-Artikolu 3(4) (EUR 1 210 miljun).

| **Aġenzija: EEA** | | | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| Titolu 1: Nefqa fuq il-persunal | Impenji | (1a) | 0,180 | 0,367 | 0,375 | **0,922** |
| | Pagamenti | (2a) | 0,180 | 0,367 | 0,375 | 0,922 |
| Titolu 2: Infrastruttura | Impenji | (1b) | | | | |
| | Pagamenti | (2b) | | | | |
| Titolu 3: Nefqa operazzjonali | Impenji | (1c) | 0,095 | 0,065 | 0,065 | **0,225** |
| | Pagamenti | (2c) | 0,095 | 0,065 | 0,065 | **0,225** |
| **TOTAL tal-** | Impenji | =1a+1b+1ċ | **0,275** | **0,432** | **0,440** | **1,147** |

122 Disponibbli fuq https://environment.ec.europa.eu/publications/proposal-ecodesign-sustainable-products-regulation_mt

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **approprjazzjonijiet għall-aġenzija EEA** | Pagamenti | =2a+2b +2ċ | **0,275** | **0,432** | **0,440** | **1,147** |

Il-kostijiet tal-EEA jinkludu l-kostijiet għal 2 FTE addizzjonali (1 AT u 1 AK), kif ukoll in-nefqa operazzjonali, għall-fini tal-monitoraġġ tal-asserzjonijiet ambjentali mqiegħda fis-suq tal-UE wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva skont l-Artikolu 20(4). L-Aġenzija se tingħata l-kompitu li tagħmel analiżi dettaljata tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 20(1) – (3) u tippubblika rapporti kull sentejn bil-valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-asserzjonijiet ekoloġiċi madwar l-UE. Din l-istima tinkludi l-biċċa l-kbira tal-evidenza għar-rapporti biannwali li għandhom jiġu kkompilati mill-Istati Membri u rrapportati fil-livell Ewropew permezz ta' kwestjonarji. L-EEA se tipproponi dawn il-kwestjonarji bi qbil mad-DĠ ENV u tippermettihom permezz ta' għodda elettronika standard. L-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri se tkun taħlita ta' statistika dwar asserzjonijiet fis-swieq nazzjonali tagħhom u deskrizzjoni kwalitattiva tan-natura ta' asserzjonijiet foloz u azzjonijiet korrettivi implimentati. Il-kompiti ta' dawn il-membri tal-persunal se jkunu ta' natura permanenti biex jirrapportaw mill-pajjiżi u jipproduċu r-rapport analitiku kull sentejn, kif ukoll kompiti ta' appoġġ li huma meħtieġa fl-isfond (amministrazzjoni, komunikazzjoni, żvilupp tal-IT, appoġġ għan-negozju, eċċ.).

| □ TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | | | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | (4) | **2,540** | **7,239** | **5,696** | **5,654** | **21,129** |
| | Pagamenti | (5) | **2,540** | **7,239** | **5,696** | **5,654** | **21,129** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI minn 1 sa 3** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4 | **2,540** | **7,239** | **5,696** | **5,654** | **21,129** |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **7** | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

Jenħtieġ li din it-taqsima timtela billi tintuża d-"*data* baġitarja ta' natura amministrattiva" li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u lil hinn | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: ENV | | | | | | |
| □ Riżorsi umani | | 0,606 | 0,606 | 0,606 | 0,606 | **2,424** |
| □ Nefqa amministrattiva oħra | | 0,180 | 0,180 | 0,180 | 0,180 | **0,720** |
| **TOTAL TAD-DĠ ENV** | Approprjazzjonijiet | **0,786** | **0,786** | **0,786** | **0,786** | **3,144** |

Il-persunal attwali fid-DĠ ENV jinkludi 2 uffiċjal FTE (AD) li jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-politika u 2 uffiċjali FTE (AD) li jittrattaw kwistjonijiet metodoloġiċi. Dan il-persunal se jkompli jkun essenzjali fil-futur u huwa mistenni li jittratta l-kompiti li ġejjin:

- Attivitajiet relatati mal-inizjattiva għal asserzjonijiet ekoloġiċi, bħall-koordinazzjoni tal-politika, il-pjan ta' ħidma tal-inizjattiva għal asserzjonijiet ekoloġiċi (inkluża kopertura parzjali tal-iżvilupp ta' rekwiżiti ulterjuri relatati ma' asserzjonijiet speċifiċi), il-koordinazzjoni tat-tim, il-monitoraġġ, ir-relazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Dawn l-attivitajiet jeħtieġu r-riżorsi ta' 2 uffiċjali FTE.
- L-iżvilupp ulterjuri tal-EF u ta' metodi oħrajn għas-sostanzjar tal-asserzjonijiet ekoloġiċi f'konformità mal-Artikolu 3: it-tmexxija tal-gruppi ta' esperti, il-ġestjoni tal-fażi ta' tranżizzjoni tal-PEFCRs/OEFSRs (inkluż il-kompitu addizzjonali tal-adozzjoni tal-KE jekk il-partijiet inkorporati fl-atti delegati skont l-Artikolu 3(4) dwar l-ispeċifikazzjoni ulterjuri tar-rekwiżiti għas-sostanzjar ta' asserzjoni ambjentali espliċita fil-futur). Dawn l-attivitajiet jeħtieġu r-riżorsi ta' uffiċjal FTE wieħed.
- Il-ġestjoni tad-*data* sekondarja dwar l-EF: il-ġestjoni tal-kuntratti, il-kontrolli tad-*data*, il-bażi tad-*data* tal-bini, eċċ. Dawn l-attivitajiet jeħtieġu r-riżorsi ta' uffiċjal FTE wieħed.

B'mod ġenerali, il-kompiti relatati mal-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja ('Life Cycle Assessment' - LCA) (eż. l-iżvilupp tal-metodu u tad-*data*) u l-kompitu relatat mal-iżvilupp tal-metodu u tad-*data* għas-sostanzjar tal-asserzjonijiet ekoloġiċi jeħtieġu għarfien tekniku/xjentifiku speċjalizzat b'edukazzjoni xjentifika fil-livell ta' PhD u snin ta' esperjenza fil-qasam. Ma huwiex possibbli li tali persunal jiġi attirat b'kundizzjonijiet ta' aġent kuntrattwali. Għalhekk, jenħtieġ li dawn il-kompiti ikunu koperti permezz ta' karigi uffiċjali, li, jekk ma jkun hemm l-ebda persunal speċjalizzat disponibbli internament, jenħtieġ li jinfetħu għal karigi ta' aġenti temporanji.

Għalhekk, id-DĠ ENV jitlob membri tal-persunal addizzjonali (**3 AD u 1 END** skont id-distribuzzjoni tal-pożizzjonijiet ta' hawn taħt) li ser:

- iħejju madwar 6-7 atti delegati skont l-Artikolu 3(4) dwar l-ispeċifikazzjoni ulterjuri tar-rekwiżiti għas-sostanzjar ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti biex jiġu rregolati asserzjonijiet speċifiċi, pereżempju, dwar il-possibbiltà ta' tiswija, ir-riċiklabbiltà, id-durabbiltà jew l-istabbiliment ta' regoli speċifiċi bbażati fuq iċ-ċiklu tal-ħajja għal ċerti gruppi ta' prodotti u setturi;
- iħejju atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-proċeduri rilevanti għall-approvazzjoni ta' skemi privati ġodda ta' tikkettar mill-awtoritajiet nazzjonali u l-format taċ-ċertifikat ta' konformità tal-asserzjonijiet u tal-iskemi ta' tikkettar;
- iħejju atti delegati li jispeċifikaw aktar il-kriterji għall-approvazzjoni tal-iskemi ta' tikkettar ambjentali msemmija fl-Artikolu 8 sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi madwar l-Unjoni;
- jevalwaw l-iskemi nnotifikati ta' tikkettar ambjentali stabbiliti mill-awtoritajiet pubbliċi f'pajjiżi terzi li għandhom l-għan li joperaw fis-suq tal-Unjoni u jħejju d-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni rispettivi mill-Kummissjoni bil-għan li jiżguraw li dawn l-iskemi jipprovdu valur miżjud f'termini tal-ambizzjoni ambjentali tagħhom, il-kopertura tagħhom tal-impatti ambjentali, l-aspetti ambjentali jew il-prestazzjoni ambjentali, jew ta' ċertu grupp ta' prodotti jew settur, u jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva;
- jissorveljaw l-istudji preparatorji, l-istudji ta' rieżami u studji oħrajn bi tħejjija għall-atti delegati;
- jiżviluppaw u jiġġestixxu l-bażi tad-*data* tal-EF rilevanti għal din il-politika u għal politiki oħrajn bħall-ESPR, ir-regolament dwar il-batteriji jew it-tassonomija;

Barra minn hekk, hemm żewġ gruppi ta' esperti involuti f'din il-politika u jenħtieġ li l-baġit ikopri tliet laqgħat fis-sena għal kull grupp ta' esperti.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | **0,786** | **0,786** | **0,786** | **0,786** | **3,144** |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | **2024** | **2025** | **2026** | **2027 u lil hinn** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet** | Impenji | **3,326** | **8,025** | **6,482** | **6,440** | **24,273** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **skont l-INTESTATURI minn 1 sa 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Pagamenti | **3,326** | **8,025** | **6,482** | **6,440** | **24,273** |

### *3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[123] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[124]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

[123] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).
[124] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi …"

*3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi tal-EEA u tal-COM*

3.2.3.1. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-EEA

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AD) | 0,117 | 0,240 | 0,244 | **0,602** |
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AST) | | | | |
| Aġenti kuntrattwali | 0,063 | 0,128 | 0,130 | **0,320** |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | |
| **TOTAL** | **0,180** | **0,367** | **0,375** | **0,922** |

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

| | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AD) | 1 | 1 | 1 | |
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AST) | | | | |
| Aġenti kuntrattwali | 1 | 1 | 1 | |
| Esperti Nazzjonali Sekondati | | | | |
| **TOTAL** | **2** | **2** | **2** | |

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati dwar l-approprjazzjonijiet amministrattivi fil-Kummissjoni

3.2.3.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 u lil hinn | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,606 | 0,606 | 0,606 | 0,606 | **2,424** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,180 | 0,180 | 0,180 | 0,180 | **0,720** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0,786 | 0,786 | 0,786 | 0,786 | **3,144** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7[125] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Riżorsi umani | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| **TOTAL** | 0,786 | 0,786 | 0,786 | 0,786 | **3,144** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

125 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | | **2024** | **2025** | **2026** | **2027 u lil hinn** |
|---|---|---|---|---|---|
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 3 | 3 | 3 | 3 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | |
| **XX** 01 xx **yy zz** [126] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | |
| **TOTAL** | | 4 | 4 | 4 | 4 |

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Ara l-ispjegazzjoni pprovduta għall-H7 fit-taqsima 3.2.1. |
| Persunal estern | Ara l-ispjegazzjoni pprovduta għall-H7 fit-taqsima 3.2.1. |

[126] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Il-pakkett LIFE (linji baġitarji 09.02.02) se jintuża biex jikkumpensa għaż-żieda tas-sussidju taż-ŻEE.

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[127] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

127 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa☐

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[128] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| L-Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

| |
|---|
| |

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

| |
|---|
| |

[128] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta’ 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.